Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0168

Ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u l-ġestjoni ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-9 ta' Settembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE (COM(2023)0451 – C9-0308/2023 – 2023/0284(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitati responsabbli skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0158/2025).

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[37] (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew") hija l-istrateġija ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkun hemm l-ebda emissjoni netta ta' gassijiet b'effett ta' serra ***fl-*** 2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Sabiex il-politiki tal-Unjoni dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati, manifatturati u ttrattati fi tmien il-ħajja tagħhom b'mod sostenibbli.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[37] (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew") hija l-istrateġija ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkun hemm l-ebda emissjoni netta ta' gassijiet b'effett ta' serra ***sa mhux aktar tard mill-***2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Sabiex il-politiki tal-Unjoni dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati, manifatturati u ttrattati fi tmien il-ħajja tagħhom b'mod sostenibbli.
_____	_____
[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).	[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640 final).

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal ***mobilità*** b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba ***użu*** aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-	(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal ***mobbiltà*** b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, ***id-daqs u l-piż dejjem jiżdiedu tal-vetturi,*** kif ukoll minħabba ***l-użu*** aktar mifrux ***u l-kumplessità*** tal-elettronika f'mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta

rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità ***tal-partijiet***, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi***, u li l-industrija tista' ssir aktar u aktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika u vulnerabbli għall-interruzzjonijiet tal-provvista, u għalhekk, titlef il-kompetittività***. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità ***tal-parts***, il-komponenti u l-materjali li għandhom ***jissewwew,*** jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati***, jiġu modifikati retroattivament*** jew riċiklati minn vetturi ***kemm matul il-fażi tal-użu kif ukoll f'vetturi*** li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur***, u tiġi appoġġata l-kompetittività billi tiżdied ir-reżiljenza tal-industrija tal-karozzi***, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-

	effiċjenza tar-riċiklaġġ”. ***Dan huwa wkoll f’konformità mar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38a].*** Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta’ regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.
[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta’ Marzu 2020, Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).	[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta’ Marzu 2020, Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)0098 final).
	[38a] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).
[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.	[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.
[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2021 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.	[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2021 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] introduċa sistema komprensiva ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur, it-trejlers, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq uniku u sabiex jiġi offrut livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali. Hemm bżonn ta' att regolatorju separat għall-finijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE stipulata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet u rekwiżiti dwar iċ-ċirkolarità tal-vetturi fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-vetturi ma' dawk ir-rekwiżiti, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-verifika tagħhom fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Id-dispożizzjonijiet amministrattivi tar-Regolament (UE) 2018/858, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq, il-miżuri korrettivi u l-penali, japplikaw għall-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa minn dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet amministrattivi tar-Regolament (UE) 2018/858, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq, il-miżuri korrettivi u l-penali, japplikaw għall-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.	(6) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] introduċa sistema komprensiva ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur, it-trejlers, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq uniku u sabiex jiġi offrut livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali. Hemm bżonn ta' att regolatorju separat għall-finijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE stipulata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet u rekwiżiti dwar iċ-ċirkolarità tal-vetturi fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-vetturi ma' dawk ir-rekwiżiti, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-verifika tagħhom fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Id-dispożizzjonijiet amministrattivi tar-Regolament (UE) 2018/858, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq, il-miżuri korrettivi***, il-klawżoli ta' salvagwardja*** u l-penali, japplikaw għall-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

[44] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).	[44] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni retroattiva tar-rekwiżiti, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn approvazzjonijiet tat-tip emendati u approvazzjonijiet tat-tip ġodda. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-emendi ma jeħtiġux approvazzjoni tat-tip ġdida b’mod sistematiku skont ir-Regolament (UE) 2018/858.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi	(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi

fir-rigward tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b’mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta’ tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f’vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta’ tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u l-ħtieġa li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn tħassib ambjentali, u f’konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b’Regolament, abbażi tal-Artikolu 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

fir-rigward tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku ***u l-esportazzjoni ta’ vetturi użati***. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b’mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta’ tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f’vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta’ tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u l-ħtieġa li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn tħassib ambjentali, u f’konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b’Regolament, abbażi tal-Artikolu 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(TFUE).

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 **%** tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, anki għal ***ċerti*** vetturi tal-kategorija L ***(L_3e-L_7e)***, vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif	(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 ***fil-mija*** tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, anki għal vetturi tal-kategorija L, vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta'

ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L ***(L3e-L7e)*** u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' ***partijiet***, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.	trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' ***parts***, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li japplikaw rekwiżiti addizzjonali għall-vetturi tal-kategorija L, bħal fir-rigward tat-tikkettar, rigward it-tneħħija obbligatorja jew rigward l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni.***

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(8a) Sabiex tiġi żgurata koerenza regolatorja u tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku, huwa meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi estiż għal vetturi li jaqgħu taħt il-kategoriji L_1 u L_2 kif definit fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. Il-**

vetturi tal-kategoriji L_1e u L_2e mhumiex soġġetti b'mod uniformi għal reġistrazzjoni amministrattiva skont id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE[1b] fl-Istati Membri, minkejja li jkollhom approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) Nru 168/2013. Dik l-inkonsistenza regolatorja tirriskja li toħloq approċċi nazzjonali frammentati, filwaqt li timponi piżijiet sproporzjonati fuq il-manifatturi u ddgħajjef il-kompetittività tal-industrija. Biex jiġu żgurati l-koerenza u l-armonizzazzjoni regolatorji, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li, meta dawk il-vetturi ma jkunux soġġetti għal reġistrazzjoni amministrattiva, jenħtieġ li tiġi implimentata sistema alternattiva għar-reġistrazzjoni tal-identifikazzjoni tagħhom, inkluż fil-punt tat-tqegħid fis-suq, matul l-użu, jew meta ma jibqgħux jintużaw. Dak l-approċċ jenħtieġ li jipprevjeni disparitajiet fit-trattament ta' vetturi simili, u jallinja l-obbligi fil-vetturi kollha tal-kategorija L, u b'hekk irawwem qafas konsistenti għall-iskop ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2

	013/168/oj)
	[1b] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57). http://data.europa.eu/eli/dir/1999/37/oj).

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu mis-servizzi armati biss, kif ukoll vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu mis-servizzi armati, id-difiża ċivili, is-servizzi tat-tifi tan-nar, il-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-servizzi mediċi ta' emerġenza jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk il-vetturi jaqdu funzjonijiet operazzjonali speċjalizzati u huma soġġetti għal rekwiżiti tekniċi speċifiċi u d-disinn, il-kostruzzjoni u l-użu tagħhom ivarjaw b'mod sinifikanti minn dawk tal-vetturi maħsuba għat-trasport ġenerali bit-triq. Għalhekk, l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ġenerali taċ-ċirkolarità għad-disinn u l-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi għal tali vetturi ma tkunx xierqa u l-esklużjoni tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija konsistenti man-natura speċifika tal-funzjonijiet tagħhom.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Sabiex jiġi ppreservat il-wirt kulturali tal-Ewropa, il-vetturi ta' interess storiku jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-vetturi ta' interess kulturali speċjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu uffiċjalment rikonoxxuti bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu rreġistrati, f'konformità ma' kriterji speċifiċi. Dik l-esklużjoni jenħtieġ li ma teżentax tali vetturi milli jinżammu u jiġu mmaniġġjati b'mod ambjentalment korrett, f'konformità mal-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe vettura li tibbenefika minn tali eżenzjoni tiġi mmaniġġata kif xieraq.

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 9c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9c) Sabiex jiġi żgurat li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi adattat għar-realtajiet tas-suq, tipi oħra ta' vetturi, bħal vetturi

ta' kategoriji L prodotti f'serje żgħira jew ċerti ċikli ddisinjati bil-pedali, jenħtieġ li jiġu esklużi wkoll minn dan ir-Regolament.

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja ***għall-partijiet*** u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. Il-manifattur tat-tieni stadju ta' vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ma huwiex f'pożizzjoni li jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa għalhekk xieraq li l-obbligu ta' konformità ma' din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura bażi.	(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja ***għall-parts*** u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. ***Madankollu, il-vetturi bi skop speċjali prodotti minn manifatturi ta' volum żgħir jenħtieġ li jiġu esklużi għalkollox mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** Il-manifattur tat-tieni stadju ta' vetturi***, bħal dawk li jipproduċu l-karozzerija,*** li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ma huwiex f'pożizzjoni li

	jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, ta’ riċiklaġġ u ta’ rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa għalhekk xieraq li l-obbligu ta’ konformità ma’ din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura bażi ***f’dan l-istadju. Bħala konsegwenza, il-karozzerija ta’ vetturi mibnija f’diversi stadji li ma hijiex inkluża fil-vettura bażi jenħtieġ li ma tkunx inkluża fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur.***

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a)Il-karavans bil-mutur u l-karavans li jinġibdu, kif definiti fl-Anness I huma distinti minn vetturi jew trejlers konvenzjonali, peress li l-funzjoni primarja tagħhom hija l-akkomodazzjoni aktar milli t-trasport. Ħafna karavans li jinġibdu huma fissi b’mod permanenti fil-post bħala akkomodazzjoni għall-vaganzi, użati għall-akkomodazzjoni staġjonali u jibqgħu funzjonali għal għexieren ta’ snin. Jenħtieġ li dawk l-unitajiet ma jiġux ikklassifikati bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw peress li jkomplu jservu bħala akkomodazzjoni, spiss mhux irreġistrati, u dan iwassal għal klassifikazzjoni ħażina bħala vetturi neqsin. Dawk il-karavans huma mibnija b’komponenti mhux awtomobilistiċi bħall-injam, l-

	għamara, is-sistemi tal-ilma u s-sistemi elettriċi domestiċi, li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-vetturi. Minħabba n-natura tal-iskop speċjali tagħhom, il-kompożizzjoni tal-materjal distinta u l-użu kontinwu, il-karavans bil-mutur u l-karavans li jinġibdu jenħtieġ li jiġu esklużi minn dan ir-Regolament.
Emenda 13 **Proposta għal regolament** **Premessa 11**	
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, ***b'mod partikolari*** f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ta' vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida[46] dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti li jippermettu li tiġi ddeterminata vettura li ma għadhiex tintuża. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw.	(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ***u esportazzjonijiet*** ta' vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida[46] dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti li jippermettu li tiġi ddeterminata vettura li ma għadhiex tintuża. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jintużaw ***mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha,*** mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw.
[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/corresponde	[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/corresponde

nts_guidelines9_en.pdf

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li ***l-partijiet*** u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn ***il-partijiet***, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-fornituri tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 **%** skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 **%** skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu	(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li ***l-parts*** u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn ***il-parts***, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-fornituri tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 ***fil-mija*** skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 ***fil-mija*** skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida

u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, tar’ riċiklaġġ u ta’ rkupru ta’ vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta’ vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, ta’ riċiklaġġ u ta’ rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f’konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.

għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, tar’ riċiklaġġ u ta’ rkupru ta’ vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta’ vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija ***filwaqt li tqis l-istandard ISO 22628:2002***. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, ta’ riċiklaġġ u ta’ rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f’konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmira lejn l-aġġornament tal-metodoloġija rilevanti tan-NU kif xieraq għall-prevenzjoni tal-kunflitt mal-metodoloġija tal-Unjoni u sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-manifatturi.***

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a)Il-fatt li tiġi żgurata l-possibbiltà ta’ tiswija tal-vetturi tul il-ħajja tagħhom huwa pilastru fundamentali ta’ ekonomija awtomobilistika tassew sostenibbli u ċirkolari. Jenħtieġ li l-vetturi ma jiġux ikklassifikati qabel iż-żmien

	bħala li ma għadhomx jintużaw meta jkunu jistgħu jissewwew, peress li dan iwassal għal skart bla bżonn, ineffiċjenzi ekonomiċi u piż żejjed fuq is-sidien tal-vetturi. Jenħtieġ li vettura titqies bħala vettura li ma għadhiex tintuża biss meta ma tistax tiġi restawrata b'mod raġonevoli biex tissodisfa r-rekwiżiti tat-test tal-affidabbiltà stradali u għalhekk tippreżenta riskju għas-sikurezza għall-utenti tat-triq.
Emenda 16 **Proposta għal regolament** **Premessa 13b (ġdida)**	
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Il-lonġevità tal-vetturi tiddependi mhux biss mid-disinn inizjali tagħhom iżda wkoll mid-disponibbiltà ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni affordabbli u kompetittivi. Is-sewwejja indipendenti jenħtieġ li jkunu jistgħu joperaw taħt kundizzjonijiet ġusti u trasparenti biex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jkunux dipendenti biss minn networks tat-tiswija kkontrollati mill-manifattur, li inkella jistgħu jillimitaw il-kompetizzjoni, iżidu l-kostijiet u jnaqqsu d-disponibbiltà tas-servizz. L-ostakli għat-tiswija, inklużi r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-ispare parts, l-għodod dijanjostiċi, ir-rabta mhux ġustifikata ta' parts ma' vettura speċifika u informazzjoni teknika, jenħtieġ li jiġu prevenuti biex

tiġi ssalvagwardjata l-għażla tal-konsumatur u jiġi żgurat l-użu effiċjenti fir-riżorsi.

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Id-Direttiva 2000/53/KE diġà tirrestrinġi l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju u tal-kromu eżavalenti fil-vetturi u tipprovdi eżenzjonijiet, fejn tali sustanzi jistgħu jintużaw f'ċerti applikazzjonijiet. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi dawn ir-regoli eżistenti. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, ir-restrizzjonijiet rigward it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi oħra fil-vetturi jenħtieġ li jiġu indirizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48]. Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġu ***introdotti*** restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi rregolati fir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. ***Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jipprovdix il-possibbiltà li tiġi ristretta kwalunkwe sustanza oħra għajr iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromu eżavalenti fil-vetturi.***	(15) Id-Direttiva 2000/53/KE diġà tirrestrinġi l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju u tal-kromu eżavalenti fil-vetturi u tipprovdi eżenzjonijiet, fejn tali sustanzi jistgħu jintużaw f'ċerti applikazzjonijiet. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi dawn ir-regoli eżistenti. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, ir-restrizzjonijiet rigward it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi oħra fil-vetturi jenħtieġ li jiġu indirizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48]. Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġu ***rrispettati*** restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi rregolati fir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.
[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-	[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-

awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).	awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).
[49] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).	[49] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a)Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ma’ dan ir-Regolament u tiġi pprovduta gwida dwar ir-restrizzjonijiet ta’ sustanzi ta’ tħassib preżenti fil-vetturi, iżda wkoll dawk li jfixklu r-riċiklaġġ għal materja prima sekondarja sikura u ta’ kwalità għolja, huwa xieraq li jitwettaq immappjar tas-sustanzi ta’ tħassib. Dan jenħtieġ li jsir mill-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (l-Aġenzija). Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri ta’ segwitu xierqa f’dak ir-rigward, inkluża l-possibbiltà li tadotta atti

delegati.

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Id-Direttiva 2000/53/KE tipprovdi eżenzjonijiet għar-restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb u l-kadmju fil-batteriji użati fil-vetturi, li ġew inklużi f'dan ir-Regolament. Madankollu, l-użu ta' sustanzi fil-batteriji huwa regolat b'mod komprensiv fir-Regolament (UE) Nru 2023/***[Batteriji]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Għalhekk, jenħtieġ li tali sustanzi jiġu indirizzati u eventwalment ir-restrizzjonijiet tagħhom u l-eżenzjonijiet relatati ttrasferiti, kif xieraq, għal dak ir-Regolament u jenħtieġ li ma jiġux regolati f'dan ir-Regolament. Qabel ma jiġu introdotti tali restrizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 2023/[Batteriji], jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni komprensiva skont dak ir-Regolament biex jiġi evalwat, jekk eżenzjoni tkunx għadha meħtieġa u f'liema ambitu.	(16) Id-Direttiva 2000/53/KE tipprovdi eżenzjonijiet għar-restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb u l-kadmju fil-batteriji użati fil-vetturi, li ġew inklużi f'dan ir-Regolament. Madankollu, l-użu ta' sustanzi fil-batteriji huwa regolat b'mod komprensiv fir-Regolament (UE) 2023/***1524*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Għalhekk, jenħtieġ li tali sustanzi jiġu indirizzati u eventwalment ir-restrizzjonijiet tagħhom u l-eżenzjonijiet relatati ttrasferiti, kif xieraq, għal dak ir-Regolament u jenħtieġ li ma jiġux regolati f'dan ir-Regolament. Qabel ma jiġu introdotti tali restrizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 2023/[Batteriji], jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni komprensiva skont dak ir-Regolament biex jiġi evalwat, jekk eżenzjoni tkunx għadha meħtieġa u f'liema ambitu.
_____	_____
[50] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ***[data]*** 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L ***[...]***).	[50] Ir-Regolament ***(UE) 2023/1542*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-12*** ta' ***Lulju*** 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L ***191, 28.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj***).

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta'*** atti delegati ***f'konformità mal-Artikolu*** 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tkompli tiġi ddelegata lill-Kummissjoni*** fir-rigward tal-emendar ta' eżenzjonijiet minn restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromu eżavalenti fil-vetturi skont dan ir-Regolament. Il-modifika jew it-tħassir ta' tali eżenzjonijiet jenħtieġ li jkunu ppreċeduti minn valutazzjoni tal-impatti soċjoekonomiċi ta' tali bidla, li hija nieqsa fid-Direttiva 2000/53/KE, inkluża l-kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà ta' sustanzi alternattivi u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi. Sabiex jiġu żgurati t-teħid ta' deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-emendar ta' dan ir-Regolament fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi fil-vetturi, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jenħtieġ li tassisti lill-Kummissjoni f'tali valutazzjoni.	(17) Sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, ***jenħtieġ li tkompli tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta*** atti delegati ***skont l-Artikolu*** 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar ta' eżenzjonijiet minn restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromu eżavalenti fil-vetturi skont dan ir-Regolament. Il-modifika jew it-tħassir ta' tali eżenzjonijiet jenħtieġ li jkunu ppreċeduti minn valutazzjoni tal-impatti soċjoekonomiċi ta' tali bidla, li hija nieqsa fid-Direttiva 2000/53/KE, inkluża l-kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà ta' sustanzi alternattivi u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi***. Qabel ma tadotta tali att delegat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-esperti rilevanti u lill-partijiet ikkonċernati biex tiżgura li jitqiesu impatti soċjoekonomiċi usa', flimkien mal-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ambjentali.*** Sabiex jiġu żgurati t-teħid ta' deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-emendar ta' dan ir-Regolament fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi fil-vetturi, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jenħtieġ li tassisti lill-Kummissjoni f'tali valutazzjoni.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw ***il-materja prima*** riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan ***inaqqas*** ukoll id-dipendenzi ***milll-materja*** prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati**.** Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur	(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw ***il-materjali*** riċiklati minflok il-materja prima primarja***, filwaqt li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi tinżamm***. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan ***isaħħaħ*** ukoll ***l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Unjoni billi jnaqqas*** id-dipendenzi ***mill-materja*** prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja***, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għaż-żamma ta' materja prima kritika ta' valur fl-Unjoni,*** u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni

awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.

ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, ***inkluż permezz ta' swieq online,*** irrispettivament minn fejn ikunu bbażati**,** Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni. ***It-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari fis-settur awtomobilistiku jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-impjiegi u joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun jista' jappoġġja lill-ħaddiema permezz ta' tranżizzjoni ġusta, billi jintegra aspetti ta' sostenibbiltà soċjali, ekonomiċi u ambjentali.***

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ***20*** fil-

ħamsa u għoxrin fil-mija ta’ plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta’ wara l-użu mill-konsumatur. ***Ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta’ din il-mira ta’ kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta’ vettura kkonċernat. Sabiex ***jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan l-obbligu***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem*** tal-plastik ***irkuprat*** mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur, ***u minn vetturi li*** ma ***għadhomx jintużaw rispettivament***, ***preżenti u inkorporati fit-tip*** ta’ ***vettura***.

mija ta’ plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta’ wara l-użu mill-konsumatur. ***15*** fil-mija ta’ din il-mira ta’ kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta’ vettura kkonċernat. Sabiex ***tiġi żgurata l-perspettiva fit-tul meħtieġa għall-industrija u jiġu sfruttati l-investimenti***, jenħtieġ li ***l-manifatturi fi stadju aktar tard jilħqu mira ta’ mill-inqas 25 fil-mija*** tal-plastik ***riċiklat*** mill-iskart ***tal-plastik*** ta’ wara l-użu mill-konsumatur, ***sakemm in-nuqqas ta’ disponibbiltà jew il-prezzijiet eċċessivi tal-plastik riċiklat meħtieġ*** ma ***jagħmlux il-konformità ma’ din il-mira eċċessivament diffiċli. Sabiex tiġi offruta biżżejjed flessibbiltà biex jintlaħqu dawn il-miri, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu jistgħu jilħqu wkoll sa massimu ta’ 50 fil-mija tagħhom billi jużaw l-iskart ta’ qabel il-konsum.***

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a)Sabiex jiġu supplimentati ċerti elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik

irkuprat mill-iskart ta’ qabel u ta’ wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta’ vettura, filwaqt li tqis l-aħjar teknoloġija ta’ riċiklaġġ disponibbli, inkluż ir-riċiklaġġ mekkaniku u kimiku. Biex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi, huwa meħtieġ li jiġi indirizzat it-tħassib ambjentali relatat b’mod nondiskriminatorju fir-rigward tal-plastik riċiklat prodott domestikament u importat. Għal dak il-għan, il-plastik riċiklat mill-iskart qabel l-użu mill-konsumatur integrat f’vetturi importati fl-Unjoni jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-emissjonijiet u l-ġbir separat u l-kriterji ta’ sostenibbiltà għat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f’vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta’ vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, ***is-setgħa ta’ adozzjoni ta’*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-***	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f’vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta’ vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, ***jenħtieġ li tiġi stabbilita mira għall-integrazzjoni tal-azzar riċiklat minn ruttam ferruż f’vetturi ġodda. Barra minn hekk,***

Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta’ sehem minimu ta’ azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta’ ***wara l-użu mill-konsumatur*** li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta’ vetturi. L-istabbiliment ta’ mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta’ tali mira. Sabiex jiġu ***żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni*** ta’ dan ***l-obbligu***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi*** metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat ***mill-iskart tal-azzar ta’ wara l-użu mill-konsumatur*** preżenti fit-tip ta’ vettura u inkorporat fih.

jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment ta’ sehem minimu ta’ azzar riċiklat minn skart tal-azzar ***minn ruttam ferruż inkluż azzar minn familji*** ta’ ***prodotti tal-azzar bil-karbonju ċatti u twal u familji ta’ prodotti tal-azzar inossidabbli,*** li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta’ vetturi. L-istabbiliment ta’ mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta’ tali mira***, inklużi wkoll l-impatti fuq setturi oħra li jużaw l-azzar u l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra. Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn diversi familji ta’ prodotti tal-azzar fil-vettura, peress li huma prodotti bl-użu ta’ teknoloġiji differenti li għandhom diversi restrizzjonijiet għall-użu ta’ ruttam ferruż fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jittolleraw kontenut tar-ram u inklużjonijiet oħra ta’ tramp mhux intenzjonati***. Sabiex jiġu ***supplimentati ċerti elementi mhux essenzjali*** ta’ dan ***ir-Regolament***, jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-istabbiliment ta’*** metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat ***minn ruttam ferruż*** preżenti fit-tip ta’ vettura u inkorporat fih.

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a)Is-settur awtomobilistiku huwa wkoll wieħed mill-akbar utenti tal-aluminju, u jirrappreżenta aktar minn 40 fil-mija tad-domanda totali, u l-użu qed jiżdied. L-assorbiment kurrenti tal-aluminju riċiklat f'vetturi ġodda huwa baxx. Sabiex jingħata kontribut għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tiġi appoġġata l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, jitnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-kostijiet, u tissaħħaħ ir-reżiljenza billi jitnaqqsu d-dipendenzi mill-provvisti tal-materja prima primarja, huwa xieraq li jiżdied l-użu tal-aluminju riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' aluminju riċiklat li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu supplimentati ċerti elementi

mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tas-sehem tal-aluminju u tal-ligi tiegħu rkuprati mill-iskart preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporati fiha.

Emenda 26
Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Hemm potenzjal li jiżdied l-użu ta' kontenut riċiklat fil-vetturi għal materjali oħra li jintużaw b'mod komuni mill-industrija tal-karozzi li għalihom is-swieq għall-materja prima sekondarja ma humiex żviluppati biżżejjed, l-impronta marbuta mal-produzzjoni tal-materja prima primarja hija għolja jew il-livelli ta' riċiklaġġ huma limitati, filwaqt li t-teknoloġiji tas-separazzjoni u r-riċiklaġġ qed jittejbu. Għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta x-xewqa, il-fattibbiltà u l-impatti li jiġu stabbiliti miri dwar il-kontenut riċiklat tan-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju, il-boron li jintużaw f'kalamiti permanenti ***kif ukoll għall-aluminju u l-ligi tiegħu***, jew il-manjeżju u l-ligi tiegħu. Għall-fattibbiltà tal-iffissar potenzjali ta' miri dwar tipi speċifiċi ta' ligi tal-aluminju u tal-manjeżju, l-istudju jenħtieġ li jindirizza t-tqabbil tad-domanda mal-provvista sekondarja b'mod	(21) Hemm potenzjal li jiżdied l-użu ta' kontenut riċiklat fil-vetturi għal materjali oħra li jintużaw b'mod komuni mill-industrija tal-karozzi li għalihom is-swieq għall-materja prima sekondarja ma humiex żviluppati biżżejjed, l-impronta marbuta mal-produzzjoni tal-materja prima primarja hija għolja jew il-livelli ta' riċiklaġġ huma limitati, filwaqt li t-teknoloġiji tas-separazzjoni u r-riċiklaġġ qed jittejbu. Għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta x-xewqa, il-fattibbiltà u l-impatti li jiġu stabbiliti miri dwar il-kontenut riċiklat tan-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju, il-boron li jintużaw f'kalamiti permanenti, jew il-manjeżju u l-ligi tiegħu. Għall-fattibbiltà tal-iffissar potenzjali ta' miri dwar tipi speċifiċi ta' ligi tal-aluminju u tal-manjeżju, l-istudju jenħtieġ li jindirizza t-tqabbil tad-domanda mal-provvista sekondarja b'mod ġenerali u b'mod partikolari

ġenerali u b’mod partikolari jinvestiga l-kompromess bejn il-massimizzazzjoni tal-ekonomiji ta’ skala billi jiġi speċifikat l-għadd minimu ta’ familji ta’ ligi meta mqabbla mal-massimizzazzjoni taż-żamma tal-valur billi jiġu sseparati f’firxa usa’ ta’ tipi ta’ ligi speċifiċi.

jinvestiga l-kompromess bejn il-massimizzazzjoni tal-ekonomiji ta’ skala billi jiġi speċifikat l-għadd minimu ta’ familji ta’ ligi meta mqabbla mal-massimizzazzjoni taż-żamma tal-valur billi jiġu sseparati f’firxa usa’ ta’ tipi ta’ ligi speċifiċi.

Emenda 27
Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tingħata spinta lis-swieq sottożviluppati għall-materja prima sekondarja, ***is-setgħa ta’ adozzjoni ta’*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni*** fir-rigward tal-istabbiliment ta’ sehem minimu ta’ ***aluminju u l-ligi tiegħu, il-manjeżju*** u l-ligi tiegħu, in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew l-boron riċiklati minn skart ta’ wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta’ vetturi u inkorporat fihom. Sabiex jiġu ***żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni*** ta’ dan ***l-obbligu***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi*** metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tal-ishma*** tal-materjali riċiklati ***mill-iskart*** ta’ wara l-użu mill-konsumatur fit-tipi ta’ vetturi. Il-metodoloġija hija meħtieġa biex jiġu ċċarati d-definizzjonijiet tar-ruttam ta’ wara l-użu mill-konsumatur u tar-	(22) Sabiex tingħata spinta lis-swieq sottożviluppati għall-materja prima sekondarja, ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment ta’ sehem minimu ta’ ***manjeżju*** u l-ligi tiegħu, in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew l-boron riċiklati minn skart ta’ ***qabel u ta’*** wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi ta’ vetturi u inkorporat fihom. Sabiex jiġu ***supplimentati ċerti elementi mhux essenzjali*** ta’ dan ***ir-Regolament***, jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment ta’*** metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tas-sehem*** tal-materjali riċiklati ***minn iskart ta’ qabel u*** ta’ wara l-użu mill-konsumatur***,*** fit-tipi ta’ vetturi. Il-metodoloġija hija meħtieġa biex jiġu ċċarati d-

ruttam ta’ qabel l-użu mill-konsumatur. Dan huwa rilevanti biex jiġi inċentivat it-titjib tal-kwalità u ż-żamma tal-valur, b’mod partikolari għall-frazzjonijiet ta’ wara l-użu mill-konsumatur. Sabiex tiġi promossa d-dekarbonizzazzjoni permezz tal-użu ta’ aktar kontenut riċiklat, huma meħtieġa definizzjonijiet ċari biex jiġi inċentivat ir-riċiklaġġ tar-ruttam ta’ wara l-użu mill-konsumatur, filwaqt li jiġi mminimizzat l-użu tar-ruttam ta’ qabel l-użu mill-konsumatur, li normalment ikollu l-istess impronta tal-karbonju bħall-materja prima primarja.

definizzjonijiet tar-ruttam ta’ wara l-użu mill-konsumatur u tar-ruttam ta’ qabel l-użu mill-konsumatur. Dan huwa rilevanti biex jiġi inċentivat it-titjib tal-kwalità u ż-żamma tal-valur, b’mod partikolari għall-frazzjonijiet ta’ wara l-użu mill-konsumatur. Sabiex tiġi promossa d-dekarbonizzazzjoni permezz tal-użu ta’ aktar kontenut riċiklat, huma meħtieġa definizzjonijiet ċari biex jiġi inċentivat ir-riċiklaġġ tar-ruttam ta’ wara l-użu mill-konsumatur, filwaqt li jiġi mminimizzat l-użu tar-ruttam ta’ qabel l-użu mill-konsumatur, li normalment ikollu l-istess impronta tal-karbonju bħall-materja prima primarja.

Emenda 28
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) F’konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) ***[l-Att dwar is-CRM] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, u meta jitqies li huwa meħtieġ li f’dan ir-Regolament jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-kontenut riċiklat fil-vetturi u dwar il-materja prima kritika użata ***f’partijiet*** u komponenti tal-vetturi, dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw bħala l-implimentazzjoni speċifika għas-settur tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) ***[l-Att dwar is-CRM]***. Dan se jiżgura s-simplifikazzjoni u l-integrazzjoni ta’ diversi obbligi ta’ informazzjoni, tikkettar u tneħħija skont il-proċeduri ta’ dan ir-Regolament ma’ dawk għal	(23) F’konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) ***2024/1252***, u meta jitqies li huwa meħtieġ li f’dan ir-Regolament jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-kontenut riċiklat fil-vetturi u dwar il-materja prima kritika użata ***f’parts*** u komponenti tal-vetturi, dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw bħala l-implimentazzjoni speċifika għas-settur tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) ***2024/1252***. Dan se jiżgura s-simplifikazzjoni u l-integrazzjoni ta’ diversi obbligi ta’ informazzjoni, tikkettar u tneħħija skont il-proċeduri ta’ dan ir-Regolament ma’ dawk għal ***parts***, komponenti u materjali oħra.

partijiet, komponenti u materjali oħra.

_____ _____

51 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (COM(2023) 160 final).

Emenda 29
Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat li l-batteriji jiġu riċiklati f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2023/***[Batteriji]***, u li l-muturi tat-trazzjoni elettrika, li fihom kwantitajiet importanti ta' elementi tal-materjali tal-art rari, jistgħu jiġu ssostitwiti u riċiklati wkoll, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti tad-disinn għal tipi ta' vetturi ġodda, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-batteriji u l-muturi tat-trazzjoni elettrika jkunu jistgħu jitneħħew faċilment minn faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew minn operaturi ta' tiswija u manutenzjoni matul kwalunkwe fażi taċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura. Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta'*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni*** fir-rigward tal-emendar ta' dan ir-Regolament billi tiġi riveduta l-	(24) Sabiex jiġi żgurat li l-batteriji jiġu riċiklati f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2023/***1542***, u li l-muturi tat-trazzjoni elettrika, li fihom kwantitajiet importanti ta' elementi tal-materjali tal-art rari, jistgħu jiġu ssostitwiti u riċiklati wkoll, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti tad-disinn għal tipi ta' vetturi ġodda, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-batteriji u l-muturi tat-trazzjoni elettrika jkunu jistgħu jitneħħew faċilment minn faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jew minn operaturi ta' tiswija u manutenzjoni matul kwalunkwe fażi taċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ l-iżvilupp ta' standards għat-tekniki tad-disinn u tal-assemblaġġ li jiffaċilitaw il-manutenzjoni, it-tiswija u l-adattament għal skop differenti tal-batteriji u tal-pakketti ta' batteriji. B'mod**

lista ta’ ***partijiet*** u komponenti li għandhom ***jitfasslu*** għat-tneħħija u s-sostituzzjoni mill-vetturi. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-rekwiżit tad-disinn, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni.	***aktar ġenerali, biex jiġi massimizzat il-potenzjal għas-sostituzzjoni, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, il-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ta’ parts u komponenti tal-vetturi, u biex jiġi minimizzat l-iskart, il-vetturi jenħtieġ li jkunu ddisinjati b’mod li jippermetti t-tneħħija tal-akbar numru possibbli ta’ parts u komponenti. Il-kunċett ta’ fattibbiltà teknika jenħtieġ li jiġi interpretat b’mod li dawk l-objettivi jiġu appoġġati u ffaċilitati, filwaqt li jiġi rrikonoxxut li, f’ċerti każijiet, ir-rekwiżiti ta’ sikurezza jew funzjonali ta’ partijiet jistgħu jiġġustifikaw soluzzjonijiet alternattivi li jillimitaw il-possibbiltà li parti jew komponent jitneħħew. F’tali każijiet, il-manifatturi għandhom juru l-ħtieġa ta’ għażla bħal din.*** Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar ta’ dan ir-Regolament billi tiġi riveduta l-lista ta’ ***parts*** u komponenti li għandhom ***jiġu ddisinjati*** għat-tneħħija u s-sostituzzjoni mill-vetturi. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-rekwiżit tad-disinn, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Emenda 30
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jiġi żgurat li l-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief jistabbilixxu azzjonijiet biex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità skont dan ir-Regolament, u biex jinċentivawhom itejbu ċ-ċirkolarità tat-tipi ta' vetturi li jqiegħdu fis-suq, jenħtieġ li jfasslu strateġija għaċ-ċirkolarità komprensiva ***għal kull tip ġdid*** u jipprovduha ***lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip***. ***Din l-istrateġija*** jenħtieġ li ***tkun ibbażata fuq teknoloġiji pruvati, li jkunu disponibbli jew li jkunu qegħdin jiġu żviluppati fiż-żmien meta tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura u*** tiġi aġġornata perjodikament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta regolarment dwar iċ-ċirkolarità tas-settur awtomobilistiku abbażi tal-istrateġiji taċ-ċirkolarità pprovduti mill-manifatturi. ***Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fil-manifattura u l-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-iżviluppi tas-suq fis-settur awtomobilistiku u l-bidliet regolatorji, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-anness li fih rekwiżiti dwar il-kontenut tal-istrateġija għaċ-ċirkolarità u l-aġġornamenti tagħha.***	(26) Sabiex jiġi żgurat li l-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief jistabbilixxu azzjonijiet biex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità skont dan ir-Regolament, u biex jinċentivawhom itejbu ċ-ċirkolarità tat-tipi ta' vetturi li jqiegħdu fis-suq, jenħtieġ li jfasslu strateġija għaċ-ċirkolarità komprensiva ***fil-livell tal-manifattur*** u jipprovduha ***lill-Kummissjoni***. ***Madankollu,*** jenħtieġ li ***l-manifatturi jkunu jistgħu jfasslu wkoll strateġija taċ-ċirkolarità skont il-kategorija tal-vetturi. Din l-istrateġija jenħtieġ li ma tirriżultax f'piżijiet sproporzjonati fuq il-manifatturi u jenħtieġ li*** tiġi aġġornata perjodikament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta regolarment dwar iċ-ċirkolarità tas-settur awtomobilistiku abbażi tal-istrateġiji taċ-ċirkolarità pprovduti mill-manifatturi.

Emenda 31
Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) L-aċċess għal informazzjoni aġġornata u komunikazzjoni f'waqtha bejn il-manifatturi tal-vetturi u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart tul il-katina tal-valur tal-karozzi huma essenzjali biex jiġu mmassimizzati l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' ***partijiet*** u komponenti ta' vettura u biex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi jipprovdu lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju ***għal informazzjoni*** li jippermetti t-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri ta' ċerti ***partijiet***, komponenti u materjali preżenti f'vettura. L-informazzjoni jenħtieġ li tiggwida lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni tul il-passi u tipprovdi struzzjonijiet ċari dwar l-użu ta' għodod jew teknoloġiji meħtieġa għall-aċċess u t-tneħħija ta' batteriji tal-vetturi elettriċi, inklużi l-għodod jew it-teknoloġiji li jippermettu r-rimi sikur tagħhom, u l-muturi tat-trazzjoni elettrika. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tgħin ukoll biex jiġu identifikati, lokalizzati u jitneħħew ***il-partijiet***, il-komponenti u l-materjali, li jenħtieġ li jkunu soġġetti għat-tindif mit-tniġġis u li jitneħħew mill-vettura qabel it-tqattigħ, kif	(28) L-aċċess għal informazzjoni aġġornata u komunikazzjoni f'waqtha bejn il-manifatturi tal-vetturi u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart tul il-katina tal-valur tal-karozzi huma essenzjali biex jiġu mmassimizzati l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' ***parts*** u komponenti ta' vettura u biex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi jipprovdu lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni***, kif ukoll lis-servizzi ta' emerġenza,*** aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju ***għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 66 tal-avviż tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2010 dwar linji gwida supplimentari dwar restrizzjonijiet vertikali fi ftehimiet dwar il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u għad-distribuzzjoni ta' spare parts għall-vetturi bil-mutur, filwaqt*** li ***dan*** jippermetti t-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri ta' ċerti ***parts***, komponenti u materjali preżenti f'vettura. L-informazzjoni jenħtieġ li tiggwida lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni tul il-passi u tipprovdi struzzjonijiet ċari dwar l-użu ta' għodod jew teknoloġiji meħtieġa għall-aċċess u t-tneħħija ta' batteriji tal-vetturi elettriċi ***u***

ukoll ***il-partijiet*** u l-komponenti, li fihom il-materja prima kritika f'kalamiti permanenti msemmija fir-Regolament (UE) ***[l-Att dwar is-CRM]***. Dan jenħtieġ li jsir permezz ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni stabbiliti mill-manifatturi u l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta mingħajr ħlas, ***esklużi l-kostijiet*** amministrattivi. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li jivverifikaw li l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet sottomessa mill-manifatturi. ***Sabiex l-ambitu tal-informazzjoni*** li ***għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni jiġi aġġornat regolarment***, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** jenħtieġ li ***tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness V***.

l-pakkett ta' batteriji tagħhom, inklużi l-għodod jew it-teknoloġiji li jippermettu r-rimi sikur tagħhom, u l-muturi tat-trazzjoni elettrika. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tgħin ukoll biex jiġu identifikati, lokalizzati u jitneħħew ***il-parts***, il-komponenti u l-materjali, li jenħtieġ li jkunu soġġetti għat-tindif mit-tniġġis u li jitneħħew mill-vettura qabel it-tqattigħ, kif ukoll ***il-parts*** u l-komponenti, li fihom il-materja prima kritika f'kalamiti permanenti msemmija fir-Regolament (UE) ***2024/1252. Huwa importanti li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jiġu debitament rispettati, filwaqt li jiġi żgurat li l-aċċess għall-informazzjoni teknika ma jikkompromettix teknoloġiji proprjetarji jew sigrieti kummerċjali***. Dan jenħtieġ li jsir permezz ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni stabbiliti mill-manifatturi***,*** u l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta mingħajr ħlas, ***bl-esklużjoni ta' kostijiet*** amministrattivi ***mhux projbittivi***. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li jivverifikaw li l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet sottomessa mill-manifatturi. ***Filwaqt*** li ***jqisu l-ħtieġa li tiġi appoġġata l-modifika retroattiva tal-vetturi bħala mod kif jitnaqqsu l-emissjonijiet***, ***tiġi estiża l-ħajja tal-vetturi, u tiġi promossa s-sostenibbiltà,*** jenħtieġ li ***l-manifatturi jiżguraw ukoll kooperazzjoni xierqa mal-operaturi tal-modifika retroattiva***.

Emenda 32
Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Filwaqt li l-ikkowdjar diġitali qed jintuża dejjem aktar biex jiġu kkontrollati ***partijiet*** u komponenti differenti fil-vettura, l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE identifikat li tali ikkowdjar jista' jxekkel il-potenzjal ta' użu mill-ġdid, rimanifattura u rinnovazzjoni ta' ċerti ***partijiet*** u komponenti. Għalhekk huwa essenzjali li l-manifatturi tal-vetturi jintalbu jipprovdu informazzjoni li tippermetti lill-operaturi professjonali tal-immaniġġar tal-iskart jegħlbu l-problemi li joħolqu dawn ***il-partijiet*** u l-komponenti b'kodiċi diġitali f'vettura, fejn tali ikkowdjar jipprevjeni t-tiswija, il-manutenzjoni jew l-operazzjonijiet ta' sostituzzjoni f'vettura oħra.	(29) Filwaqt li l-ikkowdjar diġitali qed jintuża dejjem aktar biex jiġu kkontrollati ***parts*** u komponenti differenti fil-vettura, l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE identifikat li tali ikkowdjar jista' jxekkel il-potenzjal ta' użu mill-ġdid, rimanifattura u rinnovazzjoni ta' ċerti ***parts*** u komponenti. Għalhekk huwa essenzjali li l-manifatturi tal-vetturi jintalbu jipprovdu informazzjoni li tippermetti lill-operaturi professjonali tal-immaniġġar tal-iskart ***u lill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni*** jegħlbu l-problemi li joħolqu dawn ***il-parts*** u l-komponenti b'kodiċi diġitali f'vettura, fejn tali ikkowdjar jipprevjeni t-tiswija, il-manutenzjoni jew l-operazzjonijiet ta' sostituzzjoni f'vettura oħra.

Emenda 33
Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta' għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri ***tal-partijiet*** u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali	(31) Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta' għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri ***tal-parts*** u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport ***Diġitali*** taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni,

informazzjoni, b’mod li jkun konsistenti ma’ għodod u pjattaformi ta’ informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) 2023 ***[Batteriji]***, ir-Regolament ***[ESPR]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament ***[Euro 7]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura.

b’mod li jkun konsistenti ma’ għodod u pjattaformi ta’ informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) 2023***/1542***, ir-Regolament ***(UE) 2024/1781***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament ***(UE) 2024/1257*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura. ***Meta tistabbilixxi r-regoli għall-passaport diġitali taċ-ċirkolarità tal-vetturi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-ħtieġa ta’ livelli għoli ta’ sigurtà u privatezza, inkluż dwar data tal-operat ta’ vettura għall-prevenzjoni tat-theddid għaċ-ċibersigurtà.***

---

[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta’ rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.

---

[54] ***Ir-Regolament (UE) 2024/1781*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-13 ta’ Ġunju 2024*** li jistabbilixxi qafas ***għall-istabbiliment*** ta’ rekwiżiti ***tal-ekodisinn*** għal prodotti sostenibbli***, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542*** u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE ***(ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2***

	024/1781/oj).
55 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.	55 ***Ir-Regolament (UE) 2024/1257*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-24 ta' April 2024*** dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà ***tal-batterija*** tagħhom (Euro 7)***, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** u li jħassar ***ir-Regolamenti*** (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).***.

Emenda 34
Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jiġi garantit it-trattament sikur u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jkollha l-ħsieb li twettaq operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart ***għal*** dawn il-vetturi jenħtieġ li tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tingħata biss jekk l-	(33) ***Dan ir-Regolament jibni fuq ir-regoli dwar l-immaniġġar tal-iskart u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, li jenħtieġ li jiġu adattati biex jirriflettu n-natura speċifika tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw.*** Sabiex jiġi garantit it-trattament sikur u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ta' vetturi li ma

istabbiliment jew l-impriża jkollha l-kapaċità teknika, finanzjarja u organizzazzjonali meħtieġa biex twettaq l-operazzjonijiet ta’ trattament fi tmiem il-ħajja għall-vetturi b’mod li jikkonforma mal-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali, inklużi r-rekwiżiti speċifiċi ta’ trattament stabbiliti f’dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza li joħorġu ċertifikati ta’ qerda f’konformità ma’ dan ir-Regolament.	għadhomx jintużaw, kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jkollha l-ħsieb li twettaq operazzjonijiet ta’ trattament tal-iskart***, inklużi l-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija ta’ parts u komponenti ta’*** dawn il-vetturi jenħtieġ li tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tingħata biss jekk l-istabbiliment jew l-impriża jkollha l-kapaċità teknika, finanzjarja u organizzazzjonali meħtieġa biex twettaq l-operazzjonijiet ta’ trattament fi tmiem il-ħajja għall-vetturi b’mod li jikkonforma mal-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali, inklużi r-rekwiżiti speċifiċi ta’ trattament stabbiliti f’dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati jenħtieġ ***li jkunu l-uniċi*** li jkollhom il-kompetenza li joħorġu ċertifikati ta’ qerda f’konformità ma’ dan ir-Regolament.

Emenda 35
Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a)Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jadottaw miżuri skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom biex jirrikjedu li l-produtturi jew organizzazzjonijiet b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jikkonkludu kuntratti ma’ faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati għall-finijiet li jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta’ responsabbiltà tal-produttur. Sabiex jintlaħqu l-

	objettivi ta' dan ir-Regolament, inkluża l-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari, jenħtieġ li jiġu mogħtija setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli biex tiżgura li tali kuntratti jkunu jistgħu joperaw b'kundizzjonijiet ġusti, trasparenti u nondiskriminatorji fir-rigward ta' kategoriji differenti ta' produtturi u organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

Emenda 36
Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità tal-produtturi mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru tal-produtturi. Ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati madwar l-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari meta l-produtturi jagħmlu l-vetturi disponibbli fi Stati Membri differenti. Ir-reġistru jenħtieġ li jintuża wkoll għall-finijiet ta' rapportar lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-twettiq tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi. Il-karatteristiċi u l-aspetti proċedurali marbuta ma' dan ir-reġistru jenħtieġ li jkunu konsistenti wkoll mar-reġistru tal-produtturi stabbilit bir-	(35) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità tal-produtturi mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru tal-produtturi ***jew jużaw reġistru eżistenti***. Ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati madwar l-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari meta l-produtturi jagħmlu l-vetturi disponibbli fi Stati Membri differenti. Ir-reġistru jenħtieġ li jintuża wkoll għall-finijiet ta' rapportar lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-twettiq tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi. Il-karatteristiċi u l-aspetti proċedurali marbuta ma' dan ir-reġistru jenħtieġ li jkunu konsistenti wkoll mar-reġistru tal-produtturi stabbilit bir-

Regolament (UE) 2023/***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Batteriji]***, biex il-produtturi tal-vetturi u l-produtturi tal-batteriji jkunu jistgħu jużaw l-istess reġistru.	Regolament (UE) 2023/***1542***, biex il-produtturi tal-vetturi u l-produtturi tal-batteriji jkunu jistgħu jużaw l-istess reġistru. ***Sabiex tiffaċilita r-reġistrazzjoni tal-produtturi fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi wkoll portal uniku li jkun fih il-links għar-reġistri nazzjonali kollha.***

Emenda 37
Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) F'każ li l-produttur jagħmel il-vetturi disponibbli fis-suq għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru, fejn il-produttur ma jkunx stabbilit, il-produttur jenħtieġ li jinnomina rappreżentant ***maħtur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	(36) F'każ li l-produttur jagħmel il-vetturi disponibbli fis-suq għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru, fejn il-produttur ma jkunx stabbilit, il-produttur jenħtieġ li jinnomina rappreżentant ***awtorizzat*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Emenda 38
Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-produtturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-	(37) Il-produtturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-

kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produttur. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet.	kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produttur. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet. ***B'mod partikolari, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jenħtieġ li jintgħażlu fi proċedura nondiskriminatorja bbażata fuq kriterji tal-għoti trasparenti.***

Emenda 39
Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi jenħtieġ li ***jkopru wkoll il-kostijiet*** tal-kampanji edukattivi mmirati biex ***iżidu*** l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw***, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir*** u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. ***Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament.***	(39) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi jenħtieġ li***, fost l-oħrajn, ikopru l-kostijiet*** tal-kampanji edukattivi mmirati biex ***jinfurmaw lill-pubbliku u jżidu*** l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***jew il-ġbir*** u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 40
Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-vetturi spiss isiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru differenti milli fl-Istat Membru fejn ikunu ġew irreġistrati għall-ewwel darba, huwa meħtieġ li jiġu introdotti regoli dwar ir-responsabbiltà estiża transfruntiera tal-produtturi. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jiżguraw li r-responsabbiltà tal-produttur tkopri kif xieraq il-kostijiet tal-ġbir u t-trattament imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fl-Istat Membru fejn il-vettura ssir vettura li ma tibqax tintuża. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-produttur jaħtar rappreżentant għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru u jistabbilixxi mekkaniżmi għall-kooperazzjoni transfruntiera mal-operaturi rilevanti tal-immaniġġar tal-iskart. L-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmu tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati madwar l-Unjoni u tiffaċilita l-iżvilupp ta' approċċi għall-Unjoni kollha f'każ ta' responsabbiltà individwali tal-produttur.	(42) Peress li l-vetturi spiss isiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru differenti milli fl-Istat Membru fejn ikunu ġew irreġistrati għall-ewwel darba, huwa meħtieġ li jiġu introdotti regoli dwar ir-responsabbiltà estiża transfruntiera tal-produtturi. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jiżguraw li r-responsabbiltà tal-produttur tkopri kif xieraq il-kostijiet tal-ġbir u t-trattament imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fl-Istat Membru fejn il-vettura ssir vettura li ma tibqax tintuża***, iżda fl-istess ħin jiġi żgurat li l-produttur ma jkunx qiegħed iħallas it-tariffa darbtejn***. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-produttur jaħtar rappreżentant għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru u jistabbilixxi mekkaniżmi għall-kooperazzjoni transfruntiera ***u t-trasferiment tal-kostijiet*** mal-operaturi rilevanti tal-immaniġġar tal-iskart. L-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmu tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati madwar l-Unjoni u tiffaċilita l-iżvilupp ta' approċċi għall-Unjoni kollha f'każ ta' responsabbiltà individwali tal-produttur.

Emenda 41
Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Prerekwiżit ewlieni għat-trattament tajjeb ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw huwa li jinġabru l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jimponi ċerti obbligi marbuta mal-ġbir primarjament fuq il-produtturi u, b’mod sekondarju, fuq l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-produtturi jistabbilixxu jew jipparteċipaw fl-istabbiliment tas-sistemi ta’ ġbir, u jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi jkunu fis-seħħ u li dawk is-sistemi jippermettu li jintlaħqu l-objettivi ta’ dan ir-Regolament. Is-sistemi ta’ ġbir jenħtieġ li jippermettu lis-sidien tal-vetturi u lil detenturi oħra tal-vetturi jwasslu l-vettura f’faċilità awtorizzata mingħajr sforzi jew kostijiet bla bżonn. Dan ifisser fil-prattika li tali sistemi jenħtieġ li jkopru b’mod xieraq it-territorju kollu ta’ kull Stat Membru. Jenħtieġ li dawn jippermettu wkoll il-ġbir tal-marki kollha ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll ta’ ***partijiet*** ta’ skart mit-tiswija tal-vetturi.	(44) Prerekwiżit ewlieni għat-trattament tajjeb ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw huwa li jinġabru l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jimponi ċerti obbligi marbuta mal-ġbir primarjament fuq il-produtturi u, b’mod sekondarju, fuq l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-produtturi ***jiżguraw li l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu għamlu disponibbli fis-suq fit-territorju ta’ Stat Membru jinġabru. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-produtturi jew l-organizzazzjonijiet b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi*** jistabbilixxu jew jipparteċipaw fl-istabbiliment tas-sistemi ***ta’ ġbir, inklużi l-punti*** ta’ ġbir, u jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi jkunu fis-seħħ u li dawk is-sistemi jippermettu li jintlaħqu l-objettivi ta’ dan ir-Regolament. Is-sistemi ta’ ġbir jenħtieġ li jippermettu lis-sidien tal-vetturi u lil detenturi oħra tal-vetturi jwasslu l-vettura f’faċilità awtorizzata mingħajr sforzi jew kostijiet bla bżonn. Dan ifisser fil-prattika li tali sistemi jenħtieġ li jkopru b’mod xieraq it-territorju kollu ta’ kull Stat Membru ***u jiżguraw disponibbiltà adegwata ta’ faċilitajiet ta’ trattament u punti ta’ ġbir awtorizzati***. Jenħtieġ li dawn jippermettu wkoll il-ġbir tal-marki kollha ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll ta’ ***parts*** ta’ skart mit-tiswija tal-vetturi.

Emenda 42
Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw jinġabru b'mod effettiv, huwa meħtieġ li l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-eżistenza tas-sistemi ta' ġbir. Is-sidien tal-vetturi jenħtieġ li jkunu konxji li fil-prinċipju jistgħu jwasslu vettura li ma għadhiex tintuża, bil-batterija tal-vettura elettrika jew mingħajrha, f'punt ta' ġbir jew faċilità awtorizzata ta' trattament mingħajr ħlas. Il-kampanja edukattiva mill-produtturi jew mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li tippreżenta wkoll il-konsegwenzi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem ta' ġbir u trattament mhux xieraq ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	(46) Sabiex il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw jinġabru b'mod effettiv, huwa meħtieġ li l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-eżistenza tas-sistemi ta' ġbir. Is-sidien tal-vetturi jenħtieġ li jkunu konxji li fil-prinċipju jistgħu jwasslu vettura li ma għadhiex tintuża, bil-batterija tal-vettura elettrika jew mingħajrha, f'punt ta' ġbir jew faċilità awtorizzata ta' trattament mingħajr ħlas. ***F'każ ta' batterija ta' vettura elettrika nieqsa, il-konsenja tal-vettura li ma għadhiex tintuża jenħtieġ li tibqa' mingħajr ħlas jekk l-aħħar sid jipprovdi dokumentazzjoni biex juri li l-batterija ġiet trattata minn operatur professjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542.*** Il-kampanja edukattiva mill-produtturi jew mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li tippreżenta wkoll il-konsegwenzi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem ta' ġbir u trattament mhux xieraq ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 43
Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-faċilità ta' trattament awtorizzata jenħtieġ li ***toħroġ***	(47) Il-faċilità ta' trattament awtorizzata jenħtieġ li ***tkun***

ċertifikat ta’ qerda biex tiddokumenta li ġiet trattata vettura li ma għadhiex tintuża. Dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa tal-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Ir-rekwiżiti minimi għal dan iċ-ċertifikat bħalissa huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE[57] u l-kontenut ta’ din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġi inkluż f’dan ir-Regolament, bl-adattamenti meħtieġa. Dan iċ-ċertifikat jenħtieġ li jinħareġ f’format elettroniku u jingħata lill-aħħar sid ta’ vettura li ma għadhiex tintuża, u mbagħad jintbagħat mill-faċilitajiet awtorizzati ta’ trattament u mill-aħħar sid lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, peress li l-preżentazzjoni tiegħu tippermetti li tiġi kkanċellata r-reġistrazzjoni ta’ vettura. Is-sistema elettronika ta’ notifika jenħtieġ li tippermetti t-trażmissjoni kemm tad-dokument li jikkonferma l-ġbir ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll taċ-ċertifikat ta’ qerda.

responsabbli għall-ħruġ ta’ ċertifikat ta’ qerda biex tiddokumenta li ġiet trattata vettura li ma għadhiex tintuża. Dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa tal-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Ir-rekwiżiti minimi għal dan iċ-ċertifikat bħalissa huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE[57] u l-kontenut ta’ din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġi inkluż f’dan ir-Regolament, bl-adattamenti meħtieġa. Dan iċ-ċertifikat jenħtieġ li jinħareġ f’format elettroniku u jingħata lill-aħħar sid ta’ vettura li ma għadhiex tintuża, u mbagħad jintbagħat mill-faċilitajiet awtorizzati ta’ trattament u mill-aħħar sid lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, peress li l-preżentazzjoni tiegħu tippermetti li tiġi kkanċellata r-reġistrazzjoni ta’ vettura. Is-sistema elettronika ta’ notifika jenħtieġ li tippermetti t-trażmissjoni kemm tad-dokument li jikkonferma l-ġbir ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll taċ-ċertifikat ta’ qerda.

---

[57] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE tad-19 ta’ Frar 2002 fuq il-ħtiġijiet minimi għaċ-ċertifikat tal-qerda maħruġ skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m’għadhomx jintużaw (ĠU L 50, 21.2.2002, p. 94–95).

[57] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE tad-19 ta’ Frar 2002 fuq il-ħtiġijiet minimi għaċ-ċertifikat tal-qerda maħruġ skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m’għadhomx jintużaw (ĠU L 50, 21.2.2002, p. 94).

Emenda 44
Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Minkejja l-obbligu fid-	(48) Minkejja l-obbligu fid-

Direttiva 2000/53/KE li l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti f'faċilità ta' trattament awtorizzata, hemm sehem sinifikanti ħafna ta' vetturi li l-post fejn jinsabu ma jkunx magħruf, u li setgħu ġew ittrattati jew esportati illegalment bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw, jew li l-istatus tagħhom ma jiġix irrapportat kif xieraq lill-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni tal-Istati Membri. Tali vetturi jissejħu "vetturi neqsin". L-Istati Membri jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom sabiex inaqqsu l-għadd ta' vetturi neqsin. Ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' qerda maħruġa fi Stat Membru ieħor u l-obbligu li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu infurmati, fejn il-vettura tkun irreġistrata, li jinħareġ ċertifikat ta' qerda, jenħtieġ li jippermettu traċċar aħjar tal-post fejn jinsabu l-vetturi li ma għadhomx jintużaw.	Direttiva 2000/53/KE li l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti f'faċilità ta' trattament awtorizzata, hemm sehem sinifikanti ħafna ta' vetturi li l-post fejn jinsabu ma jkunx magħruf, u li setgħu ġew ittrattati jew esportati illegalment bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw, jew li l-istatus tagħhom ma jiġix irrapportat kif xieraq lill-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni tal-Istati Membri. Tali vetturi jissejħu "vetturi neqsin". L-Istati Membri jenħtieġ li jsaħħu ***wkoll il-miżuri nazzjonali u*** l-kooperazzjoni tagħhom sabiex inaqqsu l-għadd ta' vetturi neqsin. Ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' qerda maħruġa fi Stat Membru ieħor u l-obbligu li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu infurmati, fejn il-vettura tkun irreġistrata, li jinħareġ ċertifikat ta' qerda, jenħtieġ li jippermettu traċċar aħjar tal-post fejn jinsabu l-vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 45
Proposta għal regolament
Premessa 49a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(49a)Sabiex jittejjeb il-fluss ta' informazzjoni, tiġi miġġielda l-kwistjoni tal-vetturi neqsin, u jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tas-sidien tal-vetturi, huwa essenzjali li jissaħħu s-sistemi ta' tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Dan se jiżgura li l-vetturi jibqgħu traċċabbli u l-istatus tagħhom ikun jista' jiġi vverifikat sakemm jinħareġ ċertifikat ta' qerda jew sakemm il-vettura tiġi

	esportata. Għal dak il-għan, l-Istati Membri li jippermettu t-tneħħija temporanja tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, jenħtieġ li jistabbilixxu perjodu massimu ta' durata ta' tali tneħħija tar-reġistrazzjoni u jiżguraw li kwalunkwe tiġdid ta' tneħħija tar-reġistrazzjoni temporanja jingħata biss għal perjodu definit u limitat u biss meta jkun jista' jiġi aċċertat li l-vettura li tkun tneħħiet mir-reġistrazzjoni tkun għadha teżisti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa ta' rekwiżiti minimi armonizzati għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vetturi madwar l-Unjoni biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà rigward il-vetturi u għall-prevenzjoni tat-trattament illegali tagħhom.

Emenda 46
Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Fid-dawl tar-rwol ***ewlienita'*** faċilitajiet ta' trattament awtorizzati fil-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw b'mod li ma jaffettwax ħażin l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi li japplikaw għal tali faċilitajiet u li jkopru l-attivitajiet kollha tagħhom, mill-aċċettazzjoni u mill-ħżin ta' vettura li ma għadhiex tintuża sat-trattament finali tagħha.	(51) Fid-dawl tar-rwol ***ewlieni ta'*** faċilitajiet ta' trattament awtorizzati fil-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw b'mod li ma jaffettwax ħażin l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni ***u jkun ekonomikament ġustifikabbli***, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi li japplikaw għal tali faċilitajiet u li jkopru l-attivitajiet kollha tagħhom, mill-aċċettazzjoni u mill-ħżin ta' vettura li ma għadhiex tintuża sat-trattament finali tagħha.

Emenda 47
Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-attivitajiet tagħhom, jenħtieġ li l-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jiddokumentaw l-operazzjonijiet ta' trattament imwettqa u jaħżnu r-rekord b'mod elettroniku għal mill-inqas 3 snin, u jkunu jistgħu jippreżentawh, fuq talba, lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.	(52) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-attivitajiet tagħhom, ***inkluża l-kwalità tar-ruttam jew materjali ta' input rilevanti oħra,*** jenħtieġ li l-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jiddokumentaw l-operazzjonijiet ta' trattament imwettqa u jaħżnu r-rekord b'mod elettroniku għal mill-inqas 3 snin, u jkunu jistgħu jippreżentawh, fuq talba, lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

Emenda 48
Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) It-tindif mit-tniġġis ta' vettura fi tmiem il-ħajja hija l-ewwel pass lejn il-prevenzjoni tal-ħsara lill-ambjent, lis-saħħa tal-bniedem u lir-riskji għas-sikurezza tax-xogħol. Għalhekk huwa essenzjali li vettura li ma tibqax tintuża tgħaddi mill-operazzjonijiet meħtieġa ta' tindif mit-tniġġis mill-aktar fis possibbli wara li titwassal fil-faċilità awtorizzata ta' trattament, qabel ma l-vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrattata aktar. F'din il-fażi, iż-żjut għar-rimi jenħtieġ li jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra, u għandhom jiġu ttrattati aktar f'konformità mad-Direttiva 2008/98/KE. Barra minn hekk, ***il-partijiet***, il-komponenti u l-	(53) It-tindif mit-tniġġis ta' vettura fi tmiem il-ħajja hija l-ewwel pass lejn il-prevenzjoni tal-ħsara lill-ambjent, lis-saħħa tal-bniedem u lir-riskji għas-sikurezza tax-xogħol. Għalhekk huwa essenzjali li vettura li ma tibqax tintuża tgħaddi mill-operazzjonijiet meħtieġa ta' tindif mit-tniġġis mill-aktar fis possibbli wara li titwassal fil-faċilità awtorizzata ta' trattament, qabel ma l-vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrattata aktar. F'din il-fażi, iż-żjut għar-rimi jenħtieġ li jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra, u għandhom jiġu ttrattati aktar f'konformità mad-Direttiva 2008/98/KE. ***Il-fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata***

materjali li fihom iċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju u l-kromu eżavalenti, jenħtieġ li jitneħħew mill-vettura fi tmiem il-ħajja, biex jiġu evitati effetti negattivi fuq il-bnedmin jew fuq l-ambjent.	***użati fis-sistemi tal-ġestjoni termali jenħtieġ li jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi l-oħra u, fejn fattibbli, jiġu riċiklati jew irkuprati u użati mill-ġdid.*** Barra minn hekk, ***il-parts***, il-komponenti u l-materjali li fihom iċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju u l-kromu eżavalenti, jenħtieġ li jitneħħew mill-vettura fi tmiem il-ħajja, biex jiġu evitati effetti negattivi fuq il-bnedmin jew fuq l-ambjent.

Emenda 49
Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tar-Regolament (UE) 2023/***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: ir-Regolament dwar il-batteriji]***, il-batteriji kollha inkorporati fil-vetturi għandhom jitneħħew separatament minn vettura li ma għadhiex tintuża u jinħażnu f'żona ddeżinjata għal aktar trattament.	(54) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tar-Regolament (UE) 2023/***1542***, il-batteriji kollha inkorporati fil-vetturi għandhom jitneħħew separatament minn vettura li ma għadhiex tintuża u jinħażnu f'żona ddeżinjata għal aktar trattament.

Emenda 50
Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-użu mill-ġdid, tar-rimanifattura u tar-rinnovazzjoni ta' ***partijiet*** u ta' komponenti, u jiġi ppreservat valur għoli għall-materjali sekondarji li jirriżultaw minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, ċerti ***partijiet*** u komponenti jenħtieġ li jitneħħew b'mod obbligatorju minn vettura	(55) Sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-użu mill-ġdid, tar-rimanifattura u tar-rinnovazzjoni ta' ***parts*** u ta' komponenti, u jiġi ppreservat valur għoli għall-materjali sekondarji li jirriżultaw minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, ċerti ***parts*** u komponenti jenħtieġ li jitneħħew b'mod obbligatorju minn vettura

li ma tkunx għadha tintuża qabel it-tqattigħ. ***Il-partijiet*** u l-komponenti kkonċernati jenħtieġ li jitneħħew fi proċess manwali ta' żarmar jew fi proċess semiawtomatizzat ta' żarmar. ***Sabiex jiġi stimolat il-progress fit-teknoloġiji għaż-żarmar, l-għażla, it-tqattigħ u ta' wara t-tqattigħ,*** jenħtieġ li jkun possibbli li ssir devjazzjoni mir-rekwiżit dwar it-tneħħija obbligatorja ta' ***partijiet*** u komponenti f'ċerti każijiet eċċezzjonali***. Jenħtieġ li jintwera*** li ***l-partijiet*** u l-komponenti kkonċernati jistgħu jitneħħew b'mod effettiv b'dawk it-teknoloġiji milli bi proċessi manwali jew semiawtomatizzati u mingħajr ma titnaqqas il-kwalità tal-frazzjonijiet tat-trattament li jirriżultaw. Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta'*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness VII***.

li ma tkunx għadha tintuża qabel it-tqattigħ. ***Il-parts*** u l-komponenti kkonċernati jenħtieġ li jitneħħew fi proċess manwali ta' żarmar jew fi proċess semiawtomatizzat ta' żarmar. Jenħtieġ li jkun possibbli li ssir devjazzjoni mir-rekwiżit dwar it-tneħħija obbligatorja ta' ***parts*** u komponenti f'ċerti każijiet eċċezzjonali***, fost l-oħrajn, jekk ma jkunx hemm potenzjal tas-suq għal użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni jew jekk il-faċilità ta' trattament awtorizzata tista' turi*** li ***l-parts*** u l-komponenti kkonċernati jistgħu jitneħħew b'mod effettiv b'dawk it-teknoloġiji milli bi proċessi manwali jew semiawtomatizzati u mingħajr ma titnaqqas il-kwalità tal-frazzjonijiet tat-trattament li jirriżultaw. ***Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi kriterji għat-tqattigħ bi skart ieħor u valuri ta' limitu biex tittejjeb il-kwalità tal-frazzjonijiet tal-output.*** Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***fir-rigward tal-emendar tal-Anness VII u s-supplimentar ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' kwalità għat-tqattigħ tal-frazzjonijiet tal-output***.

Emenda 51
Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Ir-Regolament (UE) 2023/***[Batteriji]*** jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika ***mill-partijiet*** jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika.	(57) Ir-Regolament (UE) 2023/***1542*** jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika ***mill-parts*** jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika ***jekk l-aħħar sid jipprovdi dokumentazzjoni li turi li l-batterija ġiet ittrattata minn operatur professjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542***.

Emenda 52
Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-partijiet*** u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-parts*** u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, ***jew matul il-fażi tal-użu ta' vettura, inklużi dawk imneħħija matul l-***

bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali ***partijiet*** u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika ***tal-partijiet*** u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.

operazzjoni ta' tiswija jew ta' manutenzjoni, u li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali ***parts*** u komponenti. ***Minnaħa l-oħra, il-parts u l-komponenti mhux adatti għall-użu mill-ġdid, għar-rimanifattura jew għar-rinnovazzjoni jenħtieġ li jitqiesu bħala skart u l-esportazzjoni tagħhom jenħtieġ li tkun soġġetta għar-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].*** L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika ***tal-parts*** u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.

_____

[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1157/oj).

Emenda 53
Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-funzjonament xieraq tas-suq għal ***partijiet*** u komponenti riutilizzabbli, rinnovati u rimanifatturati fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jieħdu l-inċentivi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u r-rimanifattura ta' ***partijiet*** u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu jew tat-tmiem tal-ħajja ta' vettura. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri billi taqsam l-aħjar prattiki tagħhom dwar l-inċentivi meħuda fil-livell nazzjonali, bil-għan li timmonitorja l-effettività tagħhom.	(61) Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-funzjonament xieraq tas-suq għal ***parts*** u komponenti riutilizzabbli, rinnovati***, modifikati retroattivament*** u rimanifatturati fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jieħdu l-inċentivi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni***, il-modifika retroattiva*** u r-rimanifattura ta' ***parts*** u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu jew tat-tmiem tal-ħajja ta' vettura. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri billi taqsam l-aħjar prattiki tagħhom dwar l-inċentivi meħuda fil-livell nazzjonali, bil-għan li timmonitorja l-effettività tagħhom. ***L-iskambju ta' data jenħtieġ li jsir mingħajr dewmien.***

Emenda 54
Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' 30 **%** tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 **%**) ta' vetturi li	(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' 30 ***fil-mija*** tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal

ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 **%**) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' ***3*** snin***.*** Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 **%**) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 **%**) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbaži tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.	(85 ***fil-mija***) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 ***fil-mija***) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' ***tliet*** snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 ***fil-mija***) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 ***fil-mija***) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbaži tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw. ***Il-piż tal-plastik riċiklat u l-piż totali tal-plastik jenħtieġ li jeskludu l-elastomeri kif ukoll it-termosettijiet, għajr il-fowms tal-poliuretan.***

Emenda 55
Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Huwa importanti li jiżdied l-irkupru ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja billi jittejbu l-proċessi tat-tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, ***il-partijiet***, il-komponenti u l-materjali tagħhom jenħtieġ li ***ma jiġux*** pproċessati fi shredder flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, ***b'mod partikolari biex tittejjeb is-separazzjoni tar-ram mill-frazzjonijiet tal-***	(64) Huwa importanti li jiżdied l-irkupru ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja billi jittejbu l-proċessi tat-tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, ***il-parts***, il-komponenti u l-materjali tagħhom jenħtieġ li ***jitħallew jiġu*** pproċessati fi shredder flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, ***biss jekk jiġu ssodisfati ċerti kriterji dwar il-kwalità tal-materjal ta' output***.

azzar.

Emenda 56
Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw huma kklassifikati bħala skart perikoluż u ma jistgħux jiġu esportati lejn pajjiżi li ma humiex fl-OECD. Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis xorta jistgħu jiġu ttrattati barra mill-Unjoni, dment li dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis jiġu ttrasportati f'konformità mar-Regolament (UE) ***1013/2006***.	(66) Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw huma kklassifikati bħala skart perikoluż u ma jistgħux jiġu esportati lejn pajjiżi li ma humiex fl-OECD. Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis xorta jistgħu jiġu ttrattati barra mill-Unjoni, dment li dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis jiġu ttrasportati f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/1157***.

Emenda 57
Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) ***[ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi*** ta' ***Skart]***.	(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/1157. Sabiex issir distinzjoni bejn vjeġġi ta' vetturi użati u vetturi li ma***

għadhomx jintużaw, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet meta jissuspettaw li l-vetturi ddikjarati bħala użati jkunu fil-fatt vetturi li ma għadhomx jintużaw. Meta tali spezzjonijiet jikkonfermaw li l-vetturi inkwistjoni jikkwalifikaw bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-kostijiet tal-ispezzjoni u kwalunkwe ħżin relatat jistgħu jiġu imposti fuq l-operatur ekonomiku responsabbli għall-vjeġġ.

Emenda 58
Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrattati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa importanti li tiġi stabbilita ċarezza dwar l-istatus ta' vettura tul il-ħajja kollha tagħha, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet meta jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati u l-vetturi li ma għadhomx jintużaw. ***Sid*** ta' vettura ***li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi s-sjieda ta' vettura użata,*** jenħtieġ li ***b'mod partikolari jintalab juri*** li l-vettura ***ma hijiex*** vettura li ma għadhiex tintuża***.*** Sabiex jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw jekk ġewx issodisfati ċerti kriterji li jiddeterminaw jekk il-vettura kkonċernata hijiex vettura li ma	(68) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrattati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa importanti li tiġi stabbilita ċarezza dwar l-istatus ta' vettura tul il-ħajja kollha tagħha, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet meta jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati u l-vetturi li ma għadhomx jintużaw. ***Meta s-sjieda*** ta' vettura ***użata tiġi ttrasferita minn operatur ekonomiku fl-Unjoni, l-operatur ekonomiku*** jenħtieġ li ***jinforma lill-akkwirent*** li l-vettura ***mhijiex*** vettura li ma għadhiex tintuża ***billi jipprovdi ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew billi jinforma li l-vettura tissodisfa l-kriterji stabbiliti ta' possibbiltà ta' tiswija. Sid ta' vettura li jkun beħsiebu jittrasferixxi vettura***

għadhiex tintuża. ***Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I li jiddetermina l-kriterji dwar meta vettura tkun vettura li ma għadhiex tintuża.***	***użata barra mill-Unjoni jenħtieġ li jkun meħtieġ li jipprovdi dokumentazzjoni li turi li l-vettura mhijiex vettura li ma għadhiex tintuża. Dik id-dokumentazzjoni jenħtieġ li tikkonsisti jew f'ċertifikat validu tal-affidabbiltà stradali jew, meta tali ċertifikat ma jkunx disponibbli, f'valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali.*** Sabiex jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw jekk ġewx issodisfati ċerti kriterji li jiddeterminaw jekk il-vettura kkonċernata hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Emenda 59
Proposta għal regolament
Premessa 68a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(68a)Huwa importanti wkoll li jiġi ppreservat id-dritt ta' kull sid li jiddeċiedi liberament dwar il-proprjetà tiegħu. Is-sid ta' vettura użata jenħtieġ li jkun liberu li jiddeċiedi, wara valutazzjoni tal-kriterji indikattivi għall-vetturi, jekk il-vettura għandhiex tiġi ddikjarata li hija fl-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħha u tiġi kkonsenjata f'punt ta' ġbir jew f'faċilità ta' trattament awtorizzata jew jekk huwiex vallapena li l-vettura tissewwa.

Emenda 60
Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"[59] saħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tipproponi miżuri ġodda biex tindirizza l-impronta ambjentali esterna tal-Unjoni marbuta mal-esportazzjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u ta' vetturi użati. Filwaqt li jitqies li l-esportazzjoni ta' vetturi użati tqajjem sfidi ambjentali u tas-saħħa pubblika importanti kif dokumentati mill-Programm Ambjentali tan-NU[60], u li l-Unjoni hija l-akbar esportatur ta' vetturi użati madwar id-dinja, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi fil-livell tal-Unjoni li jirregolaw l-esportazzjoni ta' vetturi użati [mill-Unjoni]. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi skont liema vettura użata ma tkunx vettura li ma għadhiex tintuża ***u*** li jkollha l-affidabbiltà stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61]. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-vetturi użati li huma xierqa biex jinstaqu fit-toroq tal-Unjoni biss jistgħu jiġu esportati lejn pajjiż terz, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji li l-esportazzjoni ta' vetturi użati mill-Unjoni tikkontribwixxi għat-tniġġis tal-arja jew għall-aċċidenti fit-triq f'pajjiżi terzi. Biex l-awtoritajiet doganali jitħallew jivverifikaw li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati mal-esportazzjoni, kwalunkwe persuna li tesporta vettura użata jenħtieġ li tintalab tipprovdi lil dawk l-awtoritajiet in-numru ta' identifikazzjoni tal-	(69) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"[59] saħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tipproponi miżuri ġodda biex tindirizza l-impronta ambjentali esterna tal-Unjoni marbuta mal-esportazzjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u ta' vetturi użati. Filwaqt li jitqies li l-esportazzjoni ta' vetturi użati tqajjem sfidi ambjentali u tas-saħħa pubblika importanti kif dokumentati mill-Programm Ambjentali tan-NU[60], u li l-Unjoni hija l-akbar esportatur ta' vetturi użati madwar id-dinja, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi fil-livell tal-Unjoni li jirregolaw l-esportazzjoni ta' vetturi użati [mill-Unjoni]. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi skont liema vettura użata ma tkunx vettura li ma għadhiex tintuża ***jew*** li jkollha l-affidabbiltà stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] ***u għandha tiġi inkluża f'reġistru nazzjonali tal-vetturi***. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-vetturi użati li huma xierqa biex jinstaqu fit-toroq tal-Unjoni biss jistgħu jiġu esportati lejn pajjiż terz, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji li l-esportazzjoni ta' vetturi użati mill-Unjoni tikkontribwixxi għat-tniġġis tal-arja jew għall-aċċidenti fit-triq f'pajjiżi terzi. Biex l-awtoritajiet doganali jitħallew jivverifikaw li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati mal-esportazzjoni, kwalunkwe persuna li tesporta vettura użata jenħtieġ li tintalab

vettura u dikjarazzjoni li tikkonferma li l-vettura użata ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża ***u*** li titqies li għandha affidabbiltà stradali.

tipprovdi lil dawk l-awtoritajiet in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura u dikjarazzjoni li tikkonferma li l-vettura użata ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża ***jew*** li titqies li għandha affidabbiltà stradali.

---

[59] COM(2021)400

[60] https://www.unep.org/resources/report/global-trade-used-vehicles-report

[61] Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE, (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51-128).

---

[59] COM(2021)0400

[60] https://www.unep.org/resources/report/global-trade-used-vehicles-report

[61] Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE, (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

Emenda 61
Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) Huwa importanti li jiġi stabbilit mekkaniżmu fejn il-konformità tal-vetturi użati mar-rekwiżiti tal-esportazzjoni tista' tiġi vverifikata b'mod effettiv mingħajr ma jiġi mfixkel il-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi. Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika mill-Kummissjoni, li tippermetti lill-awtoritajiet fl-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni f'ħin reali dwar in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura u l-istatus ***tal-affidabilità*** stradali tal-vetturi użati għall-esportazzjoni. Fid-dawl tal-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet eżistenti tagħha marbuta mal-	(70) Huwa importanti li jiġi stabbilit mekkaniżmu fejn il-konformità tal-vetturi użati mar-rekwiżiti tal-esportazzjoni tista' tiġi vverifikata b'mod effettiv mingħajr ma jiġi mfixkel il-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi. Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika mill-Kummissjoni, li tippermetti lill-awtoritajiet fl-Istati Membri jiskambjaw ***u jivverifikaw*** informazzjoni f'ħin reali dwar in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura u l-istatus ***tal-affidabbiltà*** stradali tal-vetturi użati għall-esportazzjoni. Fid-dawl tal-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet eżistenti tagħha

kondiviżjoni, bejn l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, ta' informazzjoni relatata mal-vetturi rreġistrati fl-Unjoni, il-Kummissjoni żviluppat pjattaforma ta' skambju ta' messaġġi, il-MOVE-HUB, għall-iskambju ta' messaġġi biex jiġu interkonnessi r-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri. Il-pjattaforma bħalissa tospita l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ERRU), ir-reġistri tal-liċenzji tas-sewqan (RESPER), l-interkonnessjoni tar-reġistri tat-taħriġ professjonali tas-sewwieqa (ProDriveNet), in-notifika ta' ħsarat matul l-ispezzjoni maġenb it-triq tal-vetturi (RSI) u l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kards tat-takografu tas-sewwieqa. Għalhekk, jenħtieġ li l-funzjonalitajiet tal-MOVE-Hub jiġu estiżi aktar biex jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni dwar in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura u l-istatus ***tal-affidabilità*** stradali tal-vetturi użati għall-esportazzjoni. Sabiex id-dwana tkun tista' tivverifika b'mod elettroniku u awtomatiku jekk vettura użata għall-esportazzjoni tikkonformax mar-rekwiżiti tal-esportazzjoni, is-sistema elettronika mħaddma permezz ta' MOVE-HUB jenħtieġ li tkun interkonnessa mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62]. Dak ir-Regolament jipprevedi qafas komprensiv ta' kontrolli awtomatizzati, li japplikaw għal formalità mhux doganali speċifika tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-elementi ewlenin li għandhom jiġu kkontrollati, filwaqt li l-marbuta mal-kondiviżjoni, bejn l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, ta' informazzjoni relatata mal-vetturi rreġistrati fl-Unjoni, il-Kummissjoni żviluppat pjattaforma ta' skambju ta' messaġġi, il-MOVE-HUB, għall-iskambju ta' messaġġi biex jiġu interkonnessi r-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) biex jaqbdu mas-sistema elettronika MOVE-HUB.*** Il-pjattaforma bħalissa tospita l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ERRU), ir-reġistri tal-liċenzji tas-sewqan (RESPER), l-interkonnessjoni tar-reġistri tat-taħriġ professjonali tas-sewwieqa (ProDriveNet), in-notifika ta' ħsarat matul l-ispezzjoni maġenb it-triq tal-vetturi (RSI) u l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kards tat-takografu tas-sewwieqa ***(TACHOnet)***. Għalhekk, jenħtieġ li l-funzjonalitajiet tal-MOVE-Hub jiġu estiżi aktar biex jippermettu l-iskambju ***u l-verifika*** ta' informazzjoni dwar in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura u l-istatus ***tal-affidabbiltà*** stradali tal-vetturi użati għall-esportazzjoni. Sabiex id-dwana tkun tista' tivverifika b'mod elettroniku u awtomatiku jekk vettura użata għall-esportazzjoni tikkonformax mar-rekwiżiti tal-esportazzjoni, is-sistema elettronika mħaddma permezz ta' MOVE-HUB jenħtieġ li tkun interkonnessa mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62]. Dak ir-

aspetti tekniċi tal-implimentazzjoni ta’ dan il-kontroll jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2022/2399.	Regolament jipprevedi qafas komprensiv ta’ kontrolli awtomatizzati, li japplikaw għal formalità mhux doganali speċifika tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-elementi ewlenin li għandhom jiġu kkontrollati, filwaqt li l-aspetti tekniċi tal-implimentazzjoni ta’ dan il-kontroll jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2022/2399.
[62] Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta’ Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1).	[62] Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta’ Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1).

Emenda 62
Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Huwa importanti li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jwettqu kontrolli fuq vetturi użati għall-esportazzjoni f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63]. Sehem sinifikanti ta’ vetturi użati li jitilqu mill-Unjoni huma destinati għal pajjiżi fejn huma stabbiliti jew jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-importazzjoni, bħal rekwiżiti fir-rigward tal-età tal-vettura jew tal-emissjonijiet tagħha. Huwa importanti li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw b’mod elettroniku u awtomatiku, permezz tal-Ambjent ta’ Tieqa unika tal-UE għad-Dwana, jekk vettura użata għall-	(73) Huwa importanti li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jwettqu kontrolli fuq vetturi użati għall-esportazzjoni f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63]. Sehem sinifikanti ta’ vetturi użati li jitilqu mill-Unjoni huma destinati għal pajjiżi fejn huma stabbiliti jew jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-importazzjoni, bħal rekwiżiti fir-rigward tal-età tal-vettura jew tal-emissjonijiet tagħha. Huwa importanti li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw b’mod elettroniku u awtomatiku, permezz tal-Ambjent ta’ Tieqa unika tal-UE għad-Dwana, jekk vettura użata għall-

esportazzjoni tikkonformax ma’ dawk ir-rekwiżiti, meta l-informazzjoni dwar dawn ir-rekwiżiti tiġi kkomunikata uffiċjalment lill-Kummissjoni mill-pajjiżi terzi kkonċernati. Sabiex jiġu protetti l-ambjent u s-sikurezza fit-toroq f’pajjiżi terzi, is-setgħa li jiġu adottati atti delegati f’konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta’ dawn ir-rekwiżiti.

esportazzjoni tikkonformax ma’ dawk ir-rekwiżiti, meta l-informazzjoni dwar dawn ir-rekwiżiti tiġi kkomunikata uffiċjalment lill-Kummissjoni mill-pajjiżi terzi kkonċernati. ***Biex tiġi ffaċilitata l-konformità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika u taġġorna, fuq portal online ddedikat, il-kundizzjonijiet speċifiċi notifikati marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent jew mas-sikurezza fit-toroq imposti minn pajjiżi terzi.*** Sabiex jiġu protetti l-ambjent u s-sikurezza fit-toroq f’pajjiżi terzi, is-setgħa li jiġu adottati atti delegati f’konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta’ dawn ir-rekwiżiti.

---

[63] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

[63] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Emenda 63
Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) L-ispezzjonijiet jenħtieġ li jkopru l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni ta’ vetturi użati u dwar it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw. Kull sena, l-ispezzjonijiet jenħtieġ li jkopru mill-inqas 10 **%** tal-faċilitajiet u l-	(76) ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw pjanijiet ta’ spezzjoni biex jimmonitorjaw it-trattament illegali tal-vetturi.*** L-ispezzjonijiet jenħtieġ li jkopru l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni ta’ vetturi użati u

operaturi awtorizzati ta’ trattament. Is-siti tal-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal spezzjoni. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-ispezzjonijiet imwettqa skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu komplementari għall-ispezzjonijiet fuq il-vjeġġ ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, li huma rregolati b’mod komprensiv fir-Regolament ***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: ir-Regolament ġdid dwar Vjeġġi ta’ Skart].***

dwar it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw. Kull sena, l-ispezzjonijiet jenħtieġ li jkopru mill-inqas 10 ***fil-mija*** tal-faċilitajiet u l-operaturi awtorizzati ta’ trattament. Is-siti tal-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni***, il-punti ta’ ġbir, u faċilitajiet oħra u operaturi ekonomiċi li jistgħu jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw jew ibigħu vetturi użati jew l-ispare parts u l-komponenti tagħhom*** jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal spezzjoni. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-ispezzjonijiet imwettqa skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu komplementari għall-ispezzjonijiet fuq il-vjeġġ ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, li huma rregolati b’mod komprensiv fir-Regolament ***(UE) 2024/1157***.

Emenda 64
Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali sabiex l-ispezzjonijiet ikunu jistgħu jsiru b’mod effiċjenti. Tali mekkaniżmi jenħtieġ li jippermettu l-iskambju tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, meħtieġa għat-traċċar tal-vetturi u għall-verifika ta’ jekk dawn ikunux ġew ittrattati kif suppost meta jilħqu l-istadju ta’ tmiem il-ħajja.	(77) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali sabiex l-ispezzjonijiet ikunu jistgħu jsiru b’mod effiċjenti ***bl-objettiv li jiffaċilitaw il-prevenzjoni u l-kxif ta’ trattament illegali u l-esportazzjoni ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, u jindirizzaw b’mod permanenti l-kwistjoni ta’ vetturi neqsin***. Tali mekkaniżmi jenħtieġ li jippermettu l-iskambju tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, meħtieġa għat-traċċar tal-vetturi u għall-verifika ta’ jekk dawn

	ikunux ġew ittrattati kif suppost meta jilħqu l-istadju ta’ tmiem il-ħajja. ***Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi network iddedikat biex tiżgura koordinazzjoni effettiva tal-politiki nazzjonali ta’ infurzar.***

Emenda 65
Proposta għal regolament
Premessa 86

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(86) Il-vetturi neqsin ġew rikonoxxuti bħala waħda mill-isfidi ewlenin relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE. In-nuqqas ta’ sistema effiċjenti li tippermetti skambju f’ħin reali ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jxekkel it-traċċabbiltà u ġie identifikat bħala raġuni għall-għadd għoli ta’ “vetturi neqsin” fl-Unjoni. Sabiex tindirizza dan, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li tipproponi*** reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta’ reġistrazzjoni għall-vetturi[67]. Din ir-reviżjoni jenħtieġ li tirrikjedi li l-Istati Membri jirreġistraw b’mod elettroniku, għal vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom, data li tippermetti li jiġu ddokumenti kif xieraq ir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni ta’ reġistrazzjoni ta’ vettura, speċjalment jekk vettura tkun ġiet trattata bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw f’faċilità ta’ trattament awtorizzata, irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, esportata lejn pajjiż terz barra mill-Unjoni,	(86) Il-vetturi neqsin ġew rikonoxxuti bħala waħda mill-isfidi ewlenin relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE. In-nuqqas ta’ sistema effiċjenti li tippermetti skambju f’ħin reali ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jxekkel it-traċċabbiltà u ġie identifikat bħala raġuni għall-għadd għoli ta’ “vetturi neqsin” fl-Unjoni. Sabiex tindirizza dan, il-Kummissjoni ***proponiet*** reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta’ reġistrazzjoni għall-vetturi[67]. Din ir-reviżjoni jenħtieġ li tirrikjedi li l-Istati Membri jirreġistraw b’mod elettroniku, għal vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom, data li tippermetti li jiġu ddokumenti kif xieraq ir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni ta’ reġistrazzjoni ta’ vettura, speċjalment jekk vettura tkun ġiet trattata bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw f’faċilità ta’ trattament awtorizzata, irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, esportata lejn pajjiż terz barra mill-Unjoni,

jew tkun insterqet. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat iż-żarmar jew l-esportazzjoni illegali ta' vetturi li temporanjament ikunu tneħħew mir-reġistru, is-sidien tal-vetturi jenħtieġ li jkunu obbligati jirrapportaw minnufih kwalunkwe bidla fis-sjieda tagħhom lill-awtorità nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Dawn l-emendi jikkomplementaw u jibnu fuq ir-rekwiżiti eżistenti għall-Istati Membri biex jirreġistraw b'mod elettroniku d-data dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom.

---

[67] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

jew tkun insterqet. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat iż-żarmar jew l-esportazzjoni illegali ta' vetturi li temporanjament ikunu tneħħew mir-reġistru, is-sidien tal-vetturi jenħtieġ li jkunu obbligati jirrapportaw minnufih kwalunkwe bidla fis-sjieda tagħhom lill-awtorità nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Dawn l-emendi jikkomplementaw u jibnu fuq ir-rekwiżiti eżistenti għall-Istati Membri biex jirreġistraw b'mod elettroniku d-data dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom.

---

[67] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

Emenda 66
Proposta għal regolament
Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(87) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u li jitqies il-progress xjentifiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq il-funzjonament tas-suq uniku u l-ambjent. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkludi, fir-rapport tagħha, evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-disinn ta' vetturi ġodda, inklużi l-miri għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklabbiltà u l-irkupru, il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, inklużi l-miri ta' riċiklaġġ, u dwar il-penali kif ukoll valutazzjoni tal-ħtieġa u	(87) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u li jitqies il-progress xjentifiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq il-funzjonament tas-suq uniku u l-ambjent. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkludi, fir-rapport tagħha, evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-disinn ta' vetturi ġodda, inklużi l-miri għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklabbiltà u l-irkupru, il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, inklużi l-miri ta' riċiklaġġ, u dwar il-penali kif ukoll valutazzjoni tal-ħtieġa u

l-fattibbiltà li l-ambitu ta’ dan ir-Regolament jiġi estiż ulterjorment għal ċerti vetturi ***tal-kategorija L***, vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li ma tagħmilx enfasi biss fuq aspetti li jikkonċernaw it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, iżda wkoll fuq ir-rilevanza u l-valur miżjud li jiġu stabbiliti rekwiżiti tad-disinn.

l-fattibbiltà li l-ambitu ta’ dan ir-Regolament jiġi estiż ulterjorment għal ċerti vetturi***, bħal karavans***, ***vetturi mibnija f’diversi stadji jew*** vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li ma tagħmilx enfasi biss fuq aspetti li jikkonċernaw it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, iżda wkoll fuq ir-rilevanza u l-valur miżjud li jiġu stabbiliti rekwiżiti tad-disinn***, u l-impatt ta’ miżuri fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet dwar proċessi li jistgħu jaffettwaw ir-riċiklaġġ ta’ kwalità għolja ta’ vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom, miżuri mmirati lejn l-indirizzar tal-kwistjoni ta’ “vetturi neqsin” u b’mod partikolari, it-trattament illegali u l-esportazzjoni ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll l-impatt tad-differenzi fil-kriterji nazzjonali tal-affidabbiltà stradali applikati għall-esportazzjoni ta’ vetturi użati u għas-suq intern***.

Emenda 67
Proposta għal regolament
Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(88) Ir-rapport mill-Kummissjoni jenħtieġ li jinkludi wkoll valutazzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw l-għoti ta’ informazzjoni dwar sustanzi ta’ tħassib preżenti fil-vetturi u jekk hemmx bżonn li tittejjeb it-traċċabbiltà ta’ tali sustanzi. Dan jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk hemmx bżonn li jiġu introdotti miżuri li jindirizzaw is-sustanzi li	(88) Ir-rapport mill-Kummissjoni jenħtieġ li jinkludi wkoll valutazzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw l-għoti ta’ informazzjoni dwar sustanzi ta’ tħassib preżenti fil-vetturi u jekk hemmx bżonn li tittejjeb it-traċċabbiltà ta’ tali sustanzi. Dan jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk hemmx bżonn li jiġu introdotti miżuri li jindirizzaw is-sustanzi li

jistgħu jaffettwaw it-trattament tal-vetturi meta jilħqu l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom, sabiex ***jiġu allinjata*** aktar mill-qrib mar-Regolament (UE) ***[Ekodisinn għal Prodotti sostenibbli]***.	jistgħu jaffettwaw it-trattament tal-vetturi meta jilħqu l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom, sabiex ***jiġi allinjat*** aktar mill-qrib mar-Regolament (UE) ***2024/1781***.

Emenda 68
Proposta għal regolament
Premessa 88a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(88a)Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa wkoll, abbażi tad-dikjarazzjonijiet li jagħmlu l-manifatturi, jekk il-manifatturi humiex fit-triq it-tajba biex jikkonformaw mal-miri tal-plastik riċiklat. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tevalwa b'mod partikolari d-disponibbiltà ta' teknoloġiji xierqa tar-riċiklaġġ tal-plastik, id-disponibbiltà suffiċjenti ta' plastik riċiklat, il-livell ta' kwalità tal-plastik riċiklat meta mqabbel mal-livell ta' sikurezza meħtieġ u d-diffikultajiet tekniċi u ekonomiċi biex tintlaħaq il-mira. Fejn xieraq, il-valutazzjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 69
Proposta għal regolament
Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(95) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-	(95) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-

vettura tal-kategoriji L***3e-L7e***, M_2, M_3, N_2, N_3 u O jenħtieġ li tiġi differita sabiex l-operaturi jingħataw żmien biżżejjed ħalli jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-permessi għal faċilitajiet ta' trattament awtorizzati li huma kapaċi jwettqu t-tindif mit-tniġġis u t-trattament ulterjuri ta' tali vetturi.	vettura tal-kategoriji L, M_2, M_3, N_2, N_3 u O jenħtieġ li tiġi differita sabiex l-operaturi jingħataw żmien biżżejjed ħalli jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-permessi għal faċilitajiet ta' trattament awtorizzati li huma kapaċi jwettqu t-tindif mit-tniġġis u t-trattament ulterjuri ta' tali vetturi.

Emenda 70
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għall-vetturi u għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u tal-kategoriji ***L3e, L4e, L5e, L6e u L7e*** kif stabbiliti fl-Artikolu 4(2)***(c) sa (g)***, tar-Regolament (UE) 168/2013.	(c) minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għall-vetturi u għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u tal-kategoriji ***L*** kif stabbiliti fl-Artikolu 4(2), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) vetturi bi skop speċjali kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (31), tar-Regolament (UE) 2018/858 prodotti minn manifattur ta' volum żgħir;

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) vetturi tal-kategoriji L prodotti f'serje żgħira kif imsemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013;

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu mis-servizzi armati biss, kif imsemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2018/858;

Emenda 74
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu mis-servizzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar, mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku u mis-servizzi mediċi ta' emerġenza, kif imsemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013;

Emenda 75
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ce) muturi ddisinjati bil-pedali tal-kategorija ta' vetturi L_1e-B kif imsemmija fil-Punt 1.1.2. tal-Anness XIX tar-Regolament Delegat (UE) Nru 3/2014;

Emenda 76
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) vetturi ta' interess storiku kif definiti fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2014/45/UE***.***	(d) vetturi ta' interess storiku kif definiti fl-Artikolu 3***, il-punt*** (7)***,*** tad-Direttiva 2014/45/UE ***u l-parts, il-komponenti u l-ispare parts kollha tagħhom meħtieġa għall-attivitajiet ta' manutenzjoni tagħhom u neċessarji biex jiġi ppreservat l-istatus storiku tagħhom;***

Emenda 77
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) vetturi ta' interess kulturali speċjali, dment li jkunu uffiċjalment rikonoxxuti bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu rreġistrati, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness Xa ta' dan ir-Regolament.

Emenda 78
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minkejja l-paragrafu 1(c), id-dispożizzjonijiet li ġejjin ma għandhomx japplikaw għall-vetturi u għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw tal-kategoriji ***L₃e, L₄e, L₅e, L₆e u L₇e***:	4. Minkejja l-paragrafu 1***, il-punt*** (c), id-dispożizzjonijiet li ġejjin ma għandhomx japplikaw għall-vetturi u għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw tal-kategoriji ***L***:

Emenda 79
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-artikoli elenkati fil-paragrafu 3;	***imħassar***

Emenda 80
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***L-artikoli elenkati fil-paragrafu 3***;	(a) ***L-Artikolu 4 dwar il-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u possibbiltà ta' rkupru tal-vetturi***;

Emenda 81
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) L-Artikolu 5 dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi fil-vetturi;

Emenda 82
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) L-Artikolu 6 dwar il-kontenut minimu riċiklat fil-vetturi;

Emenda 83
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) L-Artikolu 9 dwar l-istrateġija għaċ-ċirkolarità;

Emenda 84
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ad) L-Artikolu 10 dwar id-dikjarazzjoni dwar il-kontenut riċiklat preżenti fil-vetturi;

Emenda 85
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ae (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ae) L-Artikolu 13 dwar il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vetturi;

Emenda 86
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt af (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(af) L-Artikolu 21 dwar il-modulazzjoni tat-tariffi;

Emenda 87
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ag (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ag) L-Artikolu 22 dwar il-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħor;

Emenda 88
Proposta għal regolament
Artikoku 2 – paragrafu 4 – punt ah (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ah) L-Artikolu 28 dwar ir-rekwiżiti ġenerali għat-tqattigħ;

Emenda 89
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ai (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ai) L-Artikolu 34 dwar il-miri għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru;

Emenda 90
Proposta għal regolament
Artikoku 2 – paragrafu 4 – punt aj (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aj) L-Artikolu 35 dwar il-projbizzjoni tar-rimi fil-landfills ta' skart mhux inerti;

Emenda 91
Proposta għal regolament
Artikoku 2 – paragrafu 4 – punt ak (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ak) L-Artikolu 36 dwar il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Emenda 92
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Minkejja l-paragrafu 2(a), id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ***għal vetturi*** bi skop speċjali:	5. Minkejja l-paragrafu 2***, il-punt*** (a), id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ***għall-vetturi*** bi skop speċjali ***kollha, bl-eċċezzjoni ta' karavans bil-mutur u karavans li jinġibdu kif definiti fil-punti 5.1 u 5.6, il-Parti A, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858***:

Emenda 93
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 1(b) u (c), l-Artikoli 16, 19, 20, 27 u 46 sa 49 għandhom japplikaw għall-vetturi u għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw tal-kategoriji L***3, L4, L5, L6 L7***, M_2, M_3, N_2, N_3 u O bil-modifiki li ġejjin:	6. Minkejja l-paragrafu 1(b) u (c), l-Artikoli 16, 19, 20, 27 u 46 sa 49 għandhom japplikaw għall-vetturi u għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw tal-kategoriji L, M_2, M_3, N_2, N_3 u O bil-modifiki li ġejjin:

Emenda 94
Proposta għal regolament
Artikolu 2 - paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Minkejja l-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 7 u 30 għandhom

	japplikaw għall-vetturi u għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw tal-kategoriji L bil-modifiki li ġejjin:
	(a) l-Artikolu 7 għandu japplika għall-vetturi tal-kategoriji L biss fir-rigward tal-entrati 1, 3, 5, 8 u 9 tal-Parti C tal-Anness VII;
	(b) l-Artikolu 30 għandu japplika għall-vetturi tal-kategoriji L biss fir-rigward tal-entrati 1, 3, 5, 8 u 9 tal-Parti C tal-Anness VII.

Emenda 95
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) “vettura” tfisser kwalunkwe vettura kif definita fl-Artikolu 3(15) tar-Regolament (UE) 2018/858 jew elenkata fl-Artikolu 4(2***)(c) sa (g***) tar-Regolament (UE) 168/2013;	(1) “vettura” tfisser kwalunkwe vettura kif definita fl-Artikolu 3***, il-punt*** (15)***,*** tar-Regolament (UE) 2018/858 jew elenkata fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013;

Emenda 96
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) “vettura li ma għadhiex tintuża” tfisser vettura li hija skart kif definit fl-Artikolu 3(1), tad-Direttiva 2008/98/KE, jew vetturi li huma irreparabbli skont il-kriterji tal-Parti A, ***il-punti*** 1 ***u 2*** tal-Anness I;	(2) “vettura li ma għadhiex tintuża” tfisser vettura li hija skart kif definit fl-Artikolu 3***, il-punt*** (1), tad-Direttiva 2008/98/KE, jew vetturi li huma irreparabbli skont il-kriterji tal-Parti A, ***il-punt*** 1 tal-Anness I ***ta’ dan ir-Regolament***;

Emenda 97
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) “reklamazzjoni” tfisser ir-riproċessar ta’ fluwidu rkuprat ta’ sistema tal-arja kundizzjonata għall-prestazzjoni ekwivalenti ta’ sustanza verġni, filwaqt li jitqies l-użu intenzjonat tiegħu, f’faċilitajiet ta’ reklamazzjoni awtorizzati li għandhom it-tagħmir u l-proċeduri xierqa stabbiliti li jippermettu r-reklamazzjoni ta’ tali fluwidi u li jistgħu jivvalutaw u jaffermaw il-livell tal-kwalità meħtieġa;

Emenda 98
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) “plastik” tfisser polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3***(5)***, tar-Regolament (***KE***) Nru ***1907/2006***, li miegħu setgħu ġew miżjuda addittivi jew sustanzi oħra;	(9) “plastik” tfisser polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3***, il-punti (2) u (3)***, tar-Regolament ***tal-Kummissjoni*** (***UE***) Nru ***10/2011***[1a], li miegħu setgħu ġew miżjuda addittivi jew sustanzi oħra***, li kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali ewlieni ta’ materjali u oġġetti finali***;
	[1a] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta’ Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f’kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/10/oj).

Emenda 99
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "plastik riċiklat" tfisser plastik li kien skart qabel ir-riċiklaġġ kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (17), tad-Direttiva 2008/98/KE, u li ġie prodott bir-riċiklaġġ;

Emenda 100
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a)"skart ta' qabel l-użu mill-konsumatur" tfisser materjal estratt mill-fluss ta' skart matul proċess ta' manifattura, li jeskludi l-użu mill-ġdid ta' materjali bħall-ipproċessar mill-ġdid, it-tħin mill-ġdid u skrappjar, iġġenerat fi proċess u li jista' jiġi rkuprat fi ħdan l-istess proċess li jkun iġġenerah;

Emenda 101
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a)"fluss ta' skart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur" tfisser fluss li jinkludi, fost l-oħrajn, skart ta' termoplastiks, termosettijiet u elastomeri, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE, iġġenerat minn prodotti li jkun fihom plastiks wara li

	jkunu tqiegħdu fis-suq;

Emenda 102
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) “batterija ta’ vettura elettrika” tfisser batterija ta’ vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 3(14) tar-Regolament (UE) 2023/ ***[Batteriji u skart ta’ batteriji]***;	(14) “batterija ta’ vettura elettrika” tfisser batterija ta’ vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 3***, il-punt*** (14)***,*** tar-Regolament (UE) 2023/***1542***;

Emenda 103
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a)“batterija għal mezz tat-trasport ħafif” jew “batterija LMT” tfisser batterija għal mezz tat-trasport ħafif kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (11), tar-Regolament (UE) 2023/1542;

Emenda 104
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) “faċilità ta’ trattament awtorizzata” tfisser kwalunkwe stabbiliment jew impriża li hija permessa f’konformità mad-Direttiva 2008/98/KE u dan ir-Regolament biex twettaq il-ġbir u t-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(15) “faċilità ta’ trattament awtorizzata” tfisser kwalunkwe stabbiliment jew impriża li hija permessa f’konformità mad-Direttiva 2008/98/KE u dan ir-Regolament biex twettaq ***– jew individwalment jew b’kooperazzjoni ma’ faċilitajiet oħra ta’ trattament –*** il-ġbir***, il-ħżin*** u t-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw ***jew il-***

	parts u l-komponenti tagħhom;

Emenda 105
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) “operatur ta’ tiswija u ta’ manutenzjoni” tfisser ***kwalunkwe*** persuna fiżika jew ġuridika li, ***relatata mal-kummerċ***, ***man-negozju***, ***mas-sengħa*** jew ***mal-professjoni*** ta’ ***dik il-persuna***, ***tipprovdi*** servizzi ta’ ***tiswija jew*** ta’ ***manutenzjoni, kemm jekk indipendentement mill-manifatturi kif*** ukoll ***jekk*** awtorizzati ***minnhom***;	(18) “operatur ta’ tiswija u ta’ manutenzjoni” tfisser persuna fiżika jew ġuridika***,*** li ***hija direttament jew indirettament involuta fit-tiswija u fil-manutenzjoni tal-vetturi***, ***inklużi sewwejja***, ***manifatturi jew distributuri ta’ tagħmir tat-tiswija***, ***għodod*** jew ***spare parts, kif ukoll pubblikaturi*** ta’ ***informazzjoni teknika***, ***assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi tal-assistenza fit-triq, operaturi li joffru*** servizzi ta’ ***spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru taħriġ għall-installaturi, il-manifatturi u s-sewwejja*** ta’ ***tagħmir għall-vetturi ta’ fjuwil alternattiv; tfisser*** ukoll ***sewwejja, negozjanti u distributuri*** awtorizzati ***fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta’ manifattur ta’ vettura partikolari sakemm huma jipprovdu servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi li fir-rigward tagħhom ma humiex membri tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura***;

Emenda 106
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) “operatur tal-immaniġġar tal-iskart” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tittratta fuq bażi professjonali l-ġbir jew it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(21) “operatur tal-immaniġġar tal-iskart” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***awtorizzata*** li tittratta fuq bażi professjonali l-ġbir jew it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw ***jew il-parts u l-komponenti tagħhom***;

Emenda 107
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) “produttur” tfisser kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika ta’ bejgħ użata, inkluż permezz ta’ kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE, iforni vettura għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni jew għall-użu, f’territorju ta’ Stat Membru fuq bażi professjonali;	(22) “produttur” tfisser kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika ta’ bejgħ użata, inkluż permezz ta’ kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2 ***il-punt*** (7)***,*** tad-Direttiva 2011/83/UE, iforni vettura għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni jew għall-użu, f’territorju ta’ Stat Membru fuq bażi professjonali; ***għal vetturi mibnija f’diversi stadji, il-produttur huwa l-manifattur tal-vettura bażi;***

Emenda 108
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) “organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi” tfisser entità ġuridika li torganizza b’mod finanzjarju jew operazzjonali t-twettiq tal-obbligi ta’ responsabbiltà estiża tal-	(23) “organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi” tfisser entità ġuridika ***mingħajr skop ta’ qligħ*** li torganizza b’mod finanzjarju jew operazzjonali t-twettiq tal-obbligi

produttur f’isem diversi produtturi;	ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur f’isem diversi produtturi;

Emenda 109
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) “rappreżentant ***maħtur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur” tfisser persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fi Stat Membru fejn il-produttur jagħmel il-vettura disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, għajr l-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-produttur, u li tinħatar mill-produttur f’konformità ***mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu*** 8a(5) tad-Direttiva 2008/98/KE biex tissodisfa l-obbligi ta’ dak il-produttur skont il-Kapitolu IV ta’ dan ir-Regolament;	(24) “rappreżentant ***awtorizzat*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur” tfisser persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fi Stat Membru fejn il-produttur jagħmel il-vettura disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, għajr l-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-produttur, u li tinħatar mill-produttur f’konformità ***mal-Artikolu*** 8a(5)***, it-tielet subparagrafu,*** tad-Direttiva 2008/98/KE biex tissodisfa l-obbligi ta’ dak il-produttur skont il-Kapitolu IV ta’ dan ir-Regolament;

Emenda 110
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) “teknoloġija ***post-shredder”*** tfisser it-tekniki u t-teknoloġiji li jintużaw għall-ipproċessar tal-materjali minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, wara li jkunu tqattgħu, għal aktar irkupru;	(27) “teknoloġija ***ta’ wara t-tqattigħ”*** tfisser it-tekniki u t-teknoloġiji li jintużaw għall-ipproċessar tal-materjali minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, wara li jkunu tqattgħu, għal aktar irkupru ***u riċiklaġġ***;

Emenda 111
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) “rimanifattura” tfisser ***operat*** li ***fih parti jew komponent ġdid jiġi mmanifatturat*** minn ***partijiet*** u komponenti li jew jitneħħew minn vetturi jew vetturi li ma għadhomx jintużaw u li ***fih issir*** mill-inqas bidla waħda ***fil-parti*** jew fil-komponent li taffettwa s-sikurezza, il-prestazzjoni, l-iskop jew it-tip tiegħu;	(28) “rimanifattura” tfisser ***operazzjoni industrijali standardizzata u dokumentata*** li ***fiha partsjew komponenti ġodda jiġu mmanifatturati b’tali mod li l-kundizzjoni tagħhom tiġi rrestawrata għal dik daqs ta’ dawk ġodda, jew aħjar,*** minn ***parts*** u komponenti li jew jitneħħew minn vetturi jew vetturi li ma għadhomx jintużaw u li ***fiha ssir*** mill-inqas bidla waħda ***fil-part*** jew fil-komponent li taffettwa s-sikurezza, il-prestazzjoni, l-iskop jew it-tip tiegħu; ***il-proċess huwa f’konformità ma’ speċifikazzjonijiet tekniċi speċifiċi, inklużi standards ta’ inġinerija, kwalità u ttestjar, u jagħti prodotti b’garanzija sħiħa;***

Emenda 112
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) “rinnovazzjoni” tfisser azzjonijiet imwettqa għat-tħejjija, ***it-tindif***, ***l-ittestjar*** u, fejn meħtieġ, ***it-tiswija*** ta’ parti jew ta’ komponent li jitneħħa minn vetturi ***jew minn vetturi li ma għadhomx jintużaw*** sabiex terġa’ tinkiseb il-prestazzjoni jew il-funzjonalità ***ta’ dik il-parti jew ta’ dak il-komponent fl-użu maħsub u fil-firxa ta’ prestazzjoni oriġinarjament maħsuba fl-istadju tad-disinn applikabbli fiż-żmien tat-tqegħid tiegħu fis-suq***;	(29) “rinnovazzjoni” tfisser azzjonijiet imwettqa għat-tħejjija, ***għat-tindif***, ***għall-ittestjar*** u, fejn meħtieġ, ***għat-tiswija*** ta’ parti jew ta’ komponent li jitneħħa minn vetturi sabiex terġa’ tinkiseb il-prestazzjoni jew il-funzjonalità ***tagħhom***;

Emenda 113
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) “operaturi ekonomiċi” tfisser produttur, kolletturi, kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-vetturi, fornituri, operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni, operaturi tal-ġestjoni tal-iskart u kwalunkwe operatur ieħor involut fid-disinn tal-vetturi, fil-kummerċ ta’ vetturi użati, jew fil-ġestjoni ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw**.**	(35) “operaturi ekonomiċi” tfisser produttur, kolletturi, ***dawk li jżarmaw, riċiklaturi,*** kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-vetturi, fornituri, operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni***,*** ***rimanifatturi***, operaturi tal-ġestjoni tal-iskart u kwalunkwe operatur ieħor involut fid-disinn tal-vetturi, fil-kummerċ ta’ vetturi użati, jew fil-ġestjoni ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw***, u l-parts, il-komponenti, il-prodott prinċipali jew il-parti u l-materjali tagħhom;***

Emenda 114
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a)“rimanifattur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità ġuridika li twettaq il-proċess ta’ rimanifattura;

Emenda 115
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) “operaturi tal-modifika retroattiva” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika li hija awtorizzata timmanifattura kitt ta’ konverżjoni elettrika jew li twettaq il-konverżjoni ta’ vetturi b’magni ta’

	kombustjoni interna għal vetturi tal-batterija tal-elettriku jew taċ-ċelloli tal-fjuwil;

Emenda 116
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35c)“punt ta’ ġbir” tfisser operatur ekonomiku għajr faċilità ta’ trattament awtorizzata, li temporanjament jaħżen vetturi li ma għadhomx jintużaw u jipprepara għat-trasferiment tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw għal faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati;

Emenda 117
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35d) “reġistrazzjoni” tfisser reġistrazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (b), tad-Direttiva 1999/37/KE; għal vetturi li jaqgħu taħt il-kategoriji L1 u L2, meta ma jkunux soġġetti għal reġistrazzjoni amministrattiva skont id-Direttiva 1999/37/KE fi Stat Membru partikolari, “reġistrazzjoni” tfisser ir-reġistrazzjoni ta’ vetturi f’sistema li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom, inkluż fil-punt tat-tqegħid fis-suq, waqt l-użu, jew meta ma jibqgħux jintużaw, għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità ma’ dan ir-

Regolament;

Emenda 118
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35e)“possibbiltà ta’ tiswija” tfisser il-possibbiltà ta’ tiswija tal-parts jew tal-komponenti estratti minn vettura.

Emenda 119
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) “sustanza ta’ tħassib” u “mezz ta’ data” stabbiliti fl-Artikolu 2(***28***) u (***30***) tar-Regolament ***[Ekodisinn għal prodotti sostenibbli].***	(e) “sustanza ta’ tħassib” u “mezz ta’ data” stabbiliti fl-Artikolu 2***, il-punti*** (***27***) u (***29***)***,*** tar-Regolament ***(UE) 2024/1781;***

Emenda 120
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) “manifattur ta’ volum żgħir” stabbilit fl-Artikolu 3, il-punt (48), tar-Regolament (UE) 2024/1257.

Emenda 121
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta’ vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ***ġdid*** ta’ vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn

[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha tinbena biex tkun:	[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha tinbena biex tkun:

Emenda 122
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jivverifikaw il-korrettezza u l-kompletezza*** tal-informazzjoni riċevuta mill-fornituri;	(c) ***jikkontrollaw il-kompletezza*** tal-informazzjoni riċevuta mill-fornituri;

Emenda 123
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (c), huwa soġġett għad-disponibbiltà ta' informazzjoni u data tul il-katina tal-provvista, filwaqt li jitqiesu d-daqs u l-karatteristiċi organizzattivi speċifiċi tal-SMEs.

Emenda 124
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 35	Il-Kummissjoni għandha, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 35

xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], tadotta att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija ***ġdida*** għall-kalkolu u l-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru ta’ vettura, filwaqt li jitqiesu l-elementi stabbiliti fl-Anness II.	xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], tadotta att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru ta’ vettura, filwaqt li jitqiesu l-elementi stabbiliti fl-Anness II ***u fl-istandard ISO 22628:2002***.

Emenda 125
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-preżenza ta’ sustanzi ta’ tħassib fil-vetturi u ***fil-partijiet*** u l-komponenti tagħhom għandha tiġi mminimizzata kemm jista’ jkun.	1. Il-preżenza ta’ sustanzi ta’ tħassib fil-vetturi u ***fil-parts*** u l-komponenti tagħhom għandha tiġi mminimizzata kemm jista’ jkun***, sa fejn ikun hemm bżonn biex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom***. ***Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandha, sa ….[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] tħejji rapport dwar is-sustanzi ta’ tħassib, jiġifieri sustanzi li jkollhom effett negattiv fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent jew li jxekklu r-riċiklaġġ għal materja prima sekondarja sikura u ta’ kwalità għolja, preżenti fil-vetturi. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-***

Parlament Ewropew u lill-Kunsill filwaqt li tippreżenta s-sejbiet tagħha, u għandha tikkunsidra l-adozzjoni tal-atti delegati li jistabbilixxu lista ta' sustanzi ta' tħassib, applikabbli speċifikament għal vetturi, u miżuri ta' segwitu xierqa.

Ir-rapport imsemmi fit-tieni paragrafu ma għandux ikopri parts u komponenti tal-vetturi li għalihom diġà tkun meħtieġa identifikazzjoni jew valutazzjoni minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Emenda 126
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Minbarra r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u, kif applikabbli, ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/1021 u fir-Regolament (UE) 2023/[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Batteriji],*** kwalunkwe tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], skont ir-Regolament (UE) 2018/858 ma għandux ikun ***fiha*** ċomb, merkurju, kadmju jew kromu eżavalenti.	2. Kwalunkwe tip ***ġdid*** ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], skont ir-Regolament (UE) 2018/858, jew kwalunkwe ***part ġdida jew komponent ġdid imqiegħda fis-suq għal tali vettura*** ma għandux ikun ***fihom*** ċomb, merkurju, kadmju jew kromu eżavalenti.

Emenda 127
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-Kummissjoni, u fi żmien 12-il xahar mit-talba, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-“Aġenzija”) għandha tħejji rapport dwar il-fattibbiltà teknika u ekonomika ta’ alternattivi li jappartjenu għall-eżenzjonijiet eżistenti elenkati fl-Anness III u, abbażi ta’ tali valutazzjoni, proposta motivata għall-emenda speċifika tal-eżenzjoni.	5. Fuq talba tal-Kummissjoni, u fi żmien 12-il xahar mit-talba, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-“Aġenzija”) għandha tħejji rapport***, abbażi ta’ konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-esperti tal-industrija,*** dwar il-fattibbiltà teknika u ekonomika ta’ alternattivi li jappartjenu għall-eżenzjonijiet eżistenti elenkati fl-Anness III u, abbażi ta’ tali valutazzjoni, proposta motivata għall-emenda speċifika tal-eżenzjoni.

Emenda 128
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Hekk kif tirċievi t-talba mill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż li se jitħejja rapport dwar emenda possibbli ta’ eżenzjoni fl-Anness III u tistieden lill-partijiet interessati kollha jissottomettu kummenti fi żmien ***tmien ġimgħat*** mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż. L-Aġenzija għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-kummenti kollha riċevuti mill-partijiet interessati.	6. Hekk kif tirċievi t-talba mill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż li se jitħejja rapport dwar emenda possibbli ta’ eżenzjoni fl-Anness III u tistieden lill-partijiet interessati kollha jissottomettu kummenti fi żmien ***12-il ġimgħa*** mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż. L-Aġenzija għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-kummenti kollha riċevuti mill-partijiet interessati.

Emenda 129
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Mhux aktar tard minn ***9 xhur*** wara s-sottomissjoni tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 lill-Kummissjoni, il-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika tal-Aġenzija, stabbilit skont l-Artikolu 76(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandu jadotta opinjoni dwar ir-rapport u dwar l-emendi speċifiċi proposti. L-Aġenzija għandha tissottometti dik l-opinjoni lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.	7. Mhux aktar tard minn ***12-il xahar*** wara s-sottomissjoni tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 lill-Kummissjoni, il-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika tal-Aġenzija, stabbilit skont l-Artikolu 76(1)***, il-punt*** (d)***,*** tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandu jadotta opinjoni dwar ir-rapport u dwar l-emendi speċifiċi proposti. L-Aġenzija għandha tissottometti dik l-opinjoni lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Emenda 130
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-plastik li jinsab f'kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandu jkun fiha mill-inqas ***25 %*** ta' plastik riċiklat skont il-piż ***mill-iskart*** tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur.	Il-plastik li jinsab f'kull tip ***ġdid*** ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandu jkun fiha mill-inqas ***20 fil-mija*** ta' plastik riċiklat skont il-piż***, mill-flussi tal-iskart*** tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur ***attribwit permezz ta' katina ta' kustodja f'konformità mal-istandard ISO 22095:2020***.

Emenda 131
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-parts u l-komponenti kollha

tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw għas-sostituzzjoni matul il-fażi tal-użu ta' vettura għandhom jitqiesu għall-fluss tal-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur bħala materja prima għall-plastik riċiklat.

Emenda 132
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-piż tal-plastik riċiklat u l-piż totali tal-plastik imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jeskludu elastomeri u termosettijiet, għajr il-fowms tal-poliuretan.

Emenda 133
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe tip ġdid ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 120 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandha tilħaq mira ta' mill-inqas ħames punti perċentwali lil hinn mill-mira stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm in-nuqqas ta' disponibbiltà jew il-prezzijiet eċċessivi ta' plastik riċiklat speċifiku ma jagħmilx il-konformità ma' dik il-mira

estremament diffiċli.

Emenda 134
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-manifatturi jistgħu jilħqu sa massimu ta' 50 fil-mija tal-miri stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a billi jużaw l-iskart ta' qabel l-użu mill-konsumatur.

Emenda 135
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Mill-inqas 15 fil-mija tal-miri stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jinkisbu billi jiġi inkluż plastik riċiklat minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat.

Emenda 136
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara ***23*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ***ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 51(2)*** biex	2. Sa ***....*** [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara ***15-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ***delegat f'konformità mal-Artikolu 50*** biex jissupplimenta dan ir-

jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika, għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ***ta’*** wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, ***preżenti u inkorporati fit-tip*** ta’ vettura***.***	Regolament billi jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika, għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ***ta’ qabel l-użu mill-konsumatur u dak ta’*** wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, ***biex jiġi mmanifatturat it-tip*** ta’ vettura ***li jqis l-aħjar teknoloġija tar-riċiklaġġ disponibbli.***

Emenda 137
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta ***atti delegati***, f’konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta’ azzar riċiklat minn ***skart tal-azzar*** ta’ ***wara l-użu mill-konsumatur*** li ***għandu jkun*** preżenti u ***inkorporat fit-tipi*** ta’ vetturi li għandhom jiġu approvati għat-tip f’konformità ma’ dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2018/858.	***Sa …. [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha*** tadotta ***att delegat***, f’konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sehem minimu ta’ azzar riċiklat minn ***ruttam ferruż u sehem minimu*** ta’ ***aluminju riċiklat u l-ligi tiegħu*** li ***għandhom ikunu*** preżenti u ***inkorporati f’tipi*** ta’ vetturi li għandhom jiġu approvati għat-tip f’konformità ma’ dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2018/858. ***Dak l-att delegat għandu jistabbilixxi wkoll id-data tal-applikazzjoni tal-obbligu li jkun hemm sehem minimu ta’ kontenut riċiklat. L-azzar użat bħala materjal ta’ rinforz fit-tajers ma għandux jitqies li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dak***

l-att delegat.

Emenda 138
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sehem minimu tal-azzar riċiklat ***imsemmi*** fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq studju ta' fattibbiltà, imwettaq mill-Kummissjoni. L-istudju għandu jiġi ffinalizzat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara ***23*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], filwaqt li jeżamina b'mod partikolari l-aspetti li ġejjin:	Is-sehem minimu tal-azzar riċiklat ***u l-aluminju u l-ligi tiegħu msemmija*** fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq studju ta' fattibbiltà, imwettaq mill-Kummissjoni. L-istudju għandu jiġi ffinalizzat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara ***12-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], filwaqt li jeżamina b'mod partikolari l-aspetti li ġejjin:

Emenda 139
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-disponibbiltà kurrenti u prevista ***tal-azzar riċiklat minn sorsi*** ta' ***skart*** tal-azzar ***wara l-użu mill-konsumatur***;	(a) id-disponibbiltà kurrenti u prevista ***ta' ruttam ferruż filwaqt li jitqiesu familji*** ta' ***prodotti*** tal-azzar ***tal-karbonju ċatti u twal u azzar inossidabbli***;

Emenda 140
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sehem kurrenti ***tal-iskart*** ta' ***wara l-użu mill-konsumatur*** f'diversi prodotti sekondarji u intermedji tal-azzar li jintużaw fil-	(b) is-sehem kurrenti ta' ***ruttam ferruż*** f'diversi prodotti sekondarji u intermedji ***tal-azzar relatati mal-familji*** tal-azzar li

vetturi;	jintużaw fil-vetturi ***u bidliet mistennija relatati mat-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi***;

Emenda 141
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-adozzjoni potenzjali ta' ***azzar riċiklat wara l-użu mill-konsumatur*** mill-manifatturi f'vetturi li għandhom jiġu approvati għat-tip fil-futur;	(c) l-adozzjoni potenzjali ta' ***ruttam ferruż*** mill-manifatturi f'vetturi li għandhom jiġu approvati għat-tip fil-futur***, filwaqt li jqis il-limiti differenti applikabbli fil-kompożizzjoni għal kull familja tal-prodotti tal-azzar***;

Emenda 142
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) id-domanda relattiva tas-settur awtomobilistiku meta mqabbla mad-domanda ***għall-iskart tal-azzar*** ta' ***wara l-użu mill-konsumatur*** ta' ***setturi oħra***;	(d) id-domanda relattiva tas-settur awtomobilistiku meta mqabbla mad-domanda ***għar-ruttam ferruż*** ta' ***setturi oħra, filwaqt li jqis il-kapaċità tiegħu li jittollera kontenut tar-ram u inklużjonijiet oħra*** ta' ***tramp mhux intenzjonati***;

Emenda 143
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-vijabbiltà ekonomika, il-progress tekniku u xjentifiku, inklużi l-bidliet fid-disponibbiltà tat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ li jikkonċernaw ir-rati tar-riċiklaġġ	(e) il-vijabbiltà ekonomika, il-progress tekniku u xjentifiku, inklużi l-bidliet fid-disponibbiltà tat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ li jikkonċernaw ir-rati tar-riċiklaġġ

tal-azzar;	tal-azzar ***kif ukoll il-kontribut eżistenti tar-riċiklaġġ ta' ruttam ta' qabel l-użu mill-konsumatur***;

Emenda 144
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-kontribut ta' sehem minimu ta' kontenut riċiklat tal-azzar fil-vetturi ***għall-awtonomija*** strateġika miftuħa ***tal-Unjoni***, ***għall-objettivi klimatiċi u ambjentali***;	(f) il-kontribut ta' sehem minimu ta' kontenut riċiklat tal-azzar***, tal-azzar b'livell baxx ta' CO_2 u tal-aluminju u l-ligi tiegħu*** fil-vetturi ***għall-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-awtonomija*** strateġika miftuħa***, tal-klima***, ***tal-ambjent u tal-industrija, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħolqien ta' swieq ewlenin***;

Emenda 145
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-ħtieġa li jiġu evitati impatti negattivi sproporzjonati fuq l-affordabbiltà tal-vetturi; ***u***	(g) il-ħtieġa li jiġu evitati impatti negattivi sproporzjonati fuq l-affordabbiltà tal-vetturi;

Emenda 146
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-influwenza fuq il-kostijiet kumplessivi u l-kompetittività tas-settur awtomobilistiku***.***	(h) l-influwenza fuq il-kostijiet kumplessivi u l-kompetittività tas-settur awtomobilistiku ***u l-katina tal-valur kollha;***

Emenda 147
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) id-disponibbiltà kurrenti u prevista tal-aluminju u l-ligi tiegħu riċiklati mill-iskart ta' qabel u ta' wara l-użu mill-konsumatur;

Emenda 148
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hb) l-ishma kurrenti tal-kontenut riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur fl-aluminju u l-ligi tiegħu fil-vetturi mqiegħda fis-suq; u

Emenda 149
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt hc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hc) l-impatti possibbli fuq il-funzjonament tal-vetturi mill-inkorporazzjoni ta' kontenut riċiklat tal-aluminju u l-ligi tiegħu fil-parts u l-komponenti tal-vetturi;

Emenda 150
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' ***implimentazzjoni*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-	***Sa .... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-***

kalkolu u ***l-verifika tas-sehem*** tal-azzar ***riċiklat mill-iskart tal-azzar*** ta' ***wara l-użu mill-konsumatur*** preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom.	***aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ*** ta' ***dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u ***għall-verifika tal-kontenut riċiklat tal-aluminju u l-ligi tiegħu u*** tal-azzar ***minn ruttam ferruż, u, fejn rilevanti, is-sehem*** ta' ***azzar b'livell baxx ta' CO_2*** preżenti fit-tipi ta' vetturi u inkorporat fihom.

Emenda 151
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***51(2)***.	Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***50***.

Emenda 152
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara ***35*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha ***tivvaluta l-fattibbiltà li tistabbilixxi rekwiżit dwar is-sehem minimu ta':***	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha ***tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta*** dan ***ir-Regolament billi*** tistabbilixxi ***sehem*** minimu ta':

Emenda 153
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-aluminju u l-ligi tiegħu,*** il-manjeżju u l-ligi tiegħu, riċiklati mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporati fit-tipi ta' vetturi; u	(a) il-manjeżju u l-ligi tiegħu, riċiklati mill-iskart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporati fit-tipi ta' vetturi; u

Emenda 154
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew il-boron riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur u inkorporat f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.	(b) in-neodimju, id-disprożju, il-praseodimju, it-terbju, is-samarju jew il-boron riċiklat mill-iskart ta' ***qabel u ta'*** wara l-użu mill-konsumatur u inkorporat f'kalamiti permanenti f'muturi tat-trazzjoni elettrika.

Emenda 155
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu***, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi*** sehem minimu ta' ***aluminju u l-ligi tiegħu, manjeżju u l-ligi tiegħu, neodimju, disprożju, praseodimju, terbju, samarju jew boron*** riċiklat ***minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti fit-tipi***	***L-att delegat imsemmi*** fl-ewwel subparagrafu ***għandu jistabbilixxi wkoll id-data tal-applikazzjoni tal-obbligu li jkun hemm*** sehem minimu ta' ***kontenut*** riċiklat.

ta' vetturi u inkorporat fihom li għandhom jiġu approvati skont it-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/858.

Emenda 156
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sehem minimu tal-kontenut riċiklat tal-materjali msemmija ***fit-tieni*** subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq l-istudju ta' fattibbiltà ***msemmi fl-ewwel subparagrafu***, filwaqt li ***jitqies*** dan kollu li ġej:	Is-sehem minimu tal-kontenut riċiklat tal-materjali msemmija ***fl-ewwel*** subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq l-istudju ta' fattibbiltà***, imwettaq mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-istudju sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, filwaqt li ***tqis*** dan kollu li ġej:

Emenda 157
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-disponibbiltà kurrenti u prevista tal-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu riċiklati mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur;	(a) id-disponibbiltà kurrenti u prevista tal-materjali elenkati fit-tieni subparagrafu riċiklati mill-iskart ta' ***qabel u ta'*** wara l-użu mill-konsumatur;

Emenda 158
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att	***Sa .... [Uffiċċju tal-***

ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u ***l-verifika*** tas-sehem tal-materjali riċiklati ***mill-iskart*** ta' wara l-użu ***-konsumatur*** fit-tipi ta' vetturi.	***Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ***delegat*** li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u ***għall-verifika*** tas-sehem tal-materjali ***msemmija f'dan il-paragrafu*** riċiklati ***minn skart*** ta' wara ***u ta' qabel*** l-użu ***mill-konsumatur*** fit-tipi ta' vetturi.

Emenda 159
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-att ***ta' implimentazzjoni*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***51(2)***.	Dak l-att ***delegat*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***50***.

Emenda 160
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ***ma jfixkilx it-tneħħija*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament ***tal-partijiet*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura.	1. Kull vettura li tappartjeni għal tip ***ġdid*** ta' vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha titfassal b'mod li ***jippermetti t-tneħħija faċli*** mill-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament ***tal-parts*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura kkonċernata matul il-fażi tal-iskart tal-vettura***, bil-ħsieb li***

	jiġu sostitwiti, użati mill-ġdid, riċiklati, rimanifatturati jew rinnovati fejn teknikament fattibbli.

Emenda 161
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ta’ vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b’mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta’ batteriji tal-vetturi elettriċi u ta’ muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b’faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.	2. Kull vettura li tappartjeni għal tip ***ġdid*** ta’ vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] skont ir-Regolament (UE) 2018/858 għandha titfassal, ***inkluż*** fir-rigward tal-elementi tat-tgħaqqid, tal-irbit u tal-issiġillar, sabiex ikunu jistgħu jsiru b’mod faċli u mhux distruttiv, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta’ batteriji tal-vetturi elettriċi u ***l-pakketti ta’ batteriji tagħhom u*** ta’ muturi tat-trazzjoni elettrika mill-vettura b’faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati jew operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni matul il-fażi tal-użu u l-fażi tal-iskart tal-vettura.

Emenda 162
Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-manifatturi ma għandhomx ifixklu t-tneħħija u s-sostituzzjoni ta’ parts u komponenti tal-vettura bl-użu ta’ aġġornamenti tas-software. Il-manifatturi għandhom

	jiżguraw l-aċċess għad-dokumentazzjoni tas-software u l-għodod dijanjostiċi meħtieġa.

Emenda 163
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom juru li ***vetturi*** ġodda li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858 u ta' dan ir-Regolament.	1. Il-manifatturi għandhom juru li ***tipi*** ġodda ***ta' vetturi*** li jkunu mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq, għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/858***, tar-Regolament (UE) Nru 168/2013*** u ta' dan ir-Regolament.

Emenda 164
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti ***fl-Artikoli*** 4, 5, 6 jew 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu:	2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti ***fl-Artikolu*** 4, ***l-Artikolu*** 5***(1) u (2)***, ***l-Artikolu*** 6 jew ***l-Artikolu*** 7, il-manifattur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni li turi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u għandu:

Emenda 165
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinkludiha fil-fowlder tal-informazzjoni ***imsemmi*** fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE)	(a) jinkludiha fil-fowlder tal-informazzjoni ***msemmi*** fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/858

2018/858; u	***jew fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, kif applikabbli***; u

Emenda 166
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jissottomettiha lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858.	(b) jissottomettiha lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858 ***jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, kif applikabbli***.

Emenda 167
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplika r-rekwiżit fl-Artikolu 9, il-manifattur għandu jissottometti l-istrateġija għaċ-ċirkolarità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/858.	***imħassar***

Emenda 168
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti	4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti

stabbiliti fl-Artikolu 10, il-manifattur għandu jfassal l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) u jissottomettiha, f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament.	stabbiliti fl-Artikolu 10, il-manifattur għandu jfassal l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) u jissottomettiha, f'konformità mal-Artikolu 24(1)***, il-punt*** (a)***,*** tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament ***jew f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013***.

Emenda 169
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament***.***	5. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-manifattur għandu jissottometti d-dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(1), f'konformità mal-Artikolu 24(1)***, il-punt*** (a)***,*** tar-Regolament (UE) 2018/858, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament ***jew f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip***

	imsemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

Emenda 170
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2018/858*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***il-manifattur għandu jfassal*** strateġija għaċ-ċirkolarità***.***	1. ***Il-manifatturi tal-vetturi għandhom*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ***ifasslu*** strateġija għaċ-ċirkolarità ***fil-livell tal-manifattur u jipprovdu kopja lill-Kummissjoni.***
	Minkejja s-subparagrafu 1, il-manifatturi jistgħu jfasslu wkoll strateġija taċ-ċirkolarità fil-livell tal-kategorija tal-vetturi.

Emenda 171
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istrateġija għaċ-ċirkolarità għandha tiddeskrivi liema azzjonijiet se jieħdu l-manifatturi biex isegwu l-obbligi tagħhom ħalli jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċirkolarità fil-Kapitolu II***, li huma vverifikati fil-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip*** u ***li huma applikabbli għat-tip ta' vettura kkonċernat***.	2. L-istrateġija għaċ-ċirkolarità għandha tiddeskrivi liema azzjonijiet se jieħdu l-manifatturi biex isegwu l-obbligi tagħhom ħalli jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċirkolarità fil-Kapitolu II***. L-istrateġija għaċ-ċirkolarità għandha tqis il-kapaċitajiet*** u ***l-informazzjoni fil-fatt disponibbli mingħand il-fornituri, b'mod partikolari l-SMEs***.

Emenda 172
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-manifattur għandu jipprovdi kopja tal-istrateġija għaċ-ċirkolarità lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum wara li tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' vettura kkonċernat.	***imħassar***

Emenda 173
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-manifattur għandu jimmonitorja u jsegwi l-azzjonijiet li jinsabu fl-istrateġija għaċ-ċirkolarità u jaġġorna l-istrateġija kull ***5*** snin f'konformità mal-Parti B tal-Anness IV. ***L-istrateġija aġġornata taċ-ċirkolarità għandha tiġi pprovduta lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' vettura u lill-Kummissjoni.***	5. Il-manifattur għandu jimmonitorja u jsegwi l-azzjonijiet li jinsabu fl-istrateġija għaċ-ċirkolarità u jaġġorna l-istrateġija***, filwaqt li jindika l-bidliet ġodda rilevanti tal-istrateġija għaċ-ċirkolarità,*** kull ***ħames*** snin f'konformità mal-Parti B tal-Anness IV.

Emenda 174
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Parti B tal-Anness IV billi tadatta r-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-	***imħassar***

istrateġija għaċ-ċirkolarità u l-aġġornamenti għal dik l-istrateġija għall-progress tekniku u xjentifiku fil-manifattura u l-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, għall-iżviluppi tas-suq fis-settur awtomobilistiku u għall-bidliet regolatorji.

Emenda 175
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 83 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ***6*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tfassal u tippubblika rapport dwar iċ-ċirkolarità tas-settur awtomobilistiku. Ir-rapport għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq l-istrateġiji taċ-ċirkolarità u l-aġġornamenti għal tali strateġiji.	8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 83 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ***ħames*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tfassal u tippubblika rapport dwar iċ-ċirkolarità tas-settur awtomobilistiku. Ir-rapport għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq l-istrateġiji taċ-ċirkolarità u l-aġġornamenti għal tali strateġiji.

Emenda 176
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara ***d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*** skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut	Il-manifatturi għandhom jiddikjaraw, għal kull tip ***ġdid*** ta' vettura li għandha approvazzjoni tat-tip minn ***...*** [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***12-il*** xahar wara ***l-adozzjoni tal-atti delegati li jistabbilixxu l-metodoloġiji għall-kalkolu u l-verifika tal-***

riċiklat ta’:	***kontenut riċiklat preżenti f’vetturi f’konformità mal-Artikolu 6]*** skont ir-Regolament (UE) 2018/858, is-sehem rispettiv tal-kontenut riċiklat ta’:

Emenda 177
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) azzar***.***	(d) azzar ***u l-ligi tiegħu;***

Emenda 178
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) plastik.

Emenda 179
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta’ dawn il-materjali preżenti fit-tip ta’ vettura u tindika, għal kull sehem materjali, jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta’ qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur.	Id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna l-kontenut riċiklat ta’ dawn il-materjali preżenti fit-tip ta’ vettura u tindika, għal kull sehem materjali, ***u għall-komponenti tal-plastik itqal minn 100 g,*** jekk il-materjal huwiex riċiklat mill-iskart ta’ qabel l-użu mill-konsumatur jew mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur.

Emenda 180
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B’deroga mill-paragrafu 1, ir-rekwiżit li jiġi ddikjarat is-sehem tal-kontenut riċiklat ta’ ċertu materjal ma għandux japplika fejn tkun ġiet stabbilita mira għal dak il-materjal skont l-Artikolu ***6(3)*** jew (4).	3. B’deroga mill-paragrafu 1, ir-rekwiżit li jiġi ddikjarat is-sehem tal-kontenut riċiklat ta’ ċertu materjal ma għandux japplika fejn tkun ġiet stabbilita mira għal dak il-materjal skont l-Artikolu ***6(1), (3)*** jew (4).

Emenda 181
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***u*** lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li ***jiffaċilitaw*** l-aċċess għal dawn li ġejjin u t-tneħħija u s-sostituzzjoni sikura tagħhom:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], il-manifatturi għandhom, ***għal tipi ġodda ta’ vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip,*** jipprovdu aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju***, inkluż permezz ta’ għodod eżistenti użati mill-industrija awtomobilistika,*** lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart***,*** lill-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni ***u lis-servizzi ta’ emerġenza,*** għall-informazzjoni elenkata fl-Anness V, filwaqt li ***jippermettu*** l-aċċess għal dawn li ġejjin***,*** u t-tneħħija u s-sostituzzjoni sikura tagħhom:

Emenda 182
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-muturi tat-trazzjoni	(a) il-muturi tat-trazzjoni

elettrika inkorporati fil-vettura;	elettrika ***u l-pakketti ta' batteriji tagħhom*** inkorporati fil-vettura;

Emenda 183
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***il-partijiet*** u l-komponenti, li fihom il-materja prima kritika kif imsemmija fl-Artikolu ***27***(1)(b) tar-Regolament (UE) ***[l-Att dwar is-CRM]*** fil-ħin tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura;	(e) ***il-parts*** u l-komponenti, li fihom il-materja prima kritika kif imsemmija fl-Artikolu ***28***(1)***, il-punt*** (b)***,*** tar-Regolament (UE) ***2024/1252*** fil-ħin tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura;

Emenda 184
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-manifatturi għandhom jipprovdu informazzjoni ta' gwida dwar is-salvataġġ u r-rispons għal emerġenza.

Emenda 185
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jiżguraw kooperazzjoni mal-operaturi awtorizzati tat-trattament u mal-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni billi jistabbilixxu pjattaformi ta' komunikazzjoni meħtieġa biex jipprovdu u jżommu aġġornata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-informazzjoni speċifikata fl-Anness V.	Il-manifatturi għandhom jiżguraw kooperazzjoni mal-operaturi awtorizzati***,*** tat-trattament***, mal-operaturi tal-modifika retroattiva,*** u mal-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni billi jistabbilixxu pjattaformi ta' komunikazzjoni meħtieġa biex jipprovdu u jżommu aġġornata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-informazzjoni speċifikata fl-Anness V.

Emenda 186
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu mingħajr ħlas. Il-manifatturi jistgħu jiġbru l-imposti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u mill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni ***sal-ammont*** meħtieġ ***ħalli jkopru*** l-kostijiet amministrattivi biex l-informazzjoni meħtieġa ssir aċċessibbli permezz ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni.	Il-manifatturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu mingħajr ħlas. Il-manifatturi jistgħu jiġbru l-imposti ***raġonevoli u proporzjonati*** mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u mill-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni ***sa fejn huwa*** meħtieġ ***biex ikopru*** l-kostijiet amministrattivi ***reali mġarrba*** biex l-informazzjoni meħtieġa ssir aċċessibbli permezz ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni.

Emenda 187
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness V billi tirrevedi l-lista ta' partijiet, komponenti u materjali tal-vetturi u l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi.	***imħassar***

Emenda 188
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-manifatturi*** għandhom jiżguraw li ***l-muturi tat-***	2. ***Minn …. [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk***

trazzjoni elettrika li jkun fihom kalamiti permanenti jkollhom tikketta li tidher sew, li tinqara b'mod ċar u li ma titħassarx, li tindika l-informazzjoni ***elenkata fil-punt 4 tal-Anness VI***.	***jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-manifatturi*** għandhom jiżguraw li ***l-parts u l-komponenti tal-vetturi*** li jkun fihom kalamiti permanenti jkollhom tikketta li tidher sew, li tinqara b'mod ċar u li ma titħassarx, li tindika l-informazzjoni ***f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2024/1252***.

Emenda 189
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vettura	Passaport ***Diġitali*** taċ-Ċirkolarità tal-Vettura

Emenda 190
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet:jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***84*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] kull vettura mqiegħda fis-suq għandu jkollha passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura, li għandu jiġi allinjat ma' u, fejn possibbli, integrat f'passaporti ambjentali oħra relatati mal-vetturi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***72*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] kull vettura mqiegħda fis-suq għandu jkollha passaport ***diġitali*** taċ-ċirkolarità tal-vettura, li għandu jiġi allinjat ***u interoperabbli*** ma' u, fejn possibbli, integrat f'passaporti ambjentali oħra relatati mal-vetturi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

Emenda 191
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament f'format diġitali u għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.	2. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu ***5(2) u (3), u fl-Artikoli 10 u*** 11 ta' dan ir-Regolament f'format diġitali u għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas.

Emenda 192
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-manifattur li jqiegħed il-vettura fis-suq ***għandu*** jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata.	3. Il-manifattur ***għandu, fil-ħin*** li jqiegħed il-vettura fis-suq***,*** jiżgura li l-informazzjoni fil-passaport tal-vettura ċirkolari tkun akkurata, kompluta u aġġornata.

Emenda 193
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn ***6*** xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.	5. Il-passaport taċ-ċirkolarità tal-vettura ta' vettura li tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jieqaf jeżisti mhux aktar kmieni minn ***sitt*** xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat ***tal-esportazzjoni jew*** tal-qerda għal dik il-vettura li ma tkunx għadha qed tintuża.

Emenda 194
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistipulaw dan li ġej:	***Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal data = mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xahar wara 60 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistipulaw dan li ġej:

Emenda 195
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mod u ***l-ispeċifikazzjoni teknika*** tas-soluzzjoni li għandha tintuża biex jiġi aċċessat il-passaport ***tal-vettura ċirkolarità***;	(a) il-mod u ***r-rekwiżiti bażiċi*** tas-soluzzjoni ***teknika*** li għandha tintuża biex jiġi aċċessat il-passaport ***taċ-ċirkolarità tal-vetturi b’mod li ma jipprekludi l-ebda soluzzjoni teknika***;

Emenda 196
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-interoperabbiltà tal-passaport taċ-ċirkolarità ***tal-vettura*** ma’ passaporti oħra meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;	(i) l-interoperabbiltà ***u l-allinjament*** tal-passaport taċ-ċirkolarità ***tal-vetturi*** ma’ passaporti oħra meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

Emenda 197
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-passaport taċ-

ċirkolarità tal-vetturi, inkluż id-dritt ta' aċċess u r-regoli rilevanti għall-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

Emenda 198
Proposta għal regolament
Artikolu 15 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li jirrikjedu li l-produtturi jew, meta maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jikkonkludu kuntratti ma' faċilitajiet tat-trattament awtorizzati għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi tagħhom.

Emenda 199
Proposta għal regolament
Artikolu 15 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha, sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi rekwiżiti applikabbli dettaljati għall-kuntratti msemmija fil-paragrafu 3a, bil-ħsieb li jiġu

	żgurati termini u kundizzjonijiet ġusti, trasparenti u nondiskriminatorji. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

Emenda 200
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. L-iskema stabbilita mill-produtturi biex jeżerċitaw dik ir-responsabbiltà għandha ***tkun konsistenti*** mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. L-iskema stabbilita mill-produtturi biex jeżerċitaw dik ir-responsabbiltà għandha ***tikkonforma*** mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Emenda 201
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 35 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru ta' produtturi li għandu jservi biex	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 35 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru ta' produtturi***, jew jużaw reġistru***

tiġi ssorveljata l-konformità tal-prodotturi mar-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu.	***eżistenti ta’ prodotturi,*** li għandu jservi biex tiġi ssorveljata l-konformità tal-prodotturi mar-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu.

Emenda 202
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-reġistru għandu jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħrajn tas-siti web tal-prodotturi biex jiffaċilita, fl-Istati Membri kollha, ir-reġistrazzjoni tal-prodotturi jew tar-rappreżentanti ***maħtura*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	Ir-reġistru għandu jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħrajn tas-siti web tal-prodotturi biex jiffaċilita, fl-Istati Membri kollha, ir-reġistrazzjoni tal-prodotturi jew tar-rappreżentanti ***awtorizzati*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Emenda 203
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 35 xaħar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal uniku li jkun fih il-links għar-reġistri nazzjonali kollha biex tiffaċilita r-reġistrazzjoni tal-prodotturi fl-Istati Membri kollha.

Emenda 204
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produttur għandhom jagħmlu l-vetturi disponibbli fis-suq ta' Stat Membru biss, jekk ***ikunu*** jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ir-rappreżentanti ***maħtura*** tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, irreġistrati f'tali Stat Membru.	Il-produttur għandhom jagħmlu l-vetturi disponibbli fis-suq ta' Stat Membru biss, jekk ***huma*** jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ir-rappreżentanti ***awtorizzati*** tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ***ikunu*** irreġistrati f'tali Stat Membru.

Emenda 205
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-obbligi skont dan l-Artikolu jistgħu, f'isem il-produttur, jiġu ssodisfati minn rappreżentant ***maħtur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	6. L-obbligi skont dan l-Artikolu jistgħu, f'isem il-produttur, jiġu ssodisfati minn rappreżentant ***awtorizzat*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur. ***Jekk aktar minn produttur wieħed ikun rappreżentat fil-pajjiż minn rappreżentant awtorizzat wieħed, dak ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi l-isem u d-dettalji ta' kuntatt għal kull wieħed mill-produtturi rappreżentati separatament.***

Emenda 206
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-produttur, jew, meta applikabbli, ir-rappreżentant ***maħtur*** tal-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà li tinħatar f'isem	11. Il-produttur, jew, meta applikabbli, ir-rappreżentant ***awtorizzat*** tal-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà li tinħatar f'isem

il-produttur li tirrappreżenta għandha tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fir-reġistrazzjoni u bi kwalunkwe waqfien permanenti mit-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Istat Membru tal-vetturi msemmi fir-reġistrazzjoni.

il-produttur li tirrappreżenta għandha tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fir-reġistrazzjoni u bi kwalunkwe waqfien permanenti mit-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Istat Membru tal-vetturi msemmi fir-reġistrazzjoni.

Emenda 207
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Il-produttur jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant ***maħtur*** mill-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġistru dwar it-twettiq tal-obbligi estiżi tar-responsabbiltà tal-produttur.	12. Il-produttur jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant ***awtorizzat*** mill-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġistru dwar it-twettiq tal-obbligi estiżi tar-responsabbiltà tal-produttur. ***Meta l-informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi ma tkunx aċċessibbli għall-pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jingħataw aċċess, mingħajr ħlas, għal dik l-informazzjoni.***

Emenda 208
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data fil-pussess tagħhom fir-rigward ta' informazzjoni proprjetarja jew informazzjoni direttament attribwibbli lil produtturi individwali jew lir-rappreżentanti ***maħtura*** tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi.	2. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data fil-pussess tagħhom fir-rigward ta' informazzjoni proprjetarja jew informazzjoni direttament attribwibbli lil produtturi individwali jew lir-rappreżentanti ***awtorizzati*** tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi.

Emenda 209
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(3)(e), tad-Direttiva 2008/98/KE, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom tal-anqas kull sena, soġġett għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni dwar il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-ilħuq ta' miri dwar l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-plastik mill-produtturi li jkunu inkarigaw lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam ***responsabbiltà*** tal-produtturi.	3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(3)(e), tad-Direttiva 2008/98/KE, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ***jew il-produtturi individwali*** għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom tal-anqas kull sena, soġġett għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni dwar il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-ilħuq ta' miri dwar l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-plastik mill-produtturi li jkunu inkarigaw lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam ***tar-responsabbiltà*** tal-produtturi ***jew mill-produttur li jkun qed jissodisfa l-obbligi tiegħu individwalment***.

Emenda 210
Proposta għal regolament
Artikolu 18 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jagħmlu disponibbli pubblikament l-informazzjoni dwar il-proċedura ta' għażla għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart magħżula f'konformità mal-paragrafu 4a.

Emenda 211
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw rappreżentanza ***ġusta*** tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi tagħhom.	4. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw rappreżentanza ***proporzjonata*** tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***attivi fil-ġbir u t-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw*** fil-korpi governattivi tagħhom***, inkluż fil-bordijiet eżekuttivi u konsultattivi***.

Emenda 212
Proposta għal regolament
Artikolu 18 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għandhom ikunu soġġetti għal

	proċedura tal-għażla nondiskriminatorja, ibbażata fuq kriterji għall-aġġudikazzjoni trasparenti, imwettqa minn produtturi jew minn organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u li ma tpoġġix piż sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda 213
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, ***dment*** li ***ma jkunux koperti mid-dħul*** tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***marbut mal-bejgħ*** ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, ***filwaqt*** li ***jitqies id-dħul*** tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***ottenut mill-bejgħ*** ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Emenda 214
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex itejbu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex ***jinfurmaw lill-pubbliku u biex*** itejbu l-ġbir ta'

	vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Emenda 215
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kostijiet tal-istabbiliment tas-sistema ta' notifika msemmija fl-Artikolu 25;	***imħassar***

Emenda 216
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kostijiet ***tal-ġbir*** u ***tar-rapportar tad-data*** lill-awtoritajiet kompetenti.	(d) il-kostijiet ***amministrattivi biex id-data ssir disponibbli, tinġabar*** u ***tiġi rapportata*** lill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 217
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kostijiet medji għat-trasport tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw lejn l-eqreb punti ta' ġbir jew faċilità ta' trattament awtorizzata.

Emenda 218
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ tat-twettiq individwali tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża	Fil-każ tat-twettiq individwali tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża

tal-produttur, il-produttur i għandhom jipprovdu garanzija għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta’ Stat Membru. Dik il-garanzija għandha tiżgura li l-operati msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x’jaqsmu ma’ dawk il-vetturi se jiġu ffinanzjati.	tal-produttur, il-produttur i għandhom jipprovdu garanzija għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta’ Stat Membru. Dik il-garanzija għandha tiżgura li l-operati msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x’jaqsmu ma’ dawk il-vetturi se jiġu ffinanzjati***, inkluż fil-każ ta’ waqfien permanenti tal-operati tagħhom jew fil-każ ta’ insolvenza***.

Emenda 219
Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ ta’ twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu dan li ġej:	1. Fil-każ ta’ twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati ***tal-anqas*** billi jqisu dan li ġej:

Emenda 220
Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura***, esklużi l-batteriji ta’ vettura elettrika***;

Emenda 221
Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	***imħassar***

Emenda 222
Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja***, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju***;	(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja;

Emenda 223
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant ***maħtur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;	(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant ***awtorizzat biex jaġixxi f'isimha b'rabta ma' kompiti speċifikati rigward l-obbligi tal-produttur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;

Emenda 224
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Produttur li jbigħ vetturi lil utenti finali permezz ta' kuntratti mill-bogħod u li huwa stabbilit f'pajjiż terz għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru fejn iqiegħed vetturi

	fis-suq. Dik il-ħatra għandha ssir permezz ta' mandat bil-miktub.

Emenda 225
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-produtturi għandhom jiżguraw li l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu qiegħdu fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru jinġabru meta dawk il-vetturi jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 226
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir***, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru***.	***Għal dan l-għan,*** il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta'***,*** sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir.

Emenda 227
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati ***u ta' punti ta' ġbir***, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Emenda 228
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Emenda 229
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***ta' kull marka***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;	(d) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***li jkunu għamlu disponibbli fis-suq***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;

Emenda 230
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jippermettu l-konsenja tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas f'faċilitajiet ta' trattament	(e) jippermettu l-konsenja tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas f'faċilitajiet ta' trattament

awtorizzati kif previst fl-Artikolu 24(2).	awtorizzati ***jew f'punti ta' ġbir,*** kif previst fl-Artikolu 24(2).

Emenda 231
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom ***iwettqu*** kampanji edukattivi li jippromwovu s-sistema ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u ***li*** jinfurmaw dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-ġbir u l-immaniġġar mhux ***xieraq*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	3. Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom ***jippubblikaw u jaġġornaw regolarment il-lista tal-punti ta' ġbir u tal-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati fuq is-siti web tagħhom u jwettqu*** kampanji edukattivi li jippromwovu s-sistema ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u jinfurmaw dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-ġbir u l-immaniġġar mhux ***xierqa*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 232
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet ***awtorizzati*** ta' trattament ***biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal*** vetturi li ma għadhomx jintużaw.	***Punti ta' ġbir*** għajr il-faċilitajiet ta' trattament ***awtorizzati jistgħu jiġbru*** vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 233
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ikun detentur ta' permess f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/98/KE;

Emenda 234
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) jittrasferixxi l-vetturi li ma għadhomx jintużaw miġbura lejn faċilitajiet ta' trattament awtorizzati;

Emenda 235
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***sena*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; kif ukoll	(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***6 xhur*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; kif ukoll

Emenda 236
Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, inklużi l-faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati, għandhom joħorġu dokument f'format elettroniku, li jikkonferma l-wasla ta' vettura li ma għadhiex tintuża, lis-sid il-	5. ***Il-punti ta' ġbir jew il-faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati, għandhom joħorġu dokument f'format elettroniku, li jikkonferma l-wasla ta' vettura li ma għadhiex tintuża, lis-sid il-vettura, u jipprovduh permezz ta'

vettura, u jipprovduh permezz ta' proċedura elettronika ta' notifika stabbilita f'konformità mal-Artikolu 25(2) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14.	proċedura elettronika ta' notifika stabbilita f'konformità mal-Artikolu 25(2) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14.

Emenda 237
Proposta għal regolament
Artikolu 23 - paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li jesiġu li l-punti ta' ġbir ikunu qed jikkooperaw mal-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 18(1), mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

Emenda 238
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura***, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika***, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata ***jew f'punt ta' ġbir*** għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Emenda 239
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fejn il-batterija ta' vettura elettrika tkun nieqsa minn vettura li ma għadhiex tintuża, il-konsenja tal-vettura li ma għadhiex tintuża għandha tibqa' mingħajr ħlas jekk l-aħħar sid tal-vettura jipprovdi dokumentazzjoni li turi li l-batterija tal-vettura elettrika ġiet immaniġġata minn operatur professjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542.

Emenda 240
Proposta għal regolament
Artikolu 25 - paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri li jipprevedu l-possibbiltà tat-tneħħija temporanja tar-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għandhom:
	(a) jistabbilixxu perjodu massimu li għalih tista' tingħata tali tneħħija tar-reġistrazzjoni, iżda li ma jkunx ta' aktar minn erba' snin;
	(b) jiżguraw li t-tiġdid tat-tneħħija temporanja tar-reġistrazzjoni jingħata biss għal perjodu definit u limitat u biss meta jkun jista' jiġi aċċertat li l-vettura li tkun tneħħitilha r-reġistrazzjoni tkun għadha teżisti.

Emenda 241
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal il-vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ***awtorizzata*** ta' trattament jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23(4), f'punt ta' ġbir, mingħajr dewmien żejjed wara li jirċievi informazzjoni li l-vettura tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji għan-natura irreparabbli stabbiliti fil-Parti A, ***fil-punti*** 1 ***u 2*** tal-Anness I;	(a) iwassal il-vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament ***awtorizzata*** jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23(4), f'punt ta' ġbir, mingħajr dewmien żejjed wara li jirċievi informazzjoni li l-vettura tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji għan-natura irreparabbli stabbiliti fil-Parti A, ***il-punt*** 1***,*** tal-Anness I;

Emenda 242
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jippreżenta ċertifikat ta' qerda lill-awtorità ta' reġistrazzjoni rilevanti***.***	(b) jippreżenta ċertifikat ta' qerda lill-awtorità ta' reġistrazzjoni rilevanti***, ħlief f'każijiet fejn ikun hemm proċedura online li tippermetti l-komunikazzjoni jew l-ipproċessar tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura li ma għadhiex tintuża min-naħa tal-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati;***

Emenda 243
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każ li s-sjieda ta' vettura użata tiġi ttrasferita minn operatur ekonomiku, l-operatur ekonomiku għandu jindika lill-akkwirent li l-vettura mhijiex vettura li ma għadhiex tintuża f'konformità mal-Parti A tal-Anness I jew

	jipprovdi ċertifikat tal-affidabbiltà stradali.

Emenda 244
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-operatur ekonomiku għandu jiżgura li dawk il-vetturi jiġu ttrasferiti biss lejn faċilità ta' trattament awtorizzata.

Emenda 245
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li t-trattament kollu għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi, bħala minimu, mal-Artikoli 28, 29, 30, 31, 34 u ***35*** u l-Anness VII ta' dan ir-Regolament, u għandhom japplikaw l-aħjar tekniki disponibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 3(10) tad-Direttiva 2010/75/UE.	2. Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li t-trattament kollu għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi, bħala minimu, mal-Artikoli 28, 29, 30, 31, ***32,*** 34***, 35*** u ***36*** u l-Anness VII ta' dan ir-Regolament, u għandhom japplikaw l-aħjar tekniki disponibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 3(10) tad-Direttiva 2010/75/UE.

Emenda 246
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ineħħu ***l-partijiet*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura li ma għadhiex tintuża, qabel it-tqattigħ jew il-kumpattazzjoni permezz ta'	(c) ineħħu ***l-parts*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII mill-vettura li ma għadhiex tintuża, qabel it-tqattigħ jew il-kumpattazzjoni permezz ta'

żarmar manwali jew żarmar (semi)awtomatizzat b'mod mhux distruttiv għall-komponenti b'potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni;	żarmar manwali jew żarmar (semi)awtomatizzat b'mod mhux distruttiv għall-komponenti b'potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni ***f'konformità mal-Artikoli 30 u 31, filwaqt li jitqiesu l-potenzjal tas-suq għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ta' dawk il-parts u l-komponenti u l-ħtieġa li r-ruttam ikun ta' kwalità għolja***;

Emenda 247
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jittrattaw il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw u ***l-partijiet***, il-komponenti u l-materjali tagħhom f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mar-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE***, u mal-Artikoli 32, 34, 35 u 36 ta' dan ir-Regolament.***	(d) jittrattaw il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw u ***l-parts***, il-komponenti u l-materjali tagħhom f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mar-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE***;***

Emenda 248
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jibagħtu l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw, wara t-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija tal-parts, lejn faċilità fejn isir it-tqattigħ tagħhom;

Emenda 249
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) jittrattaw fi żmien 6 xhur mid-data tal-konsenja il-vettura li ma għadhiex tintuża li jkunu rċevew.

Emenda 250
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u tekniku**.**	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u tekniku ***fit-teknoloġiji tat-trattament, inkluż:***
	(a) billi żżid, tħassar jew tirrevedi l-parts u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII;
	(b) billi temenda jew tissupplimenta r-rekwiżiti elenkati fil-Parti G tal-Anness VII.

Emenda 251
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu ***faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati biex jintroduċu sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.	5. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu ***lill-faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati biex jintroduċu sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni ambjentali ***u jwettqu awditi*** f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.

Emenda 252
Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**,** il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u operaturi oħra tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jitolbu li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikkonsenjati lilhom għat-tqattigħ ikunu akkumpanjati minn dawn li ġejjin:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u operaturi oħra tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jitolbu li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikkonsenjati lilhom għat-tqattigħ ikunu ***ġew soġġetti għat-tneħħija tat-tniġġis skont l-Artikolu 29 u li l-parts u l-komponenti tagħhom ikunu tneħħew f'konformità mal-Artikolu 30 u jkunu*** akkumpanjati minn dawn li ġejjin:

Emenda 253
Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***ma għandhomx iħalltu*** vetturi li ma għadhomx jintużaw, ***il-partijiet***, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.	3. ***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u*** l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***għandhom ikunu jistgħu jħalltu*** vetturi li ma għadhomx jintużaw, ***il-parts***, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku**,** ***dment li jiġu ssodisfati l-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G tal-Anness VII u tiġi żgurata t-traċċabbiltà relatata mar-rapportar, il-proċess tat-tqattigħ ma jnaqqasx il-kwalità***

tal-flussi tal-iskart meta mqabbla ma' trattament separat u li l-output jikkonforma ma' standards ta' kwalità għolja.

Emenda 254
Proposta għal regolament
Artikolu 28 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, waqt li jkunu qed iwettqu t-tqattigħ, għandhom jiżguraw li l-output tal-azzar, tal-aluminju u tar-ram jikkonforma ma' standards ta' kwalità għolja kif iddefiniti mill-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3b(ġdid).

Emenda 255
Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tal-kwalità għall-frazzjonijiet tal-output tat-tqattigħ, inklużi:
	(a) il-kontenut totali ta' ram tal-frazzjoni prinċipali tal-azzar;

	(b) il-frazzjoni ta' ligi fonduti tal-aluminju u l-frazzjoni ta' ligi maħduma tal-aluminju;
	(c) il-proċessi ta' separazzjoni meħtieġa u l-frazzjoni tar-residwi ta' dawn il-proċessi.

Emenda 256
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kemm jista' jkun malajr wara l-konsenja*** ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.	1. ***Fi żmien 30 jum mill-konsenja*** ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.

Emenda 257
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fluwidi u l-likwidi elenkati fil-Parti B tal-Anness VII għandhom jinġabru u jinħażnu separatament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII. Iż-żjut għar-rimi għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra u għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/98/KE.	2. Il-fluwidi u l-likwidi elenkati fil-Parti B tal-Anness VII għandhom jinġabru u jinħażnu separatament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII. Iż-żjut għar-rimi għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra u għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/98/KE. ***Il-fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata użati fis-sistemi tal-ġestjoni termali għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi l-oħra u għandhom jiġu rkuprati f'konformità mar-Regolament***

	(UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u, meta jkun teknikament u ekonomikament fattibbli, għandhom jiġu riċiklati jew reklamati u użati mill-ġdid.
	_____
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 (ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj).

Emenda 258
Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tneħħija obbligatorja ta' ***partijiet*** u komponenti għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ	Tneħħija obbligatorja ta' ***parts*** u komponenti għall-użu mill-ġdid***, għar-rimanifattura, għat-tiswija,*** u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ

Emenda 259
Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ***ta'*** wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom

jiżguraw li ***l-partijiet*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	jiżguraw li ***l-parts*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ***. Bl-għan li jiġi vverifikat il-potenzjal tas-suq tagħha għall-użu mill-ġdid***, ***għar-rimanifattura u għat-tiswija, dawk il-parts għandhom jiġu vvalutati f'konformità mal-Artikolu 31 qabel ma jsir iż-żarmar. Din il-valutazzjoni għandha ssir*** wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.

Emenda 260
Proposta għal regolament
Artikolu 30 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-parts u l-komponenti mneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 li ma jkollhomx potenzjal tas-suq għall-użu mill-ġdid, għar-rimanifattura u għat-tiswija, jintbagħtu għar-riċiklaġġ f'konformità mar-rekwiżiti tat-trattament indikati fil-Parti F tal-Anness VII.

Emenda 261
Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux ***japplika*** jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji ***postshredder*** jisseparaw il-materjali ***mill-***	***Meta l-parts u l-komponenti ma jkollhomx potenzjal tas-suq għall-użu mill-ġdid, għar-rimanifattura u għat-tiswija,*** ma għandux ***ikun obbligatorju li***

partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	***jitneħħew qabel it-tqattigħ*** jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji ***ta' wara t-tqattigħ (post-shredding)*** jisseparaw il-materjali ***mill-parts*** u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***6,*** 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti ***u jrendu materjal riċiklat ekwivalenti*** bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.

Emenda 262
Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-Parti G tal-Anness VII.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-faċilità ta' trattament awtorizzata għandha ***tikkonforma mal-output tat-tqattigħ ta' kwalità għolja kif spjegat fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 28(4) u*** tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-Parti G tal-Anness VII.

Emenda 263
Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-parts u l-komponenti mneħħija matul operazzjoni ta' tiswija u manutenzjoni, esklużi l-parts u l-komponenti elenkati fil-Parti E tal-Anness VII, ma għandhomx jitqiesu bħala skart u għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat ikunux tajbin għall-finijiet tal-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni.

Emenda 264
Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***persuna*** li ***tinnegozja, timmanifattura mill-ġdid jew tirrinnova*** spare parts u komponenti ***għandha***, ***fil-punt tal-bejgħ***:	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***operatur ekonomiku*** li ***jbigħ*** spare parts u komponenti ***użati***, ***rimanifatturati jew rinnovati għandu***:

Emenda 265
Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) juri li l-parts u l-komponenti jkunu nkisbu minn operatur ekonomiku awtorizzat.

Emenda 266
Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dawk ir-rekwiżiti fuq l-operaturi ekonomiċi għandhom japplikaw irrispettivament mit-teknika kummerċjali użata, inkluż il-bejgħ online.

Emenda 267
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' ***partijiet*** u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu kif ukoll matul il-fażi ta' tmiem il-ħajja ta' vettura.	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ***ta'*** wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura***, il-modifika retroattiva*** u r-rinnovazzjoni ta' ***parts*** u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu kif ukoll ***jekk*** matul il-fażi ta' tmiem il-ħajja ta' vettura.

Emenda 268
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi***, inkluż l-istabbiliment ta' rata mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal*** spare parts u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati.	(b) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi ***mfassla biex jippremjaw lill-manifatturi li jaqbżu l-istandards minimi, sabiex ikompli jiġi stimulat aktar l-użu ta'*** spare parts u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati.

Emenda 269
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-inċentivi adottati f'konformità ma' dan l-Artiklu mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 270
Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu l-miri li ġejjin:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja ***ta'*** wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom ***jadottaw il-miżuri meħtieġa biex*** jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu l-miri li ġejjin:

Emenda 271
Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ ***tal-plastik*** ta' ***mill-inqas*** 30 ***%*** tal-piż totali tal-plastik li jinsab fil-vetturi ***kkonsenjati lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart***.	2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja ***ta'*** wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ ***tal-plastiks*** ta' ***mill-anqas*** 30 ***fil-mija*** tal-piż totali tal-plastik li jinsab fil-vetturi ***li ma għadhomx jintużaw***.

Emenda 272
Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-piż tal-plastik riċiklat u l-piż totali tal-plastiks kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2

	għandhom jeskludu l-elastomeri kif ukoll il-materjali li jibbiesu bis-sħana għajr il-fowms tal-poliuretan.

Emenda 273
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw jista’ jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (***KE***) Nru 1013/2006.	1. It-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw jista’ jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (***UE***) Nru 1013/2006.

Emenda 274
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f’konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f’kundizzjonijiet li huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f’leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f’konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f’kundizzjonijiet li huma ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f’leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Emenda 275
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex jiddistingwu bejn vjeġġi ta' vetturi użati u vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet u jivverifikaw jekk vetturi użati suspettati li huma vetturi li ma għadhomx jintużaw humiex konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I.* ***Meta l-ispezzjonijiet jikkonfermaw li l-vetturi inkwistjoni jikkwalifikaw bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-kostijiet tal-ispezzjoni u ta' kwalunkwe ħżin relatat jistgħu jiġu imposti fuq l-operatur ekonomiku responsabbli mill-vjeġġ.

Emenda 276
Proposta għal regolament
Kapitolu V – Sezzjoni 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
TAQSIMA 1	***imħassar***
L-istatus tal-vetturi użati	

Emenda 277
Proposta għal regolament
Artikolu 37 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Distinzjoni bejn vetturi użati u vetturi li ma għadhomx jintużaw	Distinzjoni bejn vetturi użati u vetturi li ma għadhomx jintużaw ***għall-fini tal-esportazzjoni***

Emenda 278
Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini ***tat-trasferiment tas-sjieda*** ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' ***juri*** lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li ***takkwista s-sjieda tal-vettura*** kkonċernata ***jew lill-awtoritajiet kompetenti*** li l-vettura ma hijiex vettura ***fi*** ma għadhiex tintuża. ***Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata***, ***is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet*** kompetenti ***għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji*** stabbiliti fl-Anness I ***humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk*** hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.	Għall-fini ***tal-esportazzjoni*** ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' ***jipprovdi dokumentazzjoni lill-awtoritajiet doganali u*** lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li ***timporta l-vettura*** kkonċernata li l-vettura ma hijiex vettura ***li*** ma għadhiex tintuża. ***Dik id-dokumentazzjoni għandha tikkonsisti f'ċertifikat validu tal-affidabbiltà stradali jew***, ***meta tali ċertifikat ma jkunx disponibbli, f'valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet*** kompetenti ***responsabbli għaċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali abbażi tal-kriterji*** stabbiliti fl-Anness I***. F'każ ta' dubju li vettura użata tista' tkun vettura li ma għadhiex tintuża, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lil sid il-vettura jippreżenta aktar dokumentazzjoni li l-vettura kkonċernata ma*** hijiex vettura li ma għadhiex tintuża. ***Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar li jistgħu jwettqu l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.***

Emenda 279
Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-vetturi użati għall-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ***ta'*** wara ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-vetturi użati għall-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.

Emenda 280
Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) vetturi li ma għadhomx jintużaw ***abbażi tal-kriterji elenkati fl-Anness I***;	(a) vetturi li ma għadhomx jintużaw ***kif determinat fl-Artikolu 37***;

Emenda 281
Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meqjusa li għandhom affidabbiltà stradali fl-Istat Membru fejn il-vetturi ġew irreġistrati l-aħħar, f'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) u (b), u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE.	***imħassar***

Emenda 282
Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti	***imħassar***

delegati, f'konformità mal-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament, biex temenda l-kriterji elenkati fl-Anness I li jiddeterminaw jekk vettura użata hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Emenda 283
Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma jiġu rilaxxati vetturi użati għall-esportazzjoni, id-dwana għandha tivverifika b'mod elettroniku u awtomatiku permezz tas-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 45, li abbażi tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura u l-informazzjoni dwar l-Istat Membru tal-aħħar reġistrazzjoni, il-vettura ***titqies bħala*** li ***għandha affidabbiltà stradali*** f'konformità mal-Artikolu ***38(3)(b)***.	1. Qabel ma jiġu rilaxxati vetturi użati għall-esportazzjoni, id-dwana għandha tivverifika b'mod elettroniku u awtomatiku permezz tas-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 45, li abbażi tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura u l-informazzjoni dwar l-Istat Membru tal-aħħar reġistrazzjoni, il-vettura ***għandha affidabbiltà stradali jew*** li ***ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża*** f'konformità mal-Artikolu ***37***.

Emenda 284
Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-informazzjoni pprovduta jew li ssir disponibbli għad-dwana ma tikkorrispondix mal-informazzjoni fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u fis-sistemi elettroniċi nazzjonali dwar l-affidabilità stradali skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jirrilaxxaw dik il-vettura għall-esportazzjoni u għandhom jinformaw ***lill-operatur***	2. Meta l-informazzjoni pprovduta jew li ssir disponibbli għad-dwana ma tikkorrispondix mal-informazzjoni fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u fis-sistemi elettroniċi nazzjonali dwar l-affidabilità stradali skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jirrilaxxaw dik il-vettura għall-esportazzjoni u għandhom jinformaw ***lill-persuna fiżika***

ekonomiku kkonċernat b'dan permezz ta' dawn is-sistemi.	***jew ġuridika kkonċernata*** b'dan permezz ta' dawn is-sistemi.

Emenda 285
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' konformità msemmija fil-paragrafu 2***, inklużi kundizzjonijiet*** speċifiċi applikati għall-importazzjoni ta' vetturi użati mill-pajjiż terz tal-importazzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent u s-sikurezza fit-toroq, meta tali kundizzjonijiet ikunu ġew innotifikati minn dak il-pajjiż terz lill-Kummissjoni. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu verifikabbli abbażi tal-informazzjoni disponibbli fis-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 45(1).	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' konformità msemmija fil-paragrafu 2 ***dwar il-kundizzjonijiet*** speċifiċi applikati għall-importazzjoni ta' vetturi użati mill-pajjiż terz tal-importazzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent u s-sikurezza fit-toroq, meta tali kundizzjonijiet ikunu ġew innotifikati minn dak il-pajjiż terz lill-Kummissjoni. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu verifikabbli abbażi tal-informazzjoni disponibbli fis-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 45(1).

Emenda 286
Proposta għal regolament
Artikolu 40 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna regolarment, fuq portal online iddedikat apposta, il-kundizzjonijiet speċifiċi notifikati marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent jew mas-sikurezza fit-toroq imposti minn pajjiżi terzi

f'konformità mal-paragrafu 3.

Emenda 287
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta ***jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen*** li vettura użata għall-esportazzjoni tista' ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta' din it-Taqsima, ***l-awtoritajiet doganali*** għandhom jissospendu r-rilaxx għall-esportazzjoni ta' dik il-vettura użata. Huma għandhom jinnotifikaw minnufih ukoll lill-awtoritajiet kompetenti bis-sospensjoni u jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk il-vettura użata tikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tistax tiġi rilaxxata għall-esportazzjoni.	1. Meta ***l-awtoritajiet doganali jissuspettaw*** li vettura użata għall-esportazzjoni tista' ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta' din it-Taqsima, ***huma*** għandhom ***immedjatament*** jissospendu r-rilaxx għall-esportazzjoni ta' dik il-vettura użata ***sa meta jiksbu l-informazzjoni meħtieġa kollha biex jieħdu deċiżjoni finali***. Huma għandhom jinnotifikaw minnufih ukoll lill-awtoritajiet kompetenti bis-sospensjoni u jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk il-vettura użata tikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tistax tiġi rilaxxata għall-esportazzjoni.

Emenda 288
Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Wara kull rilaxx għall-esportazzjoni ta' vettura użata, l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw dak ir-rilaxx għall-esportazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-vettura inkwistjoni tkun ġiet irreġistrata fil-ħin tal-esportazzjoni.	3. Wara kull rilaxx għall-esportazzjoni ta' vettura użata, l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw dak ir-rilaxx għall-esportazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-vettura inkwistjoni tkun ġiet irreġistrata fil-ħin tal-esportazzjoni. ***L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tirreġistra dik l-informazzjoni fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi tagħha.***

Emenda 289
Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-sistema elettronika MOVE-HUB żviluppata mill-Kummissjoni għandha tintuża għall-iskambju tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura u l-informazzjoni dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-vettura u tal-affidabilità stradali bejn ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u s-sistemi elettroniċi dwar l-affidabilità stradali tal-Istati Membri, kif ukoll, ***għal-interkonnessjoni*** mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, fejn meħtieġ għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.	1. Is-sistema elettronika MOVE-HUB żviluppata mill-Kummissjoni għandha tintuża għall-iskambju ***u l-verifika*** tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura u l-informazzjoni dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-vettura u tal-affidabilità stradali bejn ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u s-sistemi elettroniċi dwar l-affidabilità stradali tal-Istati Membri, kif ukoll, ***għall-interkonnessjoni*** mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, fejn meħtieġ għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.

Emenda 290
Proposta għal regolament
Artikolu 45 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ikun issodisfat jekk l-Istati Membri jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) biex jagħmlu interkonnessjoni mas-sistema elettronika MOVE-HUB.

Emenda 291
Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tal-MOVE-HUB imsemmi fil-paragrafu 2, inklużi l-aspetti tekniċi meħtieġa għall-interkonnessjoni tas-sistemi elettroniċi nazzjonali mal-MOVE-HUB, il-kundizzjonijiet tal-konnessjoni mal-MOVE-HUB, id-data li għandha tintbagħat mis-sistemi nazzjonali u l-format għat-trażmissjoni ta’ dik id-data permezz tas-sistemi nazzjonali interkonnessi.	Il-Kummissjoni għandha***, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar ta’ wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament],*** tadotta l-atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tal-MOVE-HUB imsemmi fil-paragrafu 2, inklużi l-aspetti tekniċi meħtieġa għall-interkonnessjoni tas-sistemi elettroniċi nazzjonali mal-MOVE-HUB, il-kundizzjonijiet tal-konnessjoni mal-MOVE-HUB, id-data li għandha tintbagħat mis-sistemi nazzjonali u l-format għat-trażmissjoni ta’ dik id-data permezz tas-sistemi nazzjonali interkonnessi.

Emenda 292
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-punti ta’ ġbir;

Emenda 293
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) faċilitajiet u operaturi ekonomiċi oħrajn, li jistgħu jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw.	(c) faċilitajiet u operaturi ekonomiċi oħrajn, li jistgħu jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw ***jew ibigħu spare parts u komponenti użati minn vetturi li ma għadhomx***

jintużaw.

Emenda 294
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom iwettqu wkoll spezzjonijiet dwar l-esportazzjoni ta' vetturi użati sabiex jivverifikaw il-konformità mal-Artikolu 38.	3. L-Istati Membri għandhom iwettqu wkoll spezzjonijiet ***regolari*** dwar l-esportazzjoni ta' vetturi użati sabiex jivverifikaw il-konformità mal-Artikolu 38.

Emenda 295
Proposta għal regolament
Artikolu 46 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' spezzjoni biex jidentifikaw u jimmonitorjaw it-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 296
Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-

reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw.	reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni***, il-vetturi neqsin, iċ-ċertifikazzjoni tal-qerda, l-esportazzjoni ta’ vetturi użati*** kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament ***illegali u tal-esportazzjoni*** illegali ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 297
Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma’ xulxin, fuq livell bilaterali u multilaterali, sabiex jiffaċilitaw il-prevenzjoni u l-kxif ta’ trattament illegali ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni u s-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni, permezz tas-sistema ta’ skambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 45. Huma għandhom jiskambjaw ukoll informazzjoni rilevanti dwar il-faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati u l-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni mhux permessi bħala faċilitajiet ***awtorizzati*** ta’ trattament, u faċilitajiet u operaturi ekonomiċi oħra, li jistgħu jwettqu operazzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw. Huma għandhom jaqsmu l-esperjenza u l-għarfien dwar il-miżuri ta’ infurzar fi ħdan strutturi stabbiliti.	L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma’ xulxin, fuq livell bilaterali u multilaterali, sabiex jiffaċilitaw il-prevenzjoni u l-kxif ta’ trattament illegali ***u ta’ esportazzjoni illegali*** ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw ***u biex jindirizzaw il-kwistjoni ta’ vetturi neqsin***. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni u s-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni, permezz tas-sistema ta’ skambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 45. Huma għandhom jiskambjaw ukoll informazzjoni rilevanti dwar il-faċilitajiet ta’ trattament awtorizzati u l-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni mhux permessi bħala faċilitajiet ta’ trattament ***awtorizzati***, u faċilitajiet u operaturi ekonomiċi oħra, li jistgħu jwettqu operazzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament ta’ vetturi li ma għadhomx jintużaw. Huma għandhom jaqsmu l-esperjenza u l-għarfien dwar il-miżuri ta’ infurzar fi ħdan strutturi stabbiliti.

Emenda 298
Proposta għal regolament
Artikolu 47 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tissorvelja Network ta' Koordinazzjoni biex tiżgura l-koordinazzjoni effettiva tal-politiki nazzjonali ta' infurzar. In-Network ta' Koordinazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru u tal-Kummissjoni.

Emenda 299
Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. In-Network ta' Koordinazzjoni għandu jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki, jiffaċilita l-interpretazzjoni u l-infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament, jiskambja informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' infurzar, jiżviluppa proċedura ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni u jagħti bidu għal azzjonijiet konġunti ta' infurzar.

Emenda 300
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-għadd u l-piż ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw importati jew ittrasportati għal trattament ulterjuri minn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz;

Emenda 301
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-għadd ta' vetturi użati rilaxxati għall-esportazzjoni jew importati minn pajjiż terz;

Emenda 302
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ma) il-kwantitajiet materja prima kritika mneħħija u rkuprata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Emenda 303
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' ***partijiet*** u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33;	(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' ***parts*** u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33 ***u l-impatt tagħhom***;

Emenda 304
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri u, ***jekk ikun xieraq, tfassal*** rapporti dwar l-informazzjoni riċevuta sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki applikati fl-Istati Membri.	Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri u, ***tfassal u tippubblika*** rapporti dwar l-informazzjoni riċevuta ***sabiex tevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u*** sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki applikati fl-Istati Membri.

Emenda 305
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont u l-piż ***tal-partijiet***, tal-komponenti u tal-materjali mneħħija għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(g), (h) u (***i***);	(i) il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont u l-piż ***tal-parts***, tal-komponenti u tal-materjali mneħħija għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1***, il-punti*** (g), (h)***, (i)*** u (***ma***);

Emenda 306
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-format għar-rapportar lill-Kummissjoni msemmi ***fil-paragrafu*** 1, kif ukoll il-format għar-rapport tal-kontroll tal-kwalità.	(b) il-format għar-rapportar lill-Kummissjoni msemmi ***fil-paragrafi*** 1***, 2 u 3***, kif ukoll il-format għar-rapport tal-kontroll tal-kwalità.

Emenda 307
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).	Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***sa … [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta’ wara 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]*** f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

Emenda 308
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-produtturi, l-organizzazzjonijiet b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u operaturi ekonomiċi rilevanti oħra jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti ***b’data*** akkurata u affidabbli li tippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi ta’ rapportar tagħhom skont dan l-Artikolu.	6. Il-produtturi, l-organizzazzjonijiet b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u operaturi ekonomiċi rilevanti oħra ***għandhom*** jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti ***data*** akkurata u affidabbli li tippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi ta’ rapportar tagħhom skont dan l-Artikolu.

Emenda 309
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok	2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(4)***, 6(2)***, 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) ***[il-lista finali għandha tiġi aġġornata kif jintemmu n-negozjati]*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal

daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ 5 snin. Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.

perjodu ta’ 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ 5 snin. Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.

Emenda 310
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(4)***, 6(2)***, 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) ***[il-lista finali għandha tiġi aġġornata kif jintemmu n-negozjati]*** tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 311
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(4)***, 6(2)***, 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) ***[il-lista finali għandha tiġi aġġornata kif jintemmu n-negozjati]*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 312
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-31 ta' Diċembru 203* [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Sal-31 ta' Diċembru 203* [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Fejn ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun***

	akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 313
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħtieġa li jiġi estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III, kif ukoll il-Kapitolu IV it-Taqsima II, għall-vetturi tal-kategoriji L3e, L4e, L5e, L6e u L7e kif definiti fl-Artikolu 4(2***)(c) sa (g***), tar-Regolament (UE) 168/2013 u l-vetturi tal-kategoriji ***M2, M3, N2, N3*** u O kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/858;	(a) il-ħtieġa li jiġi estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III, kif ukoll il-Kapitolu IV it-Taqsima II, għall-vetturi tal-kategoriji ***L1e, L2e,*** L3e, L4e, L5e, L6e u L7e kif definiti fl-Artikolu 4(2), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u l-vetturi tal-kategoriji ***M_2, M_3, N_2, N_3*** u O kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/858;

Emenda 314
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-ħtieġa li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi estiż għall-vetturi li huma approvati għat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji u għall-karavans bil-mutur u l-karavans li jinġibdu;

Emenda 315
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-impatt tal-miżuri rigward l-esportazzjoni ta' vetturi użati stabbiliti fil-Kapitolu V u sa liema punt tkun ġiet solvuta l-kwistjoni tal-vetturi neqsin, inkluż stimi dwar l-għadd ta' vetturi neqsin;

Emenda 316
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) il-miżuri li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet dwar il-proċessi li jistgħu jaffettwaw ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja tal-vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom;

Emenda 317
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) l-impatt tad-differenzi fil-kriterji nazzjonali tal-affidabbiltà stradali fuq l-esportazzjonijiet tal-vetturi użati u fuq is-suq intern.

Emenda 318
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa ... [60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni

għandha twettaq valutazzjoni biex tevalwa, abbażi tad-dikjarazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 10, jekk il-manifatturi humiex fit-triq it-tajba biex jikkonformaw mal-miri tal-plastik riċiklat stabbiliti fl-Artikolu 6(1). Il-valutazzjoni għandha b'mod partikolari tevalwa:

(a) id-disponibbiltà ta' teknoloġiji xierqa tar-riċiklaġġ tal-plastik;

(b) id-disponibbiltà suffiċjenti ta' plastik riċiklat;

(c) il-livell tal-kwalità tal-plastik riċiklat meta mqabbel mal-livell ta' sikurezza meħtieġ u;

(d) id-diffikultajiet tekniċi u ekonomiċi biex tintlaħaq il-mira.

Abbażi tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda l-miri stabbiliti fl-Artikolu 6(1) sabiex tipprevedi derogi mill-kamp ta' applikazzjoni, mill-kalendarju jew mil-livell tal-perċentwali minimi stabbiliti fih.

Emenda 319
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Vettura tkun ***teknikament*** irreparabbli ***jekk*** tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:	1. Vettura tkun irreparabbli ***meta*** tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

Emenda 320
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tkun ġiet imqatta' f'biċċiet jew ***żarmata***;	(a) tkun ġiet imqatta' f'biċċiet jew ***żmantellata għall-użu mill-ġdid tal-parts tagħha jew ma għadhiex tintuża bħala vettura***;

Emenda 321
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tkun ġiet iwweldjata jew ingħalqet permezz ta' fowm iżolanti;	***imħassar***

Emenda 322
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tkun inħarqet ***kompletament*** sal-punt li ***jinqerdu*** l-kompartiment tal-magna jew il-kompartiment tal-passiġġieri;	(c) tkun inħarqet sal-punt li l-kompartiment tal-magna jew il-kompartiment tal-passiġġieri ***jkun inqered għalkollox***;

Emenda 323
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tkun tgħaddset fl-ilma sa livell ogħla mid-dashboard;	(d) tkun tgħaddset fl-ilma sa livell ogħla mid-dashboard;

Emenda 324
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) wieħed jew aktar mill-komponenti li ġejjin tal-vettura ***ma jistgħux*** jissewwew ***jew*** jiġu ssostitwiti:	(e) wieħed jew aktar mill-komponenti li ġejjin tal-vettura***, mil-lat tekniku, la jistgħu*** jissewwew ***u lanqas ma jistgħu*** jiġu ssostitwiti:

Emenda 325
Proposta għal regolament
Anness V – Parti A – punt 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-komponenti strutturali u ta' sikurezza tagħha għandhom difetti tekniċi li huma irriversibbli u li ***jagħmluhom mhux sostitwibbli, bħal tiqdim tal-metall, xquq multipli fil-primers,*** jew ***korrużjoni perforanti eċċessiva***;	(f) il-komponenti strutturali u ta' sikurezza tagħha għandhom difetti tekniċi li huma irriversibbli u ***fejn il-ħsara tant tkun estensiva*** li ***t-tiswija jew is-sostituzzjoni ma jkunux teknikament fattibbli mingħajr ma jiġu kompromessi l-integrità strutturali dejjiema tal-vettura*** jew ***is-sikurezza fit-toroq***;

Emenda 326
Proposta għal regolament
Anness I – parti A – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) it-tiswija tagħha teħtieġ is-sostituzzjoni tal-magna, tal-gearbox, tal-qafas jew tal-assemblaġġ tax-xażi, li tirriżulta fit-telf tal-identità oriġinali tal-vettura.	***imħassar***

Emenda 327
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vettura tkun ekonomikament irreparabbli jekk il-valur tas-suq tagħha jkun aktar baxx mill-kost tat-tiswijiet neċessarji biex tiġi rrestawrata fl-Unjoni għal kundizzjoni teknika li tkun biżżejjed biex jinkiseb ċertifikat tal-affidabbiltà stradali fl-Istat Membru fejn il-vettura tkun ġiet irreġistrata qabel it-tiswija.	***imħassar***

Emenda 328
Proposta għal regolament
Anness I – Parti A – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Vettura tista' titqies bħala teknikament irreparabbli meta:	***imħassar***
(a) tkun tgħaddset fl-ilma sa livell taħt id-dashboard, u tkun seħħetilha ħsara lill-magna jew lis-sistema elettrika;	
(b) il-bibien tagħha ma jkunux imwaħħlin magħha;	
(c) il-fjuwil jew il-fwar tal-fjuwil tagħha jkun qed inixxi u joħloq riskju ta' nar u splużjoni;	
(d) il-gass ikun ħareġ mis-sistema tal-gass likwidu tagħha u joħloq riskju ta' nar u splużjoni;	
(e) il-likwidi ta' tħaddim tagħha (fjuwil, fluwidu tal-brejkijiet, likwidu kontra l-inġazz, aċidu tal-batterija, likwidu tat-tkessiħ) ikunu qed inixxu b'riskju ta' tniġġis tal-	

ilma; jew

(f) il-brejkijiet u l-komponenti tal-istering tagħha jkunu ttieklu b'mod eċċessiv.

Jekk tiġi ssodisfata waħda minn dawk il-kundizzjonijiet, għandha titwettaq valutazzjoni teknika individwali sabiex jiġi vvalutat jekk l-istatus tekniku ta' vettura jkunx biżżejjed biex jinkiseb ċertifikat tal-affidabbiltà stradali fl-Istat Membru fejn il-vettura tkun ġiet irreġistrata qabel it-tiswija.

Emenda 329
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kriterji li ġejjin jistgħu jintużaw ukoll bħala ġustifikazzjoni addizzjonali biex jiġi ddeterminat jekk vettura użata hijiex vettura li ma għadhiex tintuża:	Il-kriterji li ġejjin jistgħu jintużaw ukoll ***waqt valutazzjoni individwali*** bħala ġustifikazzjoni addizzjonali biex jiġi ddeterminat jekk vettura użata hijiex vettura li ma għadhiex tintuża:

Emenda 330
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt eb

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***is-sid tagħha ma jkunx magħruf***;	(b) ***ikun impossibbli li jiġi stabbilit min huwa s-sid***;

Emenda 331
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ma kellhiex it-test tekniku nazzjonali meħtieġ tagħha tal-affidabilità stradali għal aktar minn sentejn mid-data meta dan kien meħtieġ l-aħħar;	***imħassar***

Emenda 332
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ma tkunx protetta kif xieraq kontra l-ħsara matul il-ħżin, it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt; ***jew***	(d) ma tkunx protetta kif xieraq kontra l-ħsara matul il-ħżin, it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt;

Emenda 333
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) din ġiet ittrasferita għat-trattament f'punt ta' ġbir awtorizzat jew f'faċilità ta' trattament tal-iskart awtorizzata***.***	(e) din ġiet ittrasferita għat-trattament f'punt ta' ġbir awtorizzat jew f'faċilità ta' trattament tal-iskart awtorizzata***;***

Emenda 334
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) tkun tgħaddset fl-ilma sa livell taħt id-dashboard, u tkun seħħetilha ħsara lill-magna jew lis-sistema elettrika;

Emenda 335
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) il-fjuwil jew il-fwar tal-fjuwil tagħha jkun qed inixxi u joħloq riskju ta' nar u splużjoni; jew

Emenda 336
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) ikun ħareġ il-gass mis-sistema tal-gass likwidu tagħha u joħloq riskju ta' nar u splużjoni;

Emenda 337
Proposta għal regolament
Anness I – Parti B – paragrafu 1 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ed) il-likwidi ta' tħaddim tagħha (fjuwil, fluwidu tal-brejkijiet, likwidu kontra l-inġazz, aċidu tal-batterija, likwidu tat-tkessiħ) ikunu nixxew u joħolqu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma.

Emenda 338
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deskrizzjoni mhux teknika tal-azzjonijiet ippjanati biex jiġi żgurat li l-vetturi ***li jappartjenu għat-tip ta' vettura jkomplu***	1. Deskrizzjoni mhux teknika tal-azzjonijiet ippjanati biex jiġi żgurat li l-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti legali msemmija fl-

jissodisfaw ir-rekwiżiti legali msemmija fl-Artikoli 4 sa 7 matul il-produzzjoni tagħhom.	Artikoli 4 sa 7 matul il-produzzjoni tagħhom.

Emenda 339
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jiġi ċċekkjat u vverifikat it-tagħrif*** li jasal mill-fornituri;	(b) ***tiġi ċċekkjata l-kompletezza tat-tagħrif*** li jasal mill-fornituri;

Emenda 340
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun hemm reazzjoni adegwata meta d-data riċevuta mill-fornituri tindika riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4, 5 jew 6.	***imħassar***

Emenda 341
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet dwar it-teknoloġiji tat-trattament fi tmiem il-ħajja fis-seħħ, il-progress teknoloġiku rilevanti fit-teknoloġiji tat-trattament fi tmiem il-ħajja u l-investiment tal-kapaċità f'teknoloġiji bħal dawn***, mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, li l-manifattur uża sabiex jikkalkula r-riutilizzabbiltà, ir-***	3. Informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet dwar it-teknoloġiji tat-trattament fi tmiem il-ħajja fis-seħħ, il-progress teknoloġiku rilevanti fit-teknoloġiji tat-trattament fi tmiem il-ħajja u l-investiment tal-kapaċità f'teknoloġiji bħal dawn***;***

riċiklabbiltà u r-rekuprabilità f'konformità mal-Artikolu 4 tat-tip ta' vettura.

Emenda 342
Proposta għal regolament
Anness IV – parti A – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Lista ta' azzjonijiet li l-manifattur jimpenja ruħu li jwettaq sabiex jiżgura li t-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***tat-tip ikkonċernat*** jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'enfasi partikolari fuq:	5. Lista ta' azzjonijiet li l-manifattur jimpenja ruħu li jwettaq sabiex jiżgura li t-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'enfasi partikolari fuq:

Emenda 343
Proposta għal regolament
Anness IV – parti A – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) miżuri mfassla biex jiffaċilitaw it-tneħħija ta' ***partijiet*** indikati fl-Anness VII, il-Parti C;	(a) miżuri mfassla biex jiffaċilitaw it-tneħħija ***b'mod mhux distruttiv*** ta' ***parts*** indikati fl-Anness VII, il-Parti C;

Emenda 344
Proposta għal regolament
Anness I V– Parti A – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) miżuri li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ għal materjali użati fil-vetturi, li għalihom teknoloġiji bħal dawn ma humiex disponibbli b'mod wiesa' fuq skala kummerċjali ***fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip***;	(b) ***b'kooperazzjoni ma' operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jew istituti tar-riċerka,*** miżuri li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ għal materjali ***u komponenti*** użati fil-vetturi, li għalihom teknoloġiji bħal dawn ma humiex disponibbli b'mod

wiesa’ fuq skala kummerċjali;

Emenda 345
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-monitoraġġ dwar kif il-partijiet, il-komponenti u l-materjali li jinsabu fil-vetturi li jappartjenu għat-tip ta’ vettura jerġgħu jintużaw, jiġu rriċiklati u rekuperati fil-prattika;	***imħassar***

Emenda 346
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-użu ta’ materjali u tekniki li ***jfixklu ż-żarmar*** faċli jew jagħmlu r-riċiklaġġ diffiċli ħafna***, pereżempju adeżivi jew materjali rinforzati bil-fibri***;	(d) miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-użu ta’ materjali u tekniki li ***jxekklu l-iżmantellar*** faċli jew jagħmlu r-riċiklaġġ diffiċli ħafna;

Emenda 347
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 5 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) attivitajiet ta’ riċerka u żvilupp imwettqa sabiex jiġu implimentati l-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e).

Emenda 348
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Deskrizzjoni tan-natura u tal-forma tal-azzjonijiet imsemmija fil-punt 5, pereżempju investimenti fir-riċerka u fl-iżvilupp, investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji jew infrastruttura tar-riċiklaġġ, u kif kienet qed tikkoopera mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart involuti fl-użu mill-ġdid, fir-riċiklaġġ u fl-irkupru tal-vetturi u fit-tneħħija tal-partijiet tagħhom.	***imħassar***

Emenda 349
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Deskrizzjoni tal-mod li bih se tiġi vvalutata l-effettività tal-azzjonijiet imsemmija fil-punt 6.	***imħassar***

Emenda 350
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jsiru applikabbli l-Artikoli 4 sa 7, l-istrateġija taċ-ċirkolarità għandha tispjega kif il-manifattur jikkonforma mar-rekwiżiti taċ-ċirkolarità stabbiliti fid-Direttiva 2005/64/KE ***vverifikati matul il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, b'mod partikolari l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva, u r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2000/53/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) ta' dik id-***	Qabel ma jsiru applikabbli l-Artikoli 4 sa 7, l-istrateġija taċ-ċirkolarità għandha tispjega kif il-manifattur jikkonforma mar-rekwiżiti taċ-ċirkolarità stabbiliti fid-Direttiva 2005/64/KE***.***

Direttiva.

Emenda 351
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti B – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu aġġornament tal-istrateġija taċ-ċirkolarità ***mill-inqas*** kull 5 snin.	1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu aġġornament tal-istrateġija taċ-ċirkolarità kull 5 snin.

Emenda 352
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti B – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istrateġija ***taċ-ċirkolarità*** aġġornata għandha tinkludi dawn li ġejjin:	2. L-istrateġija aġġornata ***taċ-ċirkolarità*** għandha tinkludi ***l-bidliet ġodda rilevanti u b'mod partikolari*** dawn li ġejjin:

Emenda 353
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti B – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deskrizzjoni ta' kif twettqu l-azzjonijiet imsemmija ***fil-punt 6 tal-Parti*** A u, fil-każ li ma tkunx twettqet azzjoni waħda jew aktar indikati fl-istrateġija, spjegazzjoni tar-raġunijiet għal dan;	(a) deskrizzjoni ta' kif twettqu l-azzjonijiet imsemmija ***fil-Parti*** A u, fil-każ li ma tkunx twettqet azzjoni waħda jew aktar indikati fl-istrateġija, spjegazzjoni tar-raġunijiet għal dan;

Emenda 354
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti B – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) valutazzjoni tal-effettività tal-azzjonijiet imsemmija ***fil-punt***	(b) valutazzjoni tal-effettività tal-azzjonijiet imsemmija ***fil-Parti***

6 tal-Parti A;	A;

Emenda 355
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti B – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***deskrizzjoni ta' kif l-azzjonijiet imsemmija fil-punt 6 tal-Parti A ġew meqjusa jew se jitqiesu*** fid-disinn ***ta' tipi ġodda ta' vetturi***.	(c) ***informazzjoni dwar il-bidliet sinifikanti*** fid-disinn ***u fil-produzzjoni mwettqa mill-manifattur biex itejjeb iċ-ċirkolarità tal-vetturi***.

Emenda 356
Proposta għal regolament
Anness IV – Parti B – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każ ta' bidliet sinifikanti fid-disinn u fil-produzzjoni tat-tip ta' vettura, l-istrateġija aġġornata taċ-ċirkolarità għandha tiffoka b'mod partikolari fuq dawn li ġejjin:	***imħassar***
(a) bidliet fl-użu ta' partijiet u ta' komponenti f'vetturi ġodda li huma faċli biex jiżżarmaw għall-użu mill-ġdid jew għal riċiklaġġ ta' kwalità għolja;	
(b) bidliet fl-użu ta' materjali f'vetturi ġodda li huma faċli biex jiġu rriċiklati;	
(c) l-adozzjoni ta' karatteristiċi tad-disinn biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-użu ta' materjali u tekniki li jfixklu t-tneħħija faċli jew jagħmlu r-riċiklaġġ diffiċli ħafna, pereżempju adeżivi, plastiks komposti jew materjali	

rinforzati bil-fibri;

(d) bidliet fl-użu ta' materjali riċiklati f'vetturi ġodda u f'partijiet u f'komponenti manifatturati mill-ġdid jew rinnovati fil-vetturi u tal-kompatibbiltà ta' partijiet u komponenti minn tipi oħra ta' vetturi; kif ukoll

(e) bidliet fl-użu ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5 f'vetturi ġodda.

Emenda 357
Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji ***tal-vetturi*** elettriċi inkorporati fil-vettura:	1. Batteriji ***ta' vetturi*** elettriċi ***u batteriji ta' mezzi tat-trasport ħfief (batteriji LMT)*** inkorporati fil-vettura:

Emenda 358
Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru;	(a) numru ***tat-tagħmir oriġinali***;

Emenda 359
Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa u t-tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji kif definiti fl-Artikolu 14 u fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2023/1542.

Emenda 360
Proposta għal regolament
Anness V – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru;	(a) numru ***tat-tagħmir oriġinali***;

Emenda 361
Proposta għal regolament
Anness V – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) numru;	(b) numru ***tat-tagħmir oriġinali***;

Emenda 362
Proposta għal regolament
Anness V – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru;	(a) numru ***tat-tagħmir oriġinali***;

Emenda 363
Proposta għal regolament
Anness V– punt 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) informazzjoni, speċifikazzjonijiet, għodod u proċessi, inklużi aġġornamenti tas-software, meħtieġa għar-rimanifattura u għar-rinnovazzjoni.

Emenda 364
Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi - l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra;	(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi ***l-kapaċità ta' tneħħija tar-reġistrazzjoni jew ta' diżakkoppjar ta' part min-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) ta' vettura li ma għadhiex tintuża u, fejn meħtieġ, ir-reġistrazzjoni tagħha mill-ġdid fis-sistema ta' informazzjoni tal-manifattur tal-vettura biex din tkun tista' tiġi installata f'vettura oħra;*** - l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra***, bl-użu ta' għodod dijanjostiċi ta' diversi ditti u s-server backend tal-manifattur tal-vettura għall-vettura msewwija, jekk ikun meħtieġ***;

Emenda 365
Proposta għal regolament
Anness VI – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Informazzjoni fuq it-tikketta ta' muturi tat-trazzjoni elettrika li fihom materjali ta' kalamiti permanenti:	***imħassar***
(a) indikazzjoni li dawk il-prodotti jinkorporaw kalamita permanenti waħda jew aktar;	
(b) indikazzjoni dwar jekk dawk il-kalamiti jappartjenux għal xi wieħed mit-tipi li ġejjin:	
(i) Neodimju-Ħadid-Boron;	

(ii) Samarju-Kobalt;

(iii) Aluminju-Nikil-Kobalt;

(iv) Ferrit;

(c) għal kalamiti permanenti tat-tipi msemmija fil-punt 3(b)(i) u (ii), trasportatur tad-data relatat ma' identifikatur uniku tal-prodott li jipprovdi aċċess għal dawn li ġejjin:

(i) l-isem, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata u l-indirizz postali tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli u, meta disponibbli, il-mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni fejn jistgħu jiġu kkuntattjati;

(ii) informazzjoni dwar il-piż, il-post u t-tip tal-kalamiti permanenti individwali kollha inklużi fil-prodott, u dwar il-preżenza u t-tip ta' kisi tal-kalamiti, kolol u kull addittiv użat;

(iii) informazzjoni li tippermetti l-aċċess u t-tneħħija tal-kalamiti permanenti kollha inkorporati fil-prodott, li tal-anqas tinkludi s-sekwenza tal-passi tat-tneħħija, l-għodod jew it-teknoloġiji kollha meħtieġa għall-aċċess u t-tneħħija tal-kalamita permanenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2012/19/UE.

Emenda 366
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti B – punt 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sistemi tal-arja	(b) is-sistemi tal-arja

kundizzjonata u r-refriġeranti għandhom jiġu ttrattati f'konformità mar-Regolament (UE) ***Nru 517/2014***;	kundizzjonata u r-refriġeranti għandhom jiġu ttrattati f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/573***;

Emenda 367
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji ***tal-vetturi*** elettriċi;	1. Batteriji ***ta' vetturi elettriċi kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (14), ta' dan ir-Regolament u batteriji LMT, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (11), tar-Regolament (UE) 2023/1542, inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord għall-vetturi*** elettriċi***, u l-kejsing jew il-kassetti, jekk ikun hemm***;

Emenda 368
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/****[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]***;	3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/1542 u batteriji portabbli kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (9), tar-Regolament (UE) 2023/1542***;

Emenda 369
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards	***imħassar***

Emenda 370
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. ***Partijiet*** direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni***, inklużi l-kontrolluri tal-ħoss, tan-navigazzjoni, u multimedjali, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru***;	11. ***Parts*** direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni;

Emenda 371
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Emenda 372
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Konteniturі ***tal-fluwidi***;	15. Konteniturі ***tal-fjuwil***;

Emenda 373
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	***imħassar***

Emenda 374
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. Kwalunkwe komponent tal-plastik ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	***imħassar***

Emenda 375
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 19 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bordijiet ta' ċirkwiti stampati b'erja tas-superfiċe akbar minn 10 cm^2;	***imħassar***

Emenda 376
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti D – punt 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***il-parti*** jew il-komponent ***ikun komplut***;	(i) ***il-part*** jew il-komponent ***għandu jkun fih il-parts kollha rilevanti***;

Emenda 377
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti D – punt 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) valutazzjoni tal-ħsara, funzjonalità mnaqqsa jew prestazzjoni u tiswijiet meħtieġa biex ***il-parti*** jew il-komponent jiġi rrestawrat għal stat li fih ikun tajjeb biex ***jintuża***;	(ii) valutazzjoni tal-ħsara, funzjonalità mnaqqsa jew prestazzjoni u tiswijiet meħtieġa biex ***il-part*** jew il-komponent jiġi rrestawrat għal stat li fih ikun ***potenzjalment*** tajjeb biex ***jiġi rimanifatturat jew rinnovat***;

Emenda 378
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti D – punt 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ma ***hemm l-ebda korrużjoni serja***.	(iii) ***spezzjoni viżwali turi li l-korrużjoni*** ma ***timpedix il-funzjonalità tal-part jew tal-komponent***.

Emenda 379
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti D – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) referenza għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) li minnha tneħħa l-komponent jew il-parti; kif ukoll	***imħassar***

Emenda 380
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti E – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sistemi għall-posttrattament tal-emissjonijiet (eż. konvertituri katalitiċi, filtri tal-partikoli).	2. Sistemi għall-posttrattament tal-emissjonijiet (eż. konvertituri katalitiċi, filtri tal-partikoli) ***jekk dawk il-parts ma jkunux koperti mill-garanzija li tiddikjara li l-part hija konformi mat-test tal-affidabbiltà stradali relatat kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/45/UE***.

Emenda 381
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti F – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 70 tar-	2. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 70 tar-

Regolament (UE) ***2023/****[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]***.	Regolament (UE) ***2023/1542***.

Emenda 382
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti G – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kopja tal-kuntratt bil-miktub bejn il-faċilità tat-trattament awtorizzata u l-faċilità li twettaq l-operazzjonijiet tat-tqattigħ u li tuża teknoloġiji*** ta' ***wara t-tqattigħ, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet dwar il-kwalità tal-materjali sekondarji u l-ispeċifikazzjoni teknika segwita fl-ipproċessar tal-frazzjonijiet tat-trattament minn vetturi li ma għadhomx jintużaw.***	1. ***Sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 28(3)*** ta' ***dan ir-Regolament, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw jistgħu jitqattgħu flimkien ma' skart ieħor biss jekk:***
	(a) l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jkun ġie ttrattat f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2012/19/UE;
	(b) il-batteriji kollha jkunu tneħħew f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542;
	(c) l-imballaġġ tal-plastik ikun ġie sseparat mill-iskart mill-imballaġġ u mill-imballaġġ tal-metall f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/40;
	(d) il-proċess tat-tqattigħ ikkombinat ma jnaqqasx il-kwalità tal-flussi tal-iskart meta mqabbel mat-trattament separat; kif ukoll
	(e) il-kontributi speċifiċi ta' kull fluss ta' skart imħallat għall-frazzjonijiet tal-output jistgħu jiġu identifikati bħala

	li jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar skont ir-Regolement (UE) 2023/1542, ir-Regolament (UE) 2025/40, id-Direttiva 2012/19/UE u d-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda 383
Proposta għal regolament
Anness VII – Parti G – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rapport tal-analiżi tal-kampjun dwar il-kwalità u l-kwantità tal-frazzjonijiet tat-trattament (output) għal konfigurazzjoni tat-trattament rappreżentattiva pprovduta minn korp indipendenti.	2. Rapport ***ta' bilanċ tal-massa*** tal-analiżi tal-kampjun dwar il-kwalità u l-kwantità tal-frazzjonijiet tat-trattament (output) għal konfigurazzjoni tat-trattament rappreżentattiva pprovduta minn korp indipendenti.

Emenda 384
Proposta għal regolament
Anness VIII – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-produttur jew mir-rappreżentant ***maħtur*** tiegħu għar-responsabbiltà estiża tal-produttur:	1. L-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-produttur jew mir-rappreżentant ***awtorizzat*** tiegħu għar-responsabbiltà estiża tal-produttur:

Emenda 385
Proposta għal regolament
Anness IX – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-isem***, l-indirizz, in-nazzjonalità*** tal-pussessur jew tas-sid tal-vettura kunsinnata.	7. L-isem ***u l-indirizz*** tal-pussessur jew tas-sid tal-vettura kunsinnata.

Emenda 386
Proposta għal regolament
Anness Xa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness Xa
	KRITERJI GĦALL-EĊĊEZZJONI TA' VETTURI TA' INTERESS KULTURALI SPEĊJALI
	L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun irreġistrata vettura tista' tirrikonoxxi vettura bħala li għandha interess kulturali speċjali meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) il-valur jew l-istatus storiku jew kulturali uniku tal-vettura jkun ġie ddokumentat jew mis-sid tal-vettura jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, jew il-vettura tkun vettura waħdanija modifikata jew mibnija apposta;
	(b) is-sid tal-vettura jkun magħruf u jista' jiġi identifikat;
	(c) il-vettura tista' tiġi identifikata b'mod uniku min-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura (VIN), min-numru tas-serje, jew minn identifikazzjoni uffiċjali oħra assenjata mill-manifattur jew minn awtorità kompetenti.